it-TORĊA

No. 5301
Il-Ħadd 18 ta' Jannar 2026 | €1.95

talk.mt

Aqra l-gazzetta diġitali
Subscribe.mt

# "DEJJEM KONNA GVERN GĦAN-NIES... MINFLOK AWSTERITÀ, INVESTEJNA FIN-NIES"

Intervista mal-PM Robert Abela fl-okkażjoni tas-sitt snin mit-tmexxija tiegħu



f'paġni 4, 5 u 9

## It-tensjonijiet ġeopolitiċi... kif se jaffettwaw lil ekonomiji dinjin

Quddiem it-tensjonijiet ġeopolitiċi li żviluppaw fl-aħħar jiem b'mod partikolari dak li għaddej fl-Istati Uniti, l-intervent tagħhom fil-Venezwela, it-theddida lil Iran, u r-relazzjoni mal-Unjoni Ewropeja dwar Greenland flimkien ma' kunflitti bħal dak fl-Ukrajna u l-Lvant Nofsani fost oħrajn, qegħdin iqajmu tħassib kbir dwar kif se jaffettwaw l-ekonomiji madwar id-dinja.

IT-TORĊA tkellmet ma' għadd ta' istituzzjonijiet u ekonomisti dwar dak li għaddej x'effett jista' jkollu fuq l-ekonomija Maltija. Fi kliem il-Ministru għall-Finanzi, Clyde Caruana, 'Malta kapaċi nifilħu għall-maltemp ġeopolitiku aħjar minn ħaddieħor". Minn naħa tiegħu, l-Ministru għall-Affarijiet Barranin, Ian Borg saħaq li 'domanda domestika se tibqa' l-magna ewlenija tat-tkabbir".

rapporti f'paġni 6, 7, 11, 19, 44

## Ammont kbir ta' silġ jiksi żoni fir-Rabat f'Malta



f'paġna 37

## Malta bl-aqwa żieda fit-turiżmu madwar l-Unjoni Ewropea fl-2025

f'paġna 37

# JITĦABBAR IL-KALENDARJU TAL-ATTIVITAJIET TA' HERITAGE MALTA GĦALL-2026

Heritage Malta ħabbret il-kalendarju tal-attivitajiet tagħha għall-2026, programm mifrux fuq sena sħiħa li jinkludi aktar minn 200 attività mfassla biex il-wirt kulturali ta' Malta jiġi esperjenzat b'mod aktar miftuħ, aċċessibbli u parteċipattiv. Il-kalendarju juri bidla ċara lejn mod kif il-patrimonju mhux biss jinżamm u jiġi ppreżentat, iżda jitwassal b'mod ħaj lin-nies ta' kull età.




Il-programm għall-2026 joffri taħlita wiesgħa ta' attivitajiet li jmorru lil hinn miż-żjara tradizzjonali fil-mużewijiet. Fosthom hemm tours tematiċi, workshops, mixjiet iggwidati, dawriet fuq il-baħar u inizjattivi interattivi li jħeġġu lill-pubbliku jiskopri u jifhem aħjar is-siti storiċi ta' pajjiżna. L-għan hu li l-wirt jitqiegħed fil-qalba tal-ħajja ta' kuljum u mhux jitħalla bħala relikwa statika tal-passat.

Il-Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali Owen Bonnici ddeskriva l-kalendarju bħala wieħed ambizzjuż li jsaħħaħ l-aċċess u l-parteċipazzjoni. Huwa qal, "Il-Kalendarju ambizzjuż li qed inniedu juri kif il-patrimonju tagħna mhux biss jinżamm, imma jitwassal b'mod ħaj lin-nies. Aktar minn 200 attività mifruxa fuq sena sħiħa jfissru aktar aċċess, aktar parteċipazzjoni u aktar opportunitajiet biex il-wirt Malti jkun jista' jitgawda minn kulħadd."

Il-familji u t-tfal jinsabu fiċ-ċentru tal-programm, b'attivitajiet edukattivi u kreattivi mfassla biex irawmu l-kurżità u sens ta' appartenenza sa minn età żgħira. Fl-istess ħin, il-kalendarju jirrifletti stili ta' ħajja li qed jevolvu, bl-introduzzjoni ta' attivitajiet marbuta mal-benesseri, bħal klassijiet ta' eżerċizzju u tagħlim dwar in-nifs, kif ukoll esperjenzi kreattivi bħal sessjonijiet Sip & Paint li joffru perspettiva differenti fuq siti familjari.

L-ikel u t-tradizzjonijiet marbuta miegħu huma wkoll parti integrali mill-programm. Inizjattivi bħal Taste History u l-cookalongs popolari jlaqqgħu l-istorja, il-kċina u r-rakkonti tradizzjonali f'esperjenzi multisensorjali. Fl-istess waqt, sessjonijiet iddedikati għal persuni b'diżabilità jkomplu jsaħħu l-inklużività, filwaqt li attivitajiet esklussivi għall-membri joffru esperjenzi uniċi lill-akbar sostenituri ta' Heritage Malta. Il-kunċett ta' Museums by Candlelight se jerġa' jirritorna, u jagħti lill-viżitaturi l-opportunità jesperjenzaw siti storiċi f'atmosfera differenti.

Wieħed mill-avvenimenti ewlenin tal-2026 se jkun it-tieni edizzjoni tal-Malta Biennale, li għal darb'oħra se jittrasforma siti storiċi f'pjattaformi għall-arti kontemporanja lokali u internazzjonali, u jħeġġeġ djalogu bejn l-imgħoddi u l-preżent. Il-kalendarju sħiħ tal-attivitajiet ta' Heritage Malta għall-2026 u aktar informazzjoni dwar l-avvenimenti u l-biljetti huma disponibbli fuq is-sit uffiċjali tal-aġenzija u l-kanali ta' komunikazzjoni tagħha.



# 50 Kunsill Lokali mogħti għajnuna finanzjarja biex jittellgħu avvenimenti marbuta mal-Karnival

Matul il-ġranet tal-Karnival li ġejjin, madwar 50 attività se jittellgħu f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, hekk kif il-Direttorat għall-Gvern Lokali qed jerġa' joffri sostenn finanzjarju lill-Kunsilli Lokali biex jorganizzaw inizjattivi staġjonali fil-komunitajiet tagħhom. Għal din l-iskema ġie allokat €250,000, b'għan li l-briju tal-Karnival jitqassam b'mod aktar mifrux u aċċessibbli.

L-inizjattiva tpoġġi l-Karnival bħala wieħed mill-aktar avvenimenti kulturali antiki u popolari f'pajjiżna, li kull sena jiġbed lejh familji, residenti u viżitaturi. Tul dawn il-ġranet, toroq u pjazez jinbidlu f'postijiet ta' divertiment, mużika u attivitajiet li jsaħħu s-sens ta' komunità u parteċipazzjoni, mhux biss fiċ-ċentri ewlenin, iżda wkoll fil-lokalitajiet.

Il-Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali Owen Bonnici enfasizza l-valur ta' din it-tradizzjoni u l-impenn li jkomplu jingħata l-appoġġ meħtieġ lill-Kunsilli Lokali. Huwa stqarr, "Fi żmien il-Karnival se jkunu qed jitellgħu madwar 50 attività f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, li se joffru divertiment varjat għal kulħadd. Dan qed isir grazzi għall-impenn kontinwu tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, li għal darb'oħra qed jissostni b'mod finanzjarju lill-Kunsilli Lokali sabiex ikunu jistgħu jorganizzaw attivitajiet staġjonali ta' kwalità. Inizjattiva li mhux biss tqajjem il-briju tal-festa, iżda tkompli tappoġġja l-kultura, il-parteċipazzjoni u l-għaqda fil-komunitajiet tagħna."

Min-naħa tagħha, is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Alison Zerafa Civelli spjegat li l-iskema għall-Karnival 2026 ġiet varata biex il-Kunsilli Lokali jkunu f'pożizzjoni aħjar li jkomplu jippreservaw u jsaħħu din it-tradizzjoni fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom. Hija qalet li dan l-approċċ jimxi id f'id mal-Viżjoni tal-Gvern 2050 u mal-istrateġija usa' biex il-kultura tibqa' aċċessibbli u mifruxa.



L-attivitajiet tal-Karnival se jsiru f'għadd kbir ta' lokalitajiet, fosthom Attard, Birkirkara, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, San Pawl il-Baħar, il-Furjana, Raħal Ġdid, Ħal Tarxien, Birżebbuġa, Marsaxlokk, iż-Żejtun, Ħal Qormi, il-Ħamrun u diversi rħula f'Għawdex. Dan ifisser li r-residenti se jkollhom l-opportunità jgawdu l-Karnival qrib ta' darhom, filwaqt li l-avvenimenti ewlenin jibqgħu jsiru fil-Belt Valletta u l-Furjana.

B'dan is-sostenn, il-Karnival qed ikompli jiġi ċċelebrat bħala festa nazzjonali li tgħaqqad il-kultura, il-kreattività u l-komunità, u li tagħti spazju lil kull lokalità biex tikkontribwixxi b'mod attiv għal din it-tradizzjoni storika.



# "DEJJEM KONNA GVERN GĦAN-NIES... MINFLOK AWSTERITÀ, INVESTEJNA FIN-NIES"

## Intervista mal-PM Robert Abela fl-okkażjoni tas-sitt snin mit-tmexxija tiegħu



Fit-13 ta' Frar tal-2020 Dott. Robert Abela ħa l-ġurmanent bħala l-Prim Ministru ġdid ta' Malta, responsabbiltà kbira li ngħatat lilu fi żminijiet ta' sfidi internazzjonali bla preċedent b'mod partikolari l-pandemija tal-Covid-19. Segwu din il-kriżi serja, inflazzjoni qawwija u tensjonijiet ġeopolitiċi serji bil-gwerer fl-Ukrajna u f'Gaża iżda mhux biss. Minkejja l-isfidi, il-Prim Ministru Robert Abela, irnexxielu jżomm lil pajjiżna sigur, soċjalment ġust u f'qagħda ekonomika stabbli. Dan grazzi għad-deċiżjonijiet kuraġġużi meħuda b'ruħ soċjali f'dawn is-sitt snin ta' tmexxija tiegħu.

Filwaqt li x-xokkijiet globali għadhom għaddejjin, il-kwalità tal-ħajja f'Malta kompliet titjieb biċ-ċittadini dejjem fil-qalba tal-politika mħaddna. Minn intervista li għamlitlu IT-TORĊA joħroġ ċar li Malta se tibqa' miexja 'l quddiem bi Gvern viċin u għan-nies. Dott Abela, flok għamel bħal pajjiżi oħra, inklużi Ewropej, li jmur lejn politika ta' awsterità, għażel li jinvesti fin-nies. Dan għax huwa jemmen fin-nies u b'dan il-mod in-nies temmen fih. Dawn huma l-mistoqsijiet li għamilnielu b'ħarsa lejn is-sitt snin ta' ħidma tiegħu u lil hinn.

*Prim Ministru llum is-sentiment li jinħass huwa li l-poplu fil-maġġoranza tiegħu - dan joħroġ anke mis-surveys - jemmen li l-Partit Laburista joffri l-aqwa soluzzjoni għal sfidi li jkollu quddiemu l-pajjiż. X'taħseb li qiegħed iwassal għal dan? Wara sitt snin fil-kariga, fejn tħoss li biddilt il-pajjiż u fejn tħoss li tixtieq tasal aktar?*

Ingawdu l-fiduċja tal-poplu għax dejjem konna Gvern għan-nies. Minflok awsterità, investejna fin-nies. U meta temmen fin-nies, in-nies temmen fik. Barra minn hekk dejjem bqajna forza dinamika. Ġibna bosta bidliet b'miżuri li sa ftit tas-snin ilu l-pajjiż ma kienx joħlom fosthom stabbiltà fil-prezzijiet tal-enerġija, żewġ tax cuts konsekuttivi, żidiet fil-pensjoni tant li llum il-pensjoni minima laħqet dik massima fi żmien Gvern Nazzjonalista. Imma xorta nemmen li fadal li inġibu aktar bidliet.

Għaddejna minn bosta sfidi fosthom il-pandemija li ma kellna l-ebda manwal għaliha, żewġ gwerer, kriżi fis-settur tal-enerġija u l-isfida internazzjonali tal-inflazzjoni. Issa qegħdin ikomplu jfeġġu sfidi ġeo-politiċi li rridu nkomplu nkunu ffukati biex pajjiżna jibqa joħloq u jgawdi l-ġid. L-enfasi tibqa fuq l-ekonomija, għax dik biss tħallina nkomplu nġibu bidliet soċjali. Fl-istess ħin irridu nibqgħu forza progressiva u li taħdem għas-sewwa. Insemmi pereżempju l-appoġġ għall-familji – mill-investiment fl-IVF, għal leave aħjar għall-ġenituri għat-tneħħija tal-income tax fuq dejjem aktar familji. Imbagħad, fuq livelli oħra, irrid nara pajjiżna jagħmel il-qabża li jmiss fil-kwalità. Qed nirreferi wkoll għal proġetti li bihom irridu rridu ngħollu l-kwalità fosthom insemmi r-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir. Dan minbarra l-Malta Vision 2050, li jien nemmen se tkun l-akbar bidla li ra pajjiżna mindu dħalna fl-Unjoni Ewropea.

*L-ekonomija kibret u l-aħħar budget reġa' kien budget soċjali ieħor li fih tħabbru għadd ta' miżuri li jsostnu b'mod partikolari l-familji Maltin. L-investiment fih ilaħħaq €9.3 biljun. Fil-fatt, b'mod ġenerali, Budget 2026 ġie mfaħħar ħafna u huwa meqjus bħala l-aktar budget li ħalla flus fil-but tan-nies. Lil hinn mill-flus fil-but, taħseb li hemm bżonn niffukaw ukoll fuq il-kwalità tal-ħajja? Kif se taħdmu biex tilħqu l-aspettattivi ħafna aktar għoljin tan-nies?*

Fil-Budgets kellna diversi miżuri biex mhux biss inżidu l-flus fil-but imma biex intejjbu l-kwalita tal-ħajja tan-nies. Biss biss kemm ilni Prim Ministru l-ħaddiema gawdew minn 19-il ġurnata leave li kieku kienu jitilfu minħabba deċizjonijiet ta' amministrazzjonijiet oħra. Skont il-Eurostat mentri fl-2019 ħaddiem Malti bħala medja kien jaħdem 39 siegħa fil-ġimgħa, illum dan naqas għal 37 siegħa. Iż-żieda fil-pagi, r-remote working u l-flessibilità żdiedu ħafna u dan seħħ għax kellna ekonomija b'saħħitha u Gvern li ħadem biex itejjeb il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema.

Ifisser li wasalna. Le. Ġustament in-nies jistennew dejjem iżjed. U hekk nieħu gost. Huwa proprju dak li huwa l-pedament tas-suċċess ta' pajjiżna. Li l-aspettativi tal-poplu dejjem jogħlew. U huwa xogħolna l-politiċi li dawn l-aspettativi nagħmluhom realtà. Iva aħna pajjiż li mxejna ħafna 'l quddiem imma fadal aktar x'niksbu.

Qegħdin f'sena importanti fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tagħna. Irridu l-familji tagħna jgħixu l-isbaħ żmien ma' wliedhom, mal-ġenituri tagħhom u fl-isbaħ ambjent possibli. Għalhekk impenjajna ruħna wkoll li nagħmlu tliet parks nazzjonali billi nagħtu lin-nies dak li ħadilhom ħaddieħor. Fl-istess ħin iridu li jkompli jitjieb bis-saħħa d-dħul tal-ħaddiema. Fis-settur pubbliku irnexxielna inżidu l-pagi tal-ħaddiema permezz tal-aqwa ftehmiet kollettivi fl-istorja. Issa minn din is-sena se nsostnu bis-saħħa ż-żidiet fil-pagi li jagħti l-privat. Dan nistgħu nagħmluh sakemm tkompli iddur ir-rotal-ekonomika, minkejja l-isfidi internazzjonali.

*Wettaqt ħafna bidliet fil-governanza. Fuq l-istat tad-dritt, tħoss li sar biżżejjed biex terġa' tinbena l-fiduċja?*

F'dawn is-sitt snin naħseb kont l-aktar Prim Ministru li rħejt poteri minn idejha. Insemmi r-riformi fil-ħatra tal-ġudikanti, il-mod kif jinħatar il-Kummissarju tal-Pulizija, il-ħatra tal-Prim Imħallef bil-vot taż-żewġ terzi u anki l-ħatra tal-President tar-Repubblika. Daħħalna bidliet oħra sa riċentament fosthom il-ħolqien ta' Kummissarju għall-Istandards fil-Ġudikatura. Riformi li bihom komplejna nsaħħu l-vuċi kredibbli tagħna anki fil-fora internazzjonali.

Pajjiżna llum huwa mudell wara li anki rnexxielu joħroġ fi żmien record mill-greylisting. 57 pajjiż tal-OSCE qablu biss fuq Malta biex tmexxi din l-istituzzjoni fi żmien li din l-organizzazzjoni kienet f'salib it-toroq. Konna fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u sa riċentament kellna l-Presidenza tal-Kunsill tal-Ewropa. Lil hinn mill-fiduċja fiċ-ċirkli diplomatiċi, l-barranin investew bil-kbir flushom f'pajjiżna. Irnexxielna nattiraw investimenti kbar f'pajjiżna, inklużi proġetti meqjuża ta' importanza Ewropea. Investimenti

li joħolqu karrieri ta' kwalità għaż-żgħażagħ u l-familji tagħhom, u li se jgħinuna niksbu l-oġġettivi tal-Viżjoni Malta 2050.

*L-ambjent u l-iżvilupp spiss jitpoġġew kontradittorji. X'nistgħu nagħmlu iżjed biex nilħqu bilanċ mistħoqq?*

Ċertament l-ambjent u l-iżvilupp ma għandhomx jitqiesu fuq naħat opposti. Jien ngħid li qalba ambjentali hi opportunità ekonomika li biha nitilgħu għal-livell li jmiss. L-ambjent mhumiex biss l-ispazji miftuħa – dawk importanti – importanti jkollna aktar pulmuni ħodor fil-pajjiż biżżejjed insemmu postijiet bħal Wied Fulija fiż-Żurrieq, il-Qortin f'Għawdex (dawn kollha kienu miżbliet u bdilnihom fi spazji miftuħa) imma apparti dan insemmi Park ta' San Klement u Ġnien il-Glażiż f'Ħaż-Żabbar u l-Kottonera rispettivament, Wied Inċita f'Ħ'Attard. Imma l-ambjent huwa wkoll il-kwalità tal-arja, l-ambjent huma l-indafa fil-komunitajiet tagħna li ngħixu fihom. Irridu l-isbaħ postijiet għan-nies fejn jgħixu.

Għalhekk ukoll ħdimna bil-kbir biex nirriformaw is-settur tal-kostruzzjoni. Daħħalna standards aqwa u drittijiet ġodda. Insemmiil-leħen akbar liċ-ċittadin bl-introduzzjoni ta' sistemi aħjar ta' rappurtaġġ u l- assistenza legali u teknika ta' Avukati u Periti mingħajr ħlas għal ċittadini affettwati. L-infurzar aktar b'saħħtu Fosthom aktarI spezzjonijiet fuq siti tal-kostruzzjoni u azzjonijiet diretti kontra ksur tal-liġi. Daħħalna liġi ġdida tal-OHSA u introduċejna wkoll il-liċenzjar obbligatorju għall-bennejja.

Fuq l-ambjent iridu nkomplu naħdmu aktar u nkunu lesti nieħdu deċiżjonijiet b'saħħithom. Insemmi kif salvajna Ħondoq ir-Rummien. Insemmi l-investiment multi-miljunarju li għamilna fix-shore-to-ship fil-Port il-Kbir u qed nagħmlu ieħor fil-Freeport. Fil-Port il-Kbir biss qegħdin innaqqsu t-tniġġis mill-vapuri b'90%.Insemmi l-inċentivi kbar li qed nagħtu lill-familji u negozji li wasslu biex illum il-ġurnata, 9 minn kull 10 vetturi ġodda fit-toroq tagħna ma jaħdmux bil-petrol u diżil biss u fl-aħħarnett fl-enerġija, fejn bdejna minn power station tal-heavy fuel oil, imbagħad pajjiżna għamel rivoluzzjoni sħiħa, mar għal-LNG u issa qed inħejju għall-akbar investimenti fl-istorja fil-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli permezz tal-offshore windfarms.

*Is-sitwazzjoni f'pajjiżna fl-aħħar snin kienet tali fejn l-ekonomija sena wara sena baqgħet dejjem bi tkabbir sostanzjali. Dawk jirreġistraw għax-xogħol fost l-inqas waqt li l-infiq tan-nies baqa' dejjem b'saħħtu. Fl-istess ħin imma l-prezz tal-proprjetà żdied sewwa. Kif qed taħdmu biex ittejjbu l-affordabilita tal-proprjetà?*

It-tkabbir ekonomiku wassal għal titjib sostanzjali fid-dħul u dan żied sewwa d-domanda għall-proprjetà. Ħafna nvestew bil-kbir fis-settur u illum għandhom qligħ tajjeb minn kirjiet. Imma ż-żieda fid-domanda, kemm għall-kiri kif ukoll għall-AirBnB kellu impatt fuq il-prezz tal-proprjetà. I

mma, aħna Gvern saqajh mal-art, jisma' u jaġixxi fuq ir-realtajiet tan-nies. Fis-settur tal-akkomodazzjoni affordabbli qed naħdmu u nintroduċu miżuri ġodda. Mhux biss dak li daħħalna mal-ewwel kif konna wegħdna qabel ingħatajna mandat, bħall-għotja ta' €10,000 lill-first-time buyers iżda issa wessajna u daħħalna miżuri ġodda. Fosthom it-twessigħ tal-equity sharing. Din miżura li ħalliet ħafna ġid u sas-sena l-oħra kienet miftuha għal dawk li għandhom minn 30 sena 'l fuq. Issa wessajniha għal żgħażagħ li għandhom minn 25 sena 'l fuq għax irridu ngħinu aktar żgħażagħ biex isiru sidien ta' darhom.

Din il-miżura tal-equity sharing hija fejn il-Gvern jidħol bi sħab max-xerrej biex jixtri proprjetà u għollejna l-limitu tal-prezz tal-proprjetà għal €350,000. Dan apparti inċentivi b'saħħithom għal xiri ta' proprjetajiet f'UCAs u l-iffrankar mit-taxxa tal-boll li issa din il-miżura



daħlet bħala liġi prinċipali. Bħalissa bi sħab mal-Knisja qegħdin nibnu propjetajiet li se nkunu qed inbiegħu bi prezz ferm anqas mill-prezz tas-suq. Dan kollu qed iwassal biex Malta tibqa wieħed bl-akbar rati ta' familji li huma sidien ta' darhom.

Rata ta' aktar minn 8 minn kull 10 familji u nixtieq infakkar li r-rata ta' homeownership hija l-anqas fost l-anzjani u mhux fost iż-żgħażagħ. Proprju għax l-anzjani tagħna għexu fi żmien meta s-suq tax-xogħol ma kienx tajjeb. Kien proprju għalhekk li ħassejt li għandi nieħu d-deċiżjoni kuraggjuża li ngħinu lil dawk b'kirjiet antiki u biex nirregolaw is-suq tal-kera.

*Ġew introdotti inċentivi tajbin biex tkun indirizzata l-konġestjoni tat-traffiku fosthom it-trasport b'xejn u ssemmew miżuri bħall-irtirar u posponiment ta' liċenzja. Minkejja dan, it-traffiku fit-toroq għadu jippersisti. Statistika li kienet inħarġet uriet li qed ikun hemm 37 karozza ġdida kuljum fit-toroq. Pajjiżna jiflaħ għal dan? Xi pjanijiet għandek biex tindirizza l-konġestjoni tat-traffiku?*

Nibda billi nippreċiża li dik l-istatistika li qed tikkwota hi għal vetturi kollha u mhux għall-karozzi. Is-sena li għaddiet l-ammont ta' karozzi fit-toroq żdied b'14 kuljum u mhux bi 37. L-ammont ta' vetturi qiegħed jiżdied ħafna speċjalment minħabba żieda ta' muturi, madwar 11 kull jum.

Għamilna ħafna ħidma biex nindirizzaw it-traffiku. Imma ħa nibda minn hawn - jien mhux favur miżuri ta' penalizzazzjoni fuq l-użu tal-karozza. Dik hija ċara. Issa fuq dak li għamilna. Kif żgur segwejtu il-Ministru Chris Bonett qed jmexxi l-pjan tar-Reshaping Our Mobility, li tinkludi 50 miżura fuq 18-il xahar. Sa issa diġà twettqu 15-il miżura. Fost il-miżura li ħadna żidna per eżempju l-preżenza ta' uffiċjali fit-toroq, ftaħna park-and-rides ġodda, introduċejna trasport bil-baħar f'żoni strateġiċi. Għadna kemm daħħalna wkoll il-miżura tar-rinunzjar tal-liċenzja tas-sewqan għaż-żgħażagħ. Konxju tal-kritika li l-effett tagħha jista' jidher limitat mil-att tan-numru ta' karozzi li jiġu tneħħija mit-toroq. Imma din il-miżura qatt ma kien intenzjonat li tittieħed waħedha. Hawnhekk qegħdin nitkellmu dwar bidla fil-kultura u għalhekk għandna nibdew miż-żgħażagħ. Din il-miżura hija mmirata speċjalment lejhom. Infakkar imma wkoll li dan qed jsir wara li konna aħna li indirizzajna wkoll il-bottlenecks fil-junctions ewlenin – Kappara, l-Ajruport, Central Link, Marsa u issa l-Imsida. Dawn kollha huma investimenti li jnaqqsu l-konġestjoni. Ma niddejqux nieħdu d-deċiżjonijiet. Aħna l-Gvern li n-nies jafdaw biex inwettqu bidliet kbar.

Imma f'dan il-qasam iridu nkunu aktar innovative. Għalhekk qed naħdmu biex it-trasport bil-baħar isir alternattiva għal aktar nies. Qed nistudjaw kif bl-użu ta' teknoloġija aħjar innaqsu l-pressjoni fuq it-toroq minħabba ġarr ta' merkanzija u deliveries. U kif ħabbarna se nkunu qegħdin inħarsu lejn mezzi alternattivi ta' transport tal-massa.

*Mill-aħħar riżultati tal-istħarriġ tal-Istatistika Ewropea dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (EU-SILC) għas-sena 2024 u ippubblikat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ta' Malta, irriżulta li n-numru ta' nies li jgħixu f'familji bi dħul taħt il-livell tal-faqar f'Malta żdied b'aktar minn 4,000 fis-sena 2024. Sena wara sena qegħdin nibqgħu naraw li jkun hemm żieda fin-nies fr-riskju ta' faqar. Imma fl-istess ħin nisimgħu li qed jonqsu dawk dipendenti fuq l-assistenza soċjali u li qed tonqos iċ-ċaħda materjali. X'qiegħed jiġri eżatt?*

Dan il-Gvern jemmen bis-sħiħ fil-glieda kontra l-faqar. Għalina r-riskju ta' faqar mhuwiex perċezzjoni,

>> ikompli f'paġni 9

# "INĊERTEZZA EKONOMIKA ĠDIDA"...

## Rapport tan-Nazzjonijiet Uniti juri li l-ekonomija globali għadha ma ġietx fil-livelli ta' qabel il-COVID19

"Taħlita ta' tensjonijiet ekonomiċi, ġeopolitiċi u teknoloġiċi qegħdin ibiddlu l-pajsaġġ globali u qegħdin joħolqu inċertezzi ekonomiċi ġodda u vulnerabbilitajiet soċjali.

Ħafna ekonomiji li qegħdin jiżviluppaw għadhom jissieltu u b'riżultat ta' dan, il-progress lejn l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli jibqa' 'lbogħod għall-parti l-kbira tad-dinja."

Dan joħroġ minn rapport tan-Nazzjonijiet Uniti intitolat "Sitwazzjoni Ekonomika Dinjija u Prospetti 2026". Minnu jirriżulta li l-ekonomija globali għadha ma ġietx fil-livelli li kienet qabel il-pandemija tal-COVID19.

Skont ir-rapport, il-produzzjoni ekonomika globali hija mbassra li din is-sena tikber b'2.7 fil-mija, rata kemmxejn inqas minn dik stmata għas-sena 2025 ta' 2.8 fil-mija, iżda ferm taħt il-medja ta' qabel il-pandemija li kienet ta' 3.2 fil-mija.



CARMEN CACHIA
carmen.cachia@unionprint.com.mt

## IT-TBASSIR EKONOMIKU GĦAS-SENA 2026 (1)

# "Malta kapaċi nifilħu għall-maltemp ġeopolitiku aħjar minn ħaddieħor"

## - Il-Ministru tal-Finanzi Clyde Caruana



1. Quddiem il-kwistjonijiet ġeopolitiċi kollha li għaddejjin bħalissa, kif taraw li l-ekonomija globali se tkun fl-2026?

2. Taħsbu li l-inflazzjoni se terġa' tgħolli rasha? Jekk fl-affermattiv, kif taħsbu li se taffetwana lokalment?

3. Skont ir-rapport tan-NU "Sitwazzjoni Ekonomika Dinjija u Prospetti 2026", it-tbassir tal-ekonomija globali għadha ma ġietx fil-livell ta' qabel il-pandemija. Minn dan il-perjodu d-dinja ffaċċjat instabbiltà ekonomika b'inflazzjoni u żidiet fil-prezzijiet kif ukoll gwerer u tibdil li jinkludi l-introduzzjoni tal-AI. Kumment.

4. Wara li kien hemm boom wara l-pandemija, din żviluppat fi slow down. Is-sena li għaddiet kienet immarkata minn gwerer tan-negozju, theddid bit-tariffi u rati ta' interessi aktar baxxi. Kif taħsbu li dan se jaffettwa l-ekonomiji matul din is-sena?

5. Fil-kuntest Malti fejn l-ekonomija tagħna baqgħet reżiljenti u saħansitra kibret, xi tbassru għal Malta u kif il-poplu se jgawdi mill-ekonomija 2026?

"Fejn tidħol Malta r-realtà hija differenti ħafna mill-bqija tal-Ewropa. Malta se tibqa' l-aqwa performer fl-Unjoni Ewropea. Fejn jidħol it-tkabbir ekonomiku, filwaqt li l-Ewropa qiegħda tistinka għal tkabbir ta' 1.4%, l-ekonomija Maltija mistennija tikber b'3.8% fl-2026. Dan huwa tkabbir ta' tliet darbiet aktar mill-medja tal-UE. Fil-finanzi Pubbliċi qegħdin inkomplu nnaqqsu d-defiċit b'mod responsabbli. Id-dejn se jibqa' madwar 47.2%, livell b'saħħtu ħafna u ferm taħt il-limitu tal-UE ta' 60%. Rigward l-inflazzjoni lokali, se nkomplu nżommu l-prezzijiet stabbli b'rata ta' 2.1% fl-2026."

Qal dan lil IT-TORĊA l-Ministru tal-Finanzi, Clyde Caruana f'intervista li tagħti ħarsa lejn it-tbassir ekonomiku għas-sena 2026 f'ċirkostanzi ġeopolitiċi instabbli. Dan il-ġurnal tkellem ukoll ma' ekonomisti u banek lokali biex nagħtu stampa aktar wiesgħa ta' dak li nistgħu nistennew din is-sena l-ġdida fis-settur ekonomiku u x'wasal għal dawn il-previżjonijiet. Il-mistoqsijiet tagħna kienu:

### "L-ekonomija globali se tkun waħda ta' sfida"

Il-Ministru tal-Finanzi Clyde Caruana beda jispjega kif, "quddiem il-kwistjonijiet ġeopolitiċi li qegħdin nesperjenzaw, l-ekonomija globali fl-2026 se tkun waħda ta' sfida. L-ordnijiet globali li konna nafu fil-passat qegħdin jinbidlu b'mod fundamentali. It-tariffi ogħla u l-inċertezzi makroekonomiċi mhumiex se jisparixxu; anzi, se jsiru aktar evidenti matul is-sena d-dieħla. Dan se jpoġġi lill-ekonomija globali taħt tensjoni kontinwa u se jnaqqas il-momentum tal-kummerċ dinji.

Insista li rridu nkunu realistiċi wkoll fejn tidħol il-gwerra fl-Ukrajna. "Din mhux se tieqaf malajr. Il-prossimità mal-kunflitt Russu-Ukren diġà dgħajfet il-prestazzjoni ekonomika tal-Unjoni Ewropea, speċjalment fl-Istati qrib il-front. Il-Peace Dividend li gawdiet minnu l-Ewropa għal snin twal spiċċa. Il-gvernijiet issa jridu jirrikonoxxu li l-infiq fuq id-difiża se jkollu jiżdied b'mill-inqas 1% tal-GDP kull sena u dan se jpoġġi pressjoni fiskali diretta fuq il-finanzi pubbliċi Ewropej".

Huwa qal li fl-2026 l-Ewropa se tiffaċċja wkoll sfidi kbar ta' tmexxija. Fi Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit, qegħdin naraw gvernijiet taħt assedju politiku.

Dan joħloq riskju ta'

paraliżi f'mument fejn l-Ewropa teħtieġ tindirizza l-istaġnar ekonomiku tagħha u timla l-vojt tas-sigurtà li qiegħda tħalli l-Amerika.

"Fuq livell teknoloġiku, it-tellieqa għad-dominanza tal-AI qiegħda toħloq riskji finanzjarji serji. Il-biża' hija li l-investiment eċċessiv qed joħloq "bużżieqa" (bubble) li tista' tisplodi fl-2026, b'konsegwenzi negattivi fuq isswieq kapitali globali.

Kif qal il-Kummissarju Ġenerali tan-NU, António Guterres, din it-taħlita ta' tensjonijiet qiegħda ssawwar mill-ġdid il-pajsaġġ globali u qiegħda tiġġenera vulnerabbiltajiet ġodda," kompla l-Ministru Caruana.

Dwar jekk jarax li l-inflazzjoni terġa' tgħolli rasha, il-Ministru Caruana kkwota numri li jindikaw li l-inflazzjoni globali se tkompli tikkalma, bi tbassir ta' 3.1% fl-2026. Żied li, "fiż-Żona Ewro, l-inflazzjoni laħqet il-mira tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' 2% fl-aħħar tal-2025 u mistennija tibqa' f'dak il-livell matul l-2026.

Dan huwa sinjal ta' stabbiltà, għalkemm il-prezzijiet tal-ikel u l-enerġija se jibqgħu suġġetti għal xokkijiet esterni li rridu nibqgħu nissorveljaw".

### Ir-rapport tan-NU: "Jikkonferma dak li ili ngħid"

Dwar ir-rapport World Economic Situation and Prospects 2026, il-Ministru tal-Finanzi nsista li jikkonferma dak li ilu jgħid. Elabora li, "għalkemm id-dinja wriet reżiljenza, it-tkabbir globali fl-2026 huwa mbassar li jkun 2.7%. Dan mhux biss huwa inqas mit-2.8% tas-sena l-oħra, iżda huwa sinifikament taħt il-medja ta' 3.2% li konna naraw qabel il-pandemija bejn l-2010 u l-2019.

Huwa qal li r-realtà hija li d-dinja nbidlet. L-instabbiltà li ġabet magħha l-inflazzjoni, il-gwerer u issa d-disruzzjoni teknoloġika tal-AI, ħolqu "normalità ġdida" fejn it-tkabbir huwa aktar batut u d-dejn globali huwa aktar għoli.

Fiż-Żona Ewro is-sitwazzjoni hija aktar kkumplikata b'rata ta' tkabbir mbassra li se tkun ta' 1.2% biss għall-2026.

### Spinta se tisparixxi...

Fid-dawl tal-effetti fuq l-ekonomija matul din is-sena mill-pandemija, gwerer tan-negozju, tariffi u rati ta' interessi aktar baxxi, il-Ministru Caruana qal kif "is-sena li għaddiet rajna fenomenu fejn il-kumpaniji mlew l-imħażen tagħhom malajr biex jantiċipaw it-tariffi Amerikani (magħruf bħala front-loading).

Dan ta spinta temporanja lill-kummerċ fl-2025, iżda fl-2026 dik l-ispinta se tisparixxi u se niffaċċjaw l-effett reali ta' dawn il-miżuri. Il-momentum tal-kummerċ dinji mistenni jonqos b'mod konsiderevoli".

Huwa qal li t-theddid tat-tariffi u trade wars mhumiex biss retorika iżda huma piż reali fuq l-ekonomiji li jiddependu fuq l-esportazzjoni. "Madankollu, f'Malta ħadna deċiżjoni konxja li nsaħħu l-ekonomija domestika u nżommu l-ispejjeż tal-enerġija stabbli biex nipproteġu lill-industrija u lill-familji. Filwaqt li r-rati tal-imgħax globali qed jibdew neżlin bil-mod, il-kundizzjonijiet finanzjarji se jibqgħu "tight" u dixxiplinati".

### Kif se jgawdi l-poplu Malti?

Finalment il-Ministru tal-Finanzi speċifika li l-ekonomija mhix biss numri fuq karta, iżda kif se taffettwa l-bwiet tan-nies. Qal li l-Gvern se jkompli jsaħħaħ l-ispending power tal-familji u l-pensjonanti Maltin permezz ta' taħlita ta' tnaqqis storiku fit-taxxi, żieda fid-dħul reali, u l-għoti ta' sussidji li jassiguraw l-istabbiltà u kwalità ta' ħajja aħjar.

"Il-pożizzjoni unika ta' Malta, b'ekonomija diversifikata u finanzi fis-sod, tfisser li għandna l-kapaċità li nifilħu għall-maltemp ġeopolitiku aħjar minn ħaddieħor u nkomplu ngħaddu l-frott ta' dan it-tkabbir lura lill-poplu permezz ta' tnaqqis fit-taxxa u iktar investiment soċjali," temm il-Ministru tal-Finanzi, Clyde Caruana.

# Id-domanda domestika se tibqa' l-magna ewlenija tat-tkabbir

## – il-Ministru tal-Affarijiet Barranin, Ian Borg



Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin, Ian Borg f'kumment lil IT-TORĊA dal li "hu previst mill-Bank Ċentrali Ewropew li titjib fid-domanda barranija, flimkien ma' tnaqqis fl-inċertezza dwar il-politika kummerċjali, se jgħin l-esportazzjonijiet matul l-2026, minkejja l-effetti li gradwalment qed ikollhom dazji ogħla. Madankollu, il-pass tat-tkabbir globali se jibqa' dgħajjef meta mqabbel mal-medji ta' qabel il-COVID. Il-kummerċ globali barra ż-żona ewro huwa mistenni jikber b'2.0 fil-mija fis-sena 2026, meta mqabbel ma' 4.4 fil-mija fl-2025, filwaqt li d-domanda esterna għall-prodotti u s-servizzi taż-żona ewro hija mbassra li tiżdied b'1.9 fil-mija, tnaqqis minn 3.8 fil-mija fl-2025."

Hu qalilna li "fdan l-isfond, il-Bank Ċentrali ta' Malta qed ibassar li l-esportazzjoni ta' prodotti u servizzi Maltin tikber b'3.9 fil-mija fl-2026 (meta mqabbla ma' 4.7 fil-mija fl-2025). It-tkabbir tas-servizzi huwa mistenni jonqos, għalkemm xorta waħda se jibqa' aktar mgħaġġel mit-tkabbir fid-domanda globali. Min-naħa l-oħra, l-esportazzjonijiet tal-merkanzija, li naqsu fl-2025, huma mbassra li jirkupraw fl-2026, imsaħħa mill-irkupru mistenni fid-domanda esterna. Bl-istess mod, il-pass tat-tkabbir tal-importazzjonijiet huwa mistenni jonqos għal 4.1 fil-mija fl-2026 minn 5.5 fil-mija fl-2025. Il-bilanċ tal-pagamenti fuq il-kont kurrenti huwa mistenni jibqa' relattivament stabbli."

Qal ukoll li "l-esportazzjoni netta ta' prodotti u servizzi hija mistennija li żżid mat-tkabbir tal-ekonomija (GDP), prinċipalment bħala riżultat ta' esportazzjonijiet ogħla tas-servizzi. Filwaqt li d-domanda domestika se tibqa' l-magna ewlenija tat-tkabbir, ir-rwol kostanti fl-esportazzjoni jsaħħah is-sisien tal-ekonomija u jikkumplimenta l-attivita ekonomika interna. Fix-xogħol tagħha, TradeMalta, l-entità b'sehem konġunt mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu u l-Kamra tal-Kummerċ, se tkompli tagħti prijorità lil setturi tas-servizzi b'potenzjal għoli u b'prospetti qawwija għall-internazzjonalizzazzjoni, filwaqt li tibqa' impenjata bis-sħiħ biex tassisti l-bażi tal-klijenti tagħha."

Qalilna li "permezz tal-ħidma diplomatika tagħha lilhinn minn xtutna, Malta ser tkompli ssaħħaħ il-kollaborazzjonijiet bilaterali, mhux biss ma stati fil-qrib, fl-Ewropa u l-Mediterran, iżda wkoll dawk aktar imbiegħda, sabiex iżżid l-opportunitajiet ekonomiċi għal negozji Maltin f'dawn il-pajjiżi. Dawn ir-relazzjonijiet bilaterali qed ikomplu jissaħħu bit-tfassil ta' politiki reġjonali, li fost oħrajn, jiggwidaw lill-pajjiż lejn opportunitajiet kummerċjali u ekonomiċi ġodda. Filwaqt li f'Diċembru 2025 Malta nediet il-politika reġjonali tagħha għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-Golf, din is-sena se jsir sforz simili għar-reġjuni tal-Afrika Sub Saħarjana, kif ukoll għall-pajjiżi fl-Asja u l-Oċeanja."

>> ara wkoll paġna 11

# IL-ĦADD...

## ma' Frans Ghirxi





# L-ISTAMPA KOLLHA DWAR ID-DEJN PUBBLIKU

Mhux l-ewwel darba li smajna esponenti tal-Partit Nazzjonalista jippruvaw jbeżżgħu lill-poplu biċ-ċifra tad-dejn pubbliku u saħansitra jipparagunawha maċ-ċifra kif kienet fl-aħħar amministrazzjoni Nazzjonalista. Ma nara xejn ħażin li tagħmel paragun SAKEMM tippreżenta l-istampa sħiħa. Xi ħaġa li tal-Partit Nazzjonalista ma jagħmlux. Mhux għax ma jafux kif imma għax ma jaqblilhomx. Għax jekk jagħmlu hekk jinkixfu li jridu jingannaw.

Kemm il-Prim Ministru Robert Abela kif ukoll il-Ministru għall-Finanzi Clyde Caruana mhux l-ewwel darba li spjegaw kif id-dejn pubbliku huwa sostenibbli u li s-sitwazzjoni dwaru hija ferm u ferm aħjar minn kif kienet taħt l-aħħar amministrazzjoni Nazzjonalista.

X'inhi s-sitwazzjoni reali? Is-sena li għadha kemm għaddiet, id-dejn pubbliku qabeż il-€11-il biljun u din is-sena mistenni jitla' għal €12.5 biljuni. Meta Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea fis-sena 2004, taħt Gvern Nazzjonalista, id-dejn pubbliku kien ta' €3.4 biljuni. Għoxrin sena wara, fis-sena 2024, allura taħt Gvern Laburista, din iċ-ċifra ttripplat.

Kieku kellek tieqaf hemm, kif iriduk tagħmel tal-Partit Nazzjonalista, ikollok tasal għal ċerta konklużjoni. Imma dawk iż-żewġ ċifri, anke jekk kwotati tajjeb, huma biss PARTI minn stampa u mhux stampa sħiħa. Min jieqaf f'dak l-istadju jkun irid jinganna. Hekk qed jagħmel il-Partit Nazzjonalista.

Qrajt intervista li gazzetta lokali kellha l-Ħadd li għadda, 11 ta' Jannar, mal-Gvernatur il-ġdid tal-Bank Ċentrali Alexander Demarco. Fl-intervista, fost affarijiet oħra, ġie trattat id-dejn pubbliku. Il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ġie kwotat jgħid li s-sostenibilità tad-dejn pubbliku l-aħjar li titkejjel huwa billi tipparagunaha mal-Prodott Gross Domestiku (GDP) għax dak li tipproduċi jista' jgħinek tistma' d-dħul potenzjali li Gvern jista' jiġġenera biex jiffinanzja l-ispiża tiegħu.

Fir-rigward ta' pajjiżna għalkemm f'dak li huwa volum id-dejn pubbliku kiber bi tliet darbiet ta' dak li kien meta sirna membri tal-Unjoni Ewropea d-dħul mis-salarji u l-profitti kiber b'ritmu aktar mgħaġġel, b'mod li kien jippermetti li l-pajjiż jiflaħ dejn ogħla f'termini ta' flus.

Il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ġie kwotat jgħid li *"meta Malta saret membru tal-UE fis-sena 2004, id-dejn pubbliku kien jirrifletti 71.2% tal-Prodott Gross Domestiku u kien jammonta għal €3.4 miljuni. Sas-sena 2024, id-dejn pubbliku tal-pajjiż kiber bi tliet darbiet f'termini ta' ewro imma f'termini ta' Prodott Gross Domestiku niżel għal 46.2%. Dan waqt li bħala Żona Ewro dan il-persentaġġ żdied. Hu ċar, li s-sitwazzjoni ta' Malta fir-rigward ta' dejn pubbliku tjiebet u hija ferm aħjar mill-medja tal-Unjoni Ewropea."*

Aktar minn hekk il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali rrefera wkoll għall-konklużjoni li wasal għaliha l-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) fir-rapport tiegħu dwar Malta f'Diċembru li għadda dwar id-dejn pubbliku Malti. Ir-rapport jgħid li *"d-dejn pubbliku (Malti) fis-sitwazzjoni kurrenti ta' madwar 47% tal-Prodott Gross Domestiku, jipprovdi lqugħ sinifikanti għal xokkijiet f'ambjent globali li qed jiżdied fir-rigward ta' bidliet mhux mistennija."*

Fi ftit kliem: taħt Gvern Nazzjonalista d-dejn pubbliku kien jiekol 71.2% ta' dak li nipproduċu. Taħt Gvern Laburista mmexxi minn Robert Abela d-dejn pubbliku jiekol 46.2% ta' dak li nipproduċu. Dan huwa dak li jirriżulta meta tħares lejn l-istampa sħiħa.

Jien għidtlek li meta l-Partit Nazzjonalista jurik parti biss mill-istampa jkun irid iqarraq bik. Issa f'idejk għal liema konklużjoni tasal. Sadattant naħseb li l-Partit Laburista jagħmel tajjeb jekk jirribatti għal kull attentat ta' ingann min-naħa tal-PN. Jesponi l-fatti b'mod immedjat.

*fransghirxi@gmail.com*

## L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar (NAO)

Spiss nisimgħu dwar rapporti li jkun għamel l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar, aktar magħruf għall-qosor bħala NAO. L-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju tiegħu għandhom is-setgħa bil-liġi li jivverifikaw l-kontijiet tad-Dipartimenti u l-Uffiċċji kollha tal-Gvern ta' Malta, u ta' awtoritajiet pubbliċi jew korpi oħra bħal dawn li jamministraw, iżommu, jew jużaw fondi li jappartjenu direttament jew indirettament lill-Gvern ta' Malta.

Nhar il-Ħadd li għadda f'gazzetta lokali kellha intervista interessanti ħafna mal-Awditur Ġenerali attwali, Charles Deguara, li f'Marzu li ġej itemm it-tieni terminu tiegħu, għaxar snin, f'din il-kariga. Laqtitni ħafna l-parti fejn l-Awditur Ġenerali jispjega ħidmet l-Uffiċċju tiegħu.

*"Ħidmietna hija simili għal dik ta' tabib. In-nies tagħna jmorru għand il-pazjent, jiffokaw fuq fejn tista' tkun il-problema, jidentifikaw ir-riskji u jindikaw il-problema. Ladarba nsibu n-nuqqasijiet aħna mhux biss nippontaw subgħajna imma noħorġu rakkomandazzjonijiet. L-istess bħat-tabib, jinvestiga s-sors tal-ilment tal-pazjent u jipproponi l-mediċina. Issa huwa f'idejn il-pazjent jekk jixtrix u jieħux l-mediċina preskritta mit-tabib. Huwa f'idejn is-Servizz Pubbliku li jiddeċiedi jekk għandux jieħu r-rakkomandazzjonijiet tagħna,"* spjega l-Awditur Ġenerali.

Żied jgħid li l-Uffiċċju tiegħu jsegwu dak li jkun rrakkomanda u l-indikazzjonijiet huma li, ras għal ras, jitwettqu bejn 75% u 80% ta' dak rakkomandat. *"Aħna wieħed mill-ftit pajjiżi, jekk mhux l-uniku pajjiż, fejn is-Servizz Pubbliku minn jeddhu jippubblika rapport ta' governanza li fih jgħid kemm ikunu ġew implimentati rakkomandazzjonijiet li jkunu saru mill-Uffiċċju tal-Awditur. Ġeneralment, iċ-ċifri pubblikati f'dan ir-rapport ta' governanza jkunu jaqblu ma' dak li nkunu sibna aħna,"* ġie rappurtat jgħid l-Awditur Ġenerali.

Dan iġibni għal punt li xtaqt nagħmel. Xi jkunu r-raġunijiet għal dak li ma jkunx twettaq? Ma naħsibx li dan isir b'mod frivolu. Id-Dipartiment ma jkunx qed jaqbel ma' dak rakkomandat? F'każijiet bħal dawn id-Dipartiment jew kull korp ieħor konċernat huwa obbligat jagħti r-raġunijiet għan-nuqqas ta' implimentar ta' rakkomandazzjonijiet?

Naħseb li jekk dan ma jsirx, allura għandu jibda jsir għax inkella jingħata lok għal interpretazzjoni li l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali jkun qed jiġi injorat. Li ma naħsibx li huwa l-każ u allura jkun tajjeb li bħalma r-rapport ta' rakkomandazzjonijiet ikun pubbliku hekk ukoll għandhom ikunu r-raġunijiet għal nuqqas ta' implimentazzjoni.

# "IL-VIŻJONI MALTA 2050 HIJA BIDLA STORIKA"

» minn paġna 5

imma fenomenu li rridu nikkumbattu bis-saħħa. Imma biex nifhmu l-problema rridu nifhmu sewwa l-kejl li qed issemmi inti. Sfortunatament saret prattika f'pajjiżna li nħarsu lejn kejl wieħed minflok ma nagħmlu kif iwissuna l-esperti, li nħarsu lejn diversi ndikaturi. L-Unjoni Ewropea tuża t-terminu "riskju tal-faqar" u mhux "faqar" proppju minħabba f'hekk. Il-kejl li qed issemmi inti huwa bbażżat fuq kemm persuni jaqilgħu anqas minn 60% tad-dħul medju nazzjonali. Xi jfisser dan? Ifisser li dawk li jitqiesu f'riskju tal-faqar fl-2009 kienu jaqilgħu anqas minn €6,300. Sal-2024, dan id-dħul żdied għal €12,300. Dan għax id-dħul f'pajjiżna rdoppja, mhux għax id-dħul li għandek bżonn biex tgħix ħajja diċenti rdoppja.

Filfat,t jeżisti kejl differenti tal-faqar fejn jaqbdu per eżempju ċertu bżonnijiet bażiċi u jaraw kemm mill-popolazzjoni tagħna ma tistax tlaħħaq magħhom. Din jissejjaħ il-kejl taċ-ċaħda materjali severa. Dan fl-2009 kien 5% tal-popolazzjoni. Fl-2024 kien naqas għal 4%. Imbagħad hemm miżura aktar diretta fejn il-Eurostat isaqsu b'mod dirett lin-nies jekk iħossux li jistgħu jlaħħqu mal-ħajja. Fl-2010, l-ewwel sena meta kienet saret din il-mistoqsija 47% tal-Maltin kienu qallu li mhux ilaħħqu mal-ħajja. Illum il-persentaġġ niżel għal 17%.

Mela x'qed jiġri eżatt fil-kejl tar-riskju tal-faqar? Is-sena li għaddiet il-Kap Ekonomista tal-Bank Ċentrali ħareġ studju fejn spjega sewwa l-kawża ta' dan il-fenomenu. Li ġralna f'pajjiżna hu li meta ħarġu jaħdmu n-nisa, fil-familji ta' eta tax-xogħol żdiedet paga oħra ma dik tar-raġel. Imma fost il-pensjonanti, l-koppji baqgħu b'pensjoni waħda għax kien ħadem ir-raġel biss. Allura żdied bil-qawwi d-dħul medju, għax il-maġġoranza tal-popolazzjoni huma ta' età tax-xogħol, imma mhux daqstant id-dħul tal-anzjani.




Allura l-anzjani dehru li marru relattivament ħażin. Imma kif tafu, Gvern Laburista lill-pensjonanti tahom żidiet qawwija tant li l-anqas pensjoni illum hija daqs l-għola pensjoni ta' għaxar snin ilu. Imma nagħtu żidiet kemm nagħtu fuq pensjoni waħda qed nagħtuhom, meta l-koppji ħaddiema qed jieħu żieda kemm ir-raġel kif ukoll il-mara. Huwa għalhekk li fil-Budget bdejna proċess biex aktar u aktar nisa jikkwalifikaw għal pensjoni huma wkoll. Huwa biss meta kemm il-mara kif ukoll ir-raġel ikollom pensjoni, li jibda jkollna tnaqqis fil-kejl tar-riskju tal-faqar, l-istess kif kellna f'kejl ieħor.

*Malta Vision 2050 qed tinbiegħ bħala bidla storika. Għala? Temmen li b'mod tanġibbli naslu għal din il-viżjoni?*

Il-Viżjoni Malta 2050 hija bidla storika għax għall-ewwel darba qed nippjanaw il-futur b'perspettiva fit-tul u b'viżjoni komprensiva li tmiss kull aspett tal-pajjiż. Qed ngħaddu minn mentalità reattiva għal waħda proattiva, fejn ma nibqgħux nistennew problema biex nindirizzawha, iżda nħejju ruħna minn qabel b'strateġija ċara u koordinata. Dan l-approċċ jagħtina direzzjoni stabbli fuq għexieren ta' snin u jippermettilna nibnu infrastruttura u sistemi li jibqgħu jservuna għal ġenerazzjonijiet futuri.

Il-Viżjoni Malta 2050 hija bidla storika għax għall-ewwel darba Gvern qed ipoġġi miri ffukati biss fuq il-kwalita tal-ħajja tan-nies. L-iżvilupp uman, id-dħul medju tal-familji u s-sodisfazzjon bil-ħajja. Qabel kont tisma miri bħal tkabbir fil-GDP, ammont ta' nvestiment barrani, titjib fid-deficit. Dawk issa ma għadhomx biżżejjed. Isssa qed nkejjlu s-suċċess tal-pajjiż mal-kwalita tal-ħajja tan-nies. Il-bidla hija storika wkoll għax Viżjoni Malta 2050 hija integrazzjoni ta' setturi differenti kollha taħt qafas wieħed. Mhux iktar ministeru, ministeru, iżda pilastru, pilastru ta' din l-istrateġija nazzjonali u mhux waħda ta' Gvern biss jew ta' Gvern wieħed. Il-mobilità, l-enerġija, l-edukazzjoni, l-ambjent u l-ekonomija m'għadhomx jitqiesu bħala oqsma separati, iżda bħala parti minn ekosistema waħda li taħdem flimkien. Hija mibnija fuq data xjentifika, u konsultazzjoni wiesgħa ma' esperti, komunitajiet u stakeholders, u għalhekk mhijiex dokument retoriku iżda pjan fattibbli.

Nemmen li se jirnexxielna nwettqu Viżjoni Malta 2050 għax il-bidla diġà bdiet u hemm appoġġ pubbliku ċar u għandna issa miri li jistgħu jitkejlu pass pass. Diversi miżuri diġà qed ikunu imwettqa b'suċċess u qed juru riżultati konkreti - anke jekk tħares lejn il-Budget ta' din is-sena stess. Barra minn hekk iktar nies qed jitkellmu dwar din il-Viżjoni u jużawha bħala gwida u ispirazzjoni anke fil-laqgħat li jkollna mal-imsieħba soċjali u l-imprendituri.

*Hemm xi deċiżjoni jew nuqqas ta' deċiżjoni li llum tgħid: "hemmhekk stajt inkun aktar deċiżiv"?*

L-eżami tal-kuxjenza nagħmlu filgħodu u filgħaxija u ngħid dik id-deċiżjoni nista' nieħodha aħjar? Dik id-deċiżjoni sodisfatt biha fl-interess tal-pajjiż. Il-kariga ġġib responsabbiltajiet kbar u tul dawn l-aħħar sitt snin kellna ħafna deċiżjonijiet x'nieħdu. Tħares lura ssib dejjem xi stajt tagħmel aħjar iżda rridu nħares 'il quddiem u ffukat fuq li nindirizza l-isfidi tal-lum u għada għall-ġid tal-poplu Għawdxi u Malti.

*Meta jasal il-mument li tħalli t-tmexxija, x'jixtieq li jkun il-legat li tkun ħallejt bħala Prim Ministru?*

Minix persuna li naħseb f'termin ta' legati. Ġejt mogħti responsabilta kbira mill-poplu biex immexxi lil dan il-pajjiż u ffukkat fuq dan b'mod komplet. Għandna quddiemna proġetti kbar bħar-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, it-twettiq tat-tliet parks nazzjonali tal-White Rocks, Manoel Island u Fort Campbell, l-irkuprar ta' Fort Tigne, issa wkoll irridu nirkupraw ukoll u nirranġaw Forti San Salvatur fil-Kottonera, il-proġetti tal-offshore windfarms u l-bidu tal-Viżjoni Malta 2050. Bħalissa mhux żmien li naħseb f'legati, imma li niffokka l-enerġija kollha tiegħi fil-ħidma lihemm bżonn għall-ġid tal-Għawdxin u tal-Maltin.

L-akbar sodisfazzjon tiegħi pero jibqa' li nara li l-familji u l-ħaddiema jgawdu minn xi skema ġdida jew dritt ġdid li nkunu daħħalna. Kull bidla li għamlet differenza fil-ħajja tagħhom ma' qrabathom. Meta niftħu xi post tax-xogħol ġdid u nkun naf li b'hekk se jkun hemm żgħażagħ li f'dik il-binja u ma' dawk l-imprendituri ser jkollhom karriera u mhux sempliċiment impjieg.

Meta familja tkun tista' twettaq xi ħolma – bħal li jsiru ġenituri jew meta pazjent b'marda rari nkunu tajnih it-tama. Għalhekk nagħmlu l-politika wara kollox biex ngħinu u ntejbu. Dejjem emmint f'politika li tpoġġi l-bniedem fiċ-ċentru u li l-akbar riformi tagħna, kemm fil-qasam soċjali kif ukoll ekonomiku, jibqgħu jgħinu lil niesna fit-tul.

# +7miljun
## vjaġġ b'Tallinja
### fl-2025 fuq is-sena ta' qabel



infrastruttura

# "WIEĦED IRID IŻOMM SAQAJH ANKRATI SEW MAL-ART"

## – Mario Vella, ekonomista

1. Il-"Sitwazzjoni Ekonomika Dinjija u Prospetti 2026" li ħareġ riċentement, ibassar li matul l-2026 il-prodott ekonomiku dinji se jiżdied bi 2.7 fil-mija. Huwa stmat li fl-2025 kien hemm żieda globali ta' 2.8 fil-mija, filwaqt il-medja annwali ta' qabel il-pandemija tal-Covid-19 kienet ta' 3.2 fil-mija. Ghalkemm, s'issa, id-dinja wriet li kienet fil-medja kapaċi tadatta ruha għall-impatt tal-introduzzjoni ta' dazji gholjin u filwaqt li il-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda qegħdin jinkoragixxi ottimiżmu qawwi, wieħed irid iżomm saqajh ankrati sew mal-art.

2. L-istimi tal-inflazzjoni globali l-aktar recenti jindikaw li din se tinżel minn 3.2 fil-mija ghall 2.6 fil-mija. Il-Bank Ċentrali Ewropew ibassar li l-inflazzjoni fiż-żona Ewro se tinżel taħt it-2 fil-mija fl-2026 u 2027 qabel ma terġa' titla' għal 2 fil-mija fl-2028.

F'Malta, l-inflazzjoni mistennija titla' ghal-livell ta' 2.3 fil-mija fis-sena kurrenti qabel ma' terga tinżel għal-livell ta' 2.1 fil-mija sal-2028.

Mhux prospett allarmanti, speċjalment fil-kuntest tal-andament tal-ekonomija nazzjonali kollha kemm hi, anke jekk dejjem jeħtieġ iżżomm għajnejk fuq l-inflazzjoni. Niftakru wkoll li ebda tbassir serju ma jista' jinjora l-kunflitti internazzjonali u l-inċertezzi li dawn joħolqu, speċjalment mhux illum meta l-kunflitt u l-inċertezza internazzjonali huma r-regola u mhux l-eċċezzjoni.

3. Ninstabu fil-bidu tas-sena u għalhekk huwa kmieni wisq biex twieġeb din il-mistoqsija b'livell ta' kunfidenza sodisfaċenti. X'aktarx li t-tensjoni ġeopolitika u l-inċertezza internazzjonali huma ċirkostanzi li se jkomplu jikkaratterizzaw id-dinja matul l-2026. L-impatt ta' dawn il-fatturi fuq l-ekonomija ta' pajjiż individwali tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi ta' dak il-pajjiż partikolari.

Hemm ukoll fatturi oħra li se jaffettwaw il-kumplament tad-dinja, bħal perezempju kif se tizviluppa l-politika tar-Riserva Federali tal-Istati Uniti dwar ir-rati ta' l-imgħax fil-kuntest tal-pressjoni tal-White House dwar kif għandha tiżviluppa din il-politika.

4. Dejjem jekk ma jinqala' xejn ġdid - qed naħseb l-ewwel u qabel kollox fil-qasam ġeopolitiku - naħseb li l-ekonomija ta' Malta tibqa' reziljenti kif kienet il-sena li għaddiet.

Dan ma jfissirx iżda, li nistgħu ma nagħmlu xejn u nittamaw li ma jinqala' xejn ġdid. Hemm ħafna x'nistgħu nagħmlu biex nibqgħu fil-wiċċ matul l-2026 minkejja dak kollu li jista' jinqala', sew jekk dawn ikunu burraxki, sew jekk opportunitajiet.

U l-opportunitajiet ma jaqgħux mis-sema, l-opportunitajiet tfittixhom attivament u jekk jista' jkun toħloqhom, speċjalment meta tkun pajjiż żgħir bħalna. Min jorqod ma jaqbadx ħut anzi, jittiekel minnhom.

> "Naħseb li l-ekonomija ta' Malta tibqa' reziljenti kif kienet il-sena li għaddiet. Dan ma jfissirx iżda, li nistgħu ma nagħmlu xejn u nittamaw li ma jinqala' xejn ġdid. Hemm ħafna x'nistgħu nagħmlu biex nibqgħu fil-wiċċ matul l-2026 minkejja dak kollu li jista' jinqala', sew jekk dawn ikunu burraxki, sew jekk opportunitajiet... L-opportunitajiet ma jaqgħux mis-sema... tfittixhom attivament u jekk jista' jkun toħloqhom, speċjalment meta tkun pajjiż żgħir bħalna. Min jorqod ma jaqbadx ħut anzi, jittiekel minnhom".

## Minn hu Dr Mario Vella?

Matul l-karriera pubblika tiegħu, Dr Mario Vella kien Kap Ezekuttiv tal-Malta Development Corporation, Chairperson ta' Malta Enterprise, Gvernatur tal-Bank Centrali u Kummissarju Specjali ghar-Relazzjonijet Ekonomici, Kummercjali u Finanzjari ta' Malta mar-Renju Unit b'attenzjoni specjali ghal Brexit. Kellu wkoll esperjenza konsiderevoli fis-settur privat bhala direttur tas-settur ta' l-investiment dirett barrani (FDI) ma' ditta ta' awdituri. Fis-snin disghin kien president tal-Partit Laburista. Huwa studja f'universitajiet f'Malta, ir-Renju Unit u l-Germanja. Ghal bosta snin ghallem is-socjologija bhala senior lecturer fl-Universita ta' Malta u bhala visiting professor fl-ekonomija politika ta' l-investiment barrani fl-Universita Edinburgh Napier fl-Iskozja.



» ara wkoll paġni 19 u 42

IL-FEHMA TA' IT-TORĊA

# POLITIKA PERIKOLUŻA MILL-ISTATI UNITI

**Il-kwistjoni maħluqa mill-President tal-Istati Uniti, Donald Trump dwar Greenland, fetħet beraħ il-kwistjoni tas-sigurtà fl-Ewropa, waqt li kabbret il-qasma bejn l-Istati Uniti u l-Ewropa.**

Diskussjoni li kienet ilha għaddejja, imma issa qegħdin narawha fuq livelli li qatt ma rajna qabel. Issa t-theddida fuq il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropa mhux qiegħda titqies bħala li ġejja biss minn naħa tal-Ivant. Il-kwistjoni ta' Greenland kompliet fetħet il-qasma bejn l-Istati Uniti u l-Ewropa. Qatt daqs illum, ma kien hemm sitwazzjoni fejn l-Alleanza militari NATO hi letteralment mhedda minn ġewwa minħabba l-kwistjoni bejn l-Istati Uniti, id-Danimarka u pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, li qegħdin fl-istess NATO. Din il-kontroversja qiegħda turi b'mod ċar ħafna kemm illum l-alleanzi jistgħu ikunu fraġli. Dik l-alleanza li dejjem tat l-impressjoni li hi magħquda, issa qegħdin narawha maqsuma fuq Greenland u l-pjani tal-Istati Uniti li jeħduha f'idejhom.

U quddiem l-insistenza tal-Istati Uniti, li tieħu l-Greenland, pajjiżi Ewropej u l-Unjoni Ewropea kellhom juru li ma jistgħux jibqgħu kwieti. Fis-snin u xhur li għaddew rajna Unjoni Ewropea dgħajfa. Rajna Unjoni Ewropea siekta fuq għadd ta' problemi u kunflitti. Rajna Unjoni Ewropea mingħajr il-kapaċità li tinfluwenza.

Quddiem it-theddida fuq Greenland, li taffettwa direttament pajjiż Ewropew, rajna l-Unjoni Ewropea f'pożizzjoni li trid taġixxi. Kellna diversi dikjarazzjonijiet. Lil hinn minn dan imma rajna ukoll eżerċizzju militari. Eżerċizzju li ovvjament sar bi skop. Biex jitwassal messaġġ. Truppi minn Franza, il-Ġermanja, l-Iżvezja, il-Finlandja, l-Olanda, r-Renju Unit u n-Norveġja marru fi Greenland, li tagħmel parti mid-Danimarka għalkemm għandha status awtonomu. Id-deċiżjoni li jintbagħtu truppi Ewropej fi Greenland turi n-nuqqas ta' qbil bejn l-Istati Uniti u d-Danimarka dwar il-futur tal-gżira. U għaldarba oħra, waqt li l-President Trump baqa' jinsisti li jieħu Greenland, nafu li stħarriġ li kien sar sab li n-nies ta' Greenland jippreferu jibqgħu taħt id-Danimarka milli jingħaqdu mal-Istati Uniti. Xewqa li b'dak li qiegħed jgħid Donald Trump, jidher li jrid jinjoraha għal kollox.

Greenland hi territorju awtonomu. Għalhekk xejn u l-ebda raġunament jew tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jappoġġja l-pożizzjoni uffiċjali tal-Istati Uniti.

Greenland mhux biss hi territorju awtonomu marbut ma' membru tan-NATO - li hi d-Danimarka, imma s-sovranità tagħha ġiet rikonoxxuta mill-Istati Uniti aktar minn seklu ilu.

Ovvjament tqum il-mistoqsija x'se jkun ifisser jekk l-Istati Uniti jassumu kontroll fuq Greenland. M'hemmx dubju li jekk jiġri dan il-konsegwenzi jkunu profondi. Ikun każ fejn inkomplu naraw l-Istati Uniti mmexxija minn Donald Trump, se tkompli għaddejja bil-ħsieb tagħha li għax hi b'saħħitha tagħmel li trid għax mhux se titwaqqaf. Din hi politika perikoluża għall-aħħar. Politika li ma tistax ma tistaqsix x'ġara minnhom dawk li suppost jieqfu għal azzjonijiet simili. Fejn hi n-Nazzjonijiet Uniti? X'ġara minnhom il-liġijiet internazzjonali?

Il-kontroll ta' Greenland mill-Istati Uniti ikun ifisser il-kollass totali tal-ordni internazzjonali kif nafuh, u b'mod partikolari tal-alleanza tal-Punent.

Kwalunkwe invażjoni u kontroll ta' Greenland mill-Istati Uniti tikser il-projbizzjoni fuq l-użu tal-forza fl-Artikolu 2(4) taċ-Charter tan-Nazzjonijiet Uniti. Fil-fatt, tikkostitwixxi l-aktar forma severa ta' forza pprojbita – aggressjoni. M'hemm l-ebda ġustifikazzjoni konċepibbli li l-Istati Uniti jistgħu joffru għal tali użu tal-forza.

>> ikompli f'paġna 37

# Miżura ġdida fid-diżabilità li tirrifletti prijorità f'ħidmietna



JULIA FARRUGIA
Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat

Id-determinazzjoni tagħna bħala Gvern Laburista li nagħmlu dak kollu possibbli biex lis-settur tad-diżabilità inpoġġuh u inżommuh fuq il-pedestall li jixraqlu qed tkompli tħalli riżultati sodisfaċenti. Riżultati sodisfaċenti mhux biss għalina bħala Gvern imma aktar u aktar għal dawk il-persuni b'diżabilità u familthom li jiffurmaw dan is-settur, il-protagonisti tas-settur.

Min irid ikun ġenwin u sinċier miegħu nnifsu jaf li Gvernijiet Laburisti u Partit Laburista mill-bankijiet tal-Oppożizzjoni dejjem poġġew lill-persuna b'diżabilità fl-ogħla skaluni tal-prijorità. Dejjem emminna, dejjem ħdimna, biex il-persuna b'diżabilità tingħata d-dinjità li jixirqilha, id-dinjità li tgawdi kull persuna oħra. Għax fil-verità meta qegħdin nagħmlu dan kollu jfisser li qegħdin nirrikonoxxu li tali persuna kienet qed tiċċaħħad minn xi ħaġa li hi tagħha bi dritt. Id-dinjità tappartjeni lil kulħadd. Bla ebda distinzjoni.

Id-dinjità tal-persuna hija riflessa f'kull aċċess għall-ħajja ta' kuljum. Id-dritt għax-xogħol. Id-dritt għal għejxien indipendenti. Id-dritt li tiddeċiedi għalik innifsek. Id-dritt li ħajtek tfassalha kif trid int. Madankollu r-realtà hi li jkun hemm ċirkostanzi li mhux dejjem ikun possibbli jsir dan kollu. Id-diżabilità hija ċirkostanza minnhom.

Dmirna hu li nagħmlu dak kollu possibbli biex lill-persuna b'diżabilità noffrulha u nipprovdulha spalla biex tilħaq l-ogħla persentaġġ possibbli ta' dawn il-forom ta' dinjità. Nagħmlu kemm nagħmlu dejjem niskopru li nistgħu nagħmlu aktar anke jekk irnexxielna ninfdu sew waħda mill-eħrex barrieri fejn jikkonċerna persuni b'diżabilità u qrabathom. Qed nirreferi għat-tnissil u t-tkattir ta' fiduċja fihom infushom. Għar-rieda u d-determinazzjoni li l-persuna b'diżabilità hija bħal u daqs ħaddieħor. Id-differenza hija li tkun teħtieġ l-għajnuna.

Pass ieħor f'din id-direzzjoni għamilnieh fil-jiem li għaddew b'miżura konġunta mal-kollega Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal Michael Falzon. Nedejna dak li ddeskrivejna bħala r-raba' livell ta' assistenza għal persuni b'diżabilità. Benefiċċju li tħabbar fil-Budget ta' Ottubru li għadda għal din is-sena. Miżura ta' sostenn għal dawk il-persuni li l-grad ta' non-funzjonalità tagħhom ma jkunx baxx imma jkun ftit inqas minn medju. S'issa dawn ma kienux koperti. Miżura li tfisser li se jkun hemm aktar minn 310 benefiċjarju ġdid se jingħataw forma t'assistenza għad-diżabilità tagħhom. Investiment li f'sena mistenni jilħaq madwar €1.3 miljun. Miżura mmirata għal dawk il-persuni li kellhom punteġġ ta' bejn 30 u 44.99% u s'issa ma kienu jirċievu ebda assistenza. Issa, il-persuni li diġà dehru quddiem il-Bord Inter-Professjonali u li ngħataw punteġġ bejn 30% u 44.99% ġew identifikati u nnotifikati permezz ta' ittra personalizzata li se jibdew jirċievu l-benefiċċju l-ġdid. Dan ifisser li ma jkunx hemm il-ħtieġa li jerġgħu jidhru quddiem il-Bord Inter-Professjonali.

Il-Budget għas-sena 2026 juri b'mod ċar il-mod kif il-Gvern iħares lejn id-diżabilità. Għal dan is-settur ġew allokati €6.9 miljuni l-ogħla allokazzjoni finanzjarja li qatt kien hemm għas-settur tad-diżabilità. Mhux qed nitkellmu biss fuq żidiet jew miżuri tekniċi, imma fuq investiment serju fil-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Investiment mibni fuq l-empatija. Fuq rikonoxximent tar-realtajiet ta' kuljum. Fuq ir-rieda u d-determinazzjoni li mhux biss ma nħallu lil ħadd jaqa' lura imma li l-persuna konċernata tħoss u tirrealizza li mhux se titħalla taqa' lura u b'konsegwenza t'hekk tkattar il-fiduċja fiha nnifisha. Fiduċja fl-abiltà li għandha. Abiltà li nkomplu ngħinu biex tiffjorixxi.

Id-determinazzjoni tagħna lejn din id-direzzjoni hija riflessa fil-Budget 2026, l-akbar investiment li qatt sar fil-qasam tad-diżabilità. Budget li juri b'mod konkret li għalina bħala Gvern l-inklużjoni, id-dinjità u l-ġustizzja soċjali mhumiex sempliċiment slogans. Huma prijorità li tidher fil-politika u fl-azzjonijiet tagħna ta' kuljum.

# PROBLEMI TAL-ĠID...



ANTHONY AGIUS DECELIS



Nisma' lill-anzjani tagħna li kien hawn żmien li ġieli biex ingħataw ħobża tarratal kienu jagħtu katina tad-deheb. Żmien li s-sawm kien balzmu, għaliex kien skuża biex ma jiklux l-ikel li ma kellhomx. Il-problemi jibqgħu problemi u biex issib soluzzjonijiet għalihom l-ewwel trid tidentifikahom. Allura x'ifisser problema? Tfisser sitwazzjoni li tixtieq li tkun aħjar, inqas preżenti u li jkun hemm soluzzjoni sabiex dik il-'problema' ma tibqax teżisti. Tkun ħloqt sitwazzjoni differenti minn dik li tkun fiha u allura ħafna drabi jkun hemm evoluzzjoni wkoll, kemm fil-ħsieb kif ukoll fl-imġieba.

Imma biex issib soluzzjoni l-ewwel trid tkun taf x'inhi l-problema.

Ftit tas-snin ilu sifirt fuq delegazzjoni parlamentari u morna ġewwa pajjiż partikolari. Kellna gwida magħna li dan dam magħna tul il-konferenza kollha li damet sebat ijiem. L-ewwel darba li ltqajt ma' dan il-gwida ħsibtu li kellu xi ħaġa, kien mimli bil-għaraq, ħwejjeġ għasra bl-għaraq. Ma għidtlu xejn għaliex ma ridtx nimbarazzah. Però innutajt li kull filgħodu kien jiġi mimli għaraq u qisu diġà għajjien minkejja li nkunu għadna sejrin nibdew il-ġurnata. Staqsejtu jekk jiġix jiġri għax-xogħol u allura joħroġlu l-għaraq. Qalli le, imma qalli li hu jgħix xi tnax-il kilometru 'l bogħod mill-post fejn konna qed noqogħdu u jiġi bil-mixi għaliex m'għandux karozza u trasport pubbliku ma jeżistix.

Morna minn post għal ieħor. Ma tantx domna, mhux għax ma kienx 'il bogħod, imma għax karozzi ftit li xejn fit-toroq tagħhom. Għaddejna biex immorru għal villaġġ ieħor fejn kien sejjer isir parti minn festival tal-għawm. Dawk ma kien hemm imkien u matul it-triq id-djar kienu litteralment kmamar magħmula minn tankijiet tal-45 gallun miftuħin u d-djar mibnija bihom. Ħdejn kull 'dar', kamra mal-ġenb ftit 'l hemm, kien hemm qabar, għaliex dawn in-nies meta jmutu jidfnuhom fil-qabar ta' dik il-kamra li jkunu ħadmu u għexu ħajjithom kollha. It-telefonija ċellulari ma kienet taqbad minn imkien ħlief meta konna fiċ-ċentru. Dawn il-villaġġi kienu jorqdu meta tinżel ix-xemx u jqumu meta titla'.

Ħadd ma kien jgħid li għandu problema tat-traffiku biex jasal ix-xogħol, ta' dawl baxx jew ta' problema fl-air condition. Litteralment ma kellhomx.

## Jeans...

Kont għadni żgħir u konna mmorru delegazzjonijiet ħabba l-fatt li huwa importanti li żżomm relazzjoni tajba ħafna mal-pajjiżi u l-għaqdiet li jkollhom l-istess prinċipji tiegħek. Dawn il-ħbiberiji huma kruċjali fid-dinja tad-diplomazija. Jien ukoll ħdimt minn meta kont żgħir u naf il-valur tal-lira x'inhu. Allura nibża' ħafna għall-affarijiet. Biex nużaw għandna, imma biex naħlu ma għandna xejn. Miegħi tellejt żewġ jinsijiet għal din il-konferenza barra s-suit li kelli. Inzerta li dan il-post fejn konna qed l-jeans kien rari ħafna u meta dan il-ħabib ġdid tiegħi rah, għajnejh xegħlu. Ma kienx ta' xi ditta speċjali u kellu mili fuqu iktar mill-karozza li għandi llum. Jien qbadt u tajtu rigal wieħed minn dawn il-qliezet. Tgħidx kemm feraħ bih u apprezza.

Problemi sejjer ikun hawn dejjem, jew problemi li sejrin jikkawżaw ħafna tbatija, ġuħ, qgħad, faqar, ħmieġ, prostituzzjoni, droga, serq, kriminalità, nuqqas ta' sigurtà, biża', stress, indannazzjoni, jew problemi oħrajn li huma kkawżati bil-ġid li hawn, bħalma ngħidu aħna tiġi mix-xogħol u ma ssibx tipparkja għaliex hawn ħafna karozzi diġà pparkjati fit-triq tiegħek. Jew inkella sejjer iddum fit-traffiku għax kulħadd għandu karozza, tnejn u anki min għandu iktar. Kulħadd imur għax-xogħol għaliex Alla jbierk, għandna full employment u allura trid tistenna fit-traffiku. Wara jmissek bħall-ħaddieħor.

Tagħmel il-festi tal-Milied, tiġri għand il-ħbieb u għand il-familja, tiġri minn ikla għal oħra u issa li għadda l-ewwel tas-sena titla' fuq il-miżien u ma tkunx trid temmen lilek innifsek. Tmur tipprova tilbes xi qliezet partikolari u tinduna li l-buttuna ta' fuq ma għadhiex tinqafel. Mhux problema din? U żgur li problema, imma din hija l-problema tal-ġid. Kilt ħafna u għalhekk issa li għaddew il-festi trid issib soluzzjoni: ibda iċċaqlaq iktar u naqqas il-porzjonijiet tal-ikel.

Kont qed nitkellem ma' ħabiba tiegħi u qaltli li għandha ħafna stress għax trid tieħu l-qattus għand il-groomer u għadha ma sabitx appuntament fil-ħin li trid hi għaliex il-ħin li tawha jaħbat mal-ħin tat-tifla l-ballet. Xi ħadd ieħor qalli li kull taħbita tal-bieb jinżel jiġri jħares minn għaliex qed jistenna xi affarijiet ġejjin minn barra u kull min jiġi jaħseb li huma.

## Il-ħajja biddilha l-Gvern Laburista

Bla dubju ta' xejn li ħajjitna nbidlet... Le, mhux inbidlet, xejn ma jsir waħdu... ejja ngħidu l-verità għax aħna biss nistgħu ngħiduha. Il-PN ipokriti u mhux ħa jgħidu l-verità. Foloz u għajjurin. Il-ħajja biddilha l-Gvern Laburista bid-deċiżjonijiet li ħa flimkien mal-poplu Għawdxi u Malti kollu. Anki fuq biċċa post fuq Facebook ma jkunux onesti u jagħtu l-kreditu lil min ħaqqu, imma jippruvaw jieħdu l-kreditu kollu huma meta ma ħaqqhomx.

Illum, grazzi għal Labour ta' Joseph Muscat u Robert Abela, qed ngħixu f'ħafna iktar kumdità, lussu u ġid u l-livell tal-għajxien tagħna huwa wieħed mill-aqwa fid-dinja. Ejja ma ninsewx li aħna l-iktar poplu li jgħix b'saħħtu u li l-iktar poplu li jgħix fit-tul. Dawn ir-riżultati ma jiġux mix-xejn. Dawn jiġu għax għandna mexxejja għaqlin li dejjem ħadu d-deċiżjoni favur il-poplu tagħna. Favur iż-żgħir, it-tfal, iż-żgħażagħ, il-ħaddiema, in-negozjanti, persuni b'diżabilità u l-anzjani tagħna. Mingħajr ma qatt ħarsu lejn wiċċ ħadd, imma għamlu dak li qalulhom il-prinċipji u l-valuri tagħhom.

Għalhekk jien kburi li nagħmel parti minn dan il-moviment tal-Ħaddiema għax aħna konna li biddilna. Qagħda wara l-Mexxej tagħna Robert Abela li ddedika ħajtu biex imexxi lil pajjiżna 'l quddiem, irridu nkomplu mexjin biex nerġgħu niksbu l-appoġġ tal-poplu tagħna biex inkomplu noħolqu l-ġid u ngħollu l-livell tal-għixien tal-poplu tagħna kollu.

Sliem.

# GĦALIEX IL-PAĊI HIJA IMPORTANTI: PERSPETTIVA IŻLAMIKA



LAIQ AHMED ATIF
President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
amjmalta@gmail.com



Ilkoll kemm aħna esperjenzajna f'xi punt f'ħajjitna li meta l-ġisem tal-bniedem ikun marid, ftit li xejn jista' jagħmel xi ħaġa. Il-ġisem jiffunzjona sew biss meta jkun b'saħħtu, qawwi, u mimli enerġija. Hemm qawl Għarbi li jfisser "moħħ sod u tajjeb jgħix f'ġisem sod u b'saħħtu". Dan jirrifletti r-realtà li l-moħħ tal-bniedem jista' jiffunzjona b'mod effettiv biss meta l-ġisem ikun b'saħħtu. Jekk il-ġisem ikun dgħajjef jew marid, anke l-intellett u l-abbiltà ta' raġunar jiġu affettwati.

Prinċipju simili japplika għas-soċjetajiet, in-nazzjonijiet, u l-komunità internazzjonali. Il-paċi tista' titqabbel mas-saħħa: hekk kif il-ġisem tal-bniedem ma jistax jiffunzjona mingħajr saħħa tajba, is-soċjetajiet u n-nazzjonijiet ma jistgħux jirnexxu mingħajr paċi u armonija. Biex id-dinja tirnexxi u tavvanza fit-tjubija, il-paċi hija ta' importanza kbira.

Mingħajr paċi, il-progress isir impossibbli, u l-vitalità tisparixxi. Barra minn hekk, il-paċi mhix sempliċement in-nuqqas ta' gwerra; hija stat komprensiv ta' armonija, ġustizzja, u rispett reċiproku. Barra minn hekk, għandna nifhmu li, il-paċi vera m'għandhiex tkun limitata għal ċerti reġjuni jew nazzjonijiet, iżda għandha tinkludi l-umanità kollha.

## Il-paċi hija prerekwiżit għall-prosperità

Il-paċi hija prerekwiżit għall-prosperità, il-benesseri tal-bniedem, u l-iżvilupp soċjali u ekonomiku. Hija waħda mill-akbar barkiet mogħtija lill-umanità. Mingħajr paċi, is-soċjetajiet jiġġarrfu, ir-relazzjonijiet jitkissru u jsiru ħżiena, u t-tkabbir ekonomiku, soċjali u spiritwali jsir diffiċli.

Għalhekk, l-Iżlam jagħti importanza kbira lill-paċi, 'l-armonija u 'l-ġustizzja, u jqishom essenzjali kemm għall-benesseri individwali kif ukoll għall-prosperità kollettiva. Il-messaġġ ewlieni tal-Iżlam għandu għeruq fondi fil-paċi, il-ħniena u l-kompassjoni.

Is-soċjetà jew id-dinja mingħajr paċi u maħkuma minn kunflitti u problemi hija bħal ġisem li jimrad minn diversi mard u problemi ta' saħħa. Fiż-żewġ xenarji, it-tnejn li huma ma jistgħux jiffunzjonaw u jaħdmu sew.

## Il-paċi bħala attribut divin

Għalhekk, bħal meta l-ġisem hu marid u nżuru t-tabib u nieħdu l-mediċina sabiex niksbu saħħitna lura, bl-istess mod, għall-ksib tal-paċi għandna jmorru għand il-Mulej tagħna li huwa s-sors aħħari tal-paċi. Fil-Koran Imqaddes insibu l-attributi differenti ta' Alla, u wieħed mill-ismijiet sbieħ ta' Alla huwa 'As-Salaam' (Is-Sors tal-Paċi). Dan ifisser li l-paċi toriġina minn Alla, u l-fidili huma mħeġġa jirriflettu dwar dan l-attribut divin fil-karattru u l-imġiba tagħhom. Il-Koran ripetutament isejjaħ lill-umanità lejn il-paċi u r-rikonċiljazzjoni. Alla jgħid: "Alla jsejjaħ lejn id-Dar tal-Paċi." (10:26)

Dan il-vers jenfasizza li l-paċi mhix biss objettiv dinji, iżda wkoll triq li twassal għas-suċċess etern fil-Ħajja ta' Wara.

Barra minn hekk, biex nifhmu b'mod tajjeb l-importanza tal-paċi, huwa xieraq li nifhmu li l-kelma 'Iżlam' ukoll tfisser 'paċi u sigurtà'. Din il-konnessjoni lingwistika turi b'mod ċar li l-paċi tinsab fil-qalba tal-Iżlam. Musulman huwa wieħed li jissottometti ruħu lil Alla u jistinka biex jgħix fil-paċi ma' ħaddieħor. Fl-Iżlam, il-paċi mhix sempliċement in-nuqqas ta' kunflitt, iżda l-preżenza ta' ġustizzja, qalb tajba, bilanċ morali u responsabbiltà soċjali.

## Paċi fil-ħajja ta' kuljum

L-Iżlam jinkoraġġixxi l-paċi fl-affari tagħna ta' kuljum, billi jibda bit-tislima "Assalamu Alaikum" (Il-paċi tkun miegħek). Din it-tislima xxerred ir-rieda tajba u sservi bħala tfakkira kostanti għall-Musulmani biex jittrattaw lil ħaddieħor b'qalb tajba u rispett. Atti bħall-karità, l-għajnuna lil dawk fil-bżonn, il-maħfra ta' ħaddieħor, u l-kontroll tar-rabja kollha jikkontribwixxu għall-bini ta' soċjetà paċifika u armonjuża.

L-importanza li l-Iżlam jagħti lill-paċi hija evidenti fil-fatt li hija inkorporata fit-tislima ta' kuljum tiegħu. Meta l-Musulmani jsellmu lil xulxin, jestendu l-paċi, u jsaħħu l-idea li l-fidili għandhom jinkorporaw il-paċi fl-imġiba u l-interazzjonijiet tagħhom. Din it-tfakkira kontinwa tinkoraġġixxi lill-fidili biex iżommu l-ogħla standards ta' armonija, kompassjoni, fratellanza, u rispett reċiproku. Dan huwa prinċipju naturali li l-umanità kollha hija mistennija li tipprattika fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

## Paċi u armonija globali

L-Iżlam jirrikonoxxi d-diversità tal-umanità u jippromwovi koeżistenza paċifika. Il-Koran jgħallem li n-nies inħolqu f'nazzjonijiet u tribujiet sabiex ikunu jistgħu jafu u jifhmu lil xulxin, mhux jistmerru lil xulxin.

L-Iżlam jippermetti u jinkoraġġixxi relazzjonijiet paċifiċi ma' nies ta' reliġjonijiet u kulturi oħra, filwaqt li jenfasizza r-rispett reċiproku, il-kooperazzjoni, u r-responsabbiltà kondiviża għall-ġid komuni.

## Paċi u ġustizzja

L-Iżlam jgħallem li l-paċi ma tistax teżisti mingħajr ġustizzja. Il-Koran jikkmanda lill-fidili biex jieqfu sodi għall-ġustizzja, anke jekk tkun kontra l-interessi tagħhom stess jew dawk tal-maħbubin tagħhom. Meta tipprevali l-ġustizzja, il-paċi ssegwi b'mod naturali. Bil-maqlub, l-oppressjoni twassal għal inkwiet, instabbiltà, u qerda. Għalhekk, l-Iżlam jirrakkomanda soċjetà bilanċjata fejn id-drittijiet huma salvagwardjati u d-dinjità tal-bniedem hija rispettata.

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim, meta nanalizzaw l-istat kurrenti tal-affarijiet dinjija, insibu li d-dinja ma tagħtix kas ta' dawn il-prinċipji li huma l-bażi u l-pedament tal-paċi vera. Għalhekk, minflok li navvanzaw fil-paċi u s-sigurtà umana, il-paċi hija mhedda b'kunflitti u gwerer. Il-pajjiżi kbar jixtiequ li jkollhom id-dinja kollha, jew għall-inqas reġjun kollu taħt il-ħakma tagħhom. Jidher li xejn mhu biżżejjed għalihom u jixtiequ iktar u iktar. Minflok li nitgħallmu li 'live and let live' flimkien b'mod uman u paċifiku, huma jixtiequ li jġibu lil kulħadd taħt idejhom.

Il-paċi hija prinċipju fundamentali fl-Iżlam li jinkludi mġiba personali, relazzjonijiet soċjali, u interazzjonijiet globali. L-Iżlam huwa reliġjon li titlob il-paċi, il-ġustizzja, u l-ħniena. Billi jħaddnu u jipprattikaw dawn il-valuri, l-individwi u s-soċjetajiet jistgħu jiksbu armonija vera, progress sostenibbli, u suċċess dejjiemi f'din id-dinja u fil-Ħajja ta' Wara.

# MINN GREENLAND SA VALLETTA: ANALIŻI TAL-ALLARM ĠEOPOLITIKU TA' FRENDO

L-AMBAXXATUR ANTHONY DE BONO



Ritratt: Anthony (Tony ) De Bono u Michael Frendo jirrappreżentaw lil Malta f'laqgħa internazzjonali ta' livell għoli, mument ta' diplomazija strateġika li juri l-impenn ta' Malta fil-governanza globali.

L-analiżi ta' Dr Michael Frendo tat- Tlieta 13 ta' Jannar 2026, dwar Greenland mhix xenarju spekulattiv. Hija twissija strateġika dwar il-fratturi li qed jiffurmaw l-ambjent globali fl-2026. Minn Valletta, il-belt kapitali storika tagħna irridu naqraw dawn is-sinjali b'għaqal u b'viżjoni.

Meta Dr Michael Frendo jikteb dwar il-ġeopolitika, ma jagħmilx previżjoni. Jagħmel dijanjosi. L-analiżi tiegħu dwar Greenland—fejn l-Istati Uniti jistgħu potenzjalment jassumu kontroll fuq territorju Daniż f'isem is-sigurtà nazzjonali—mhix fantasija.

Hija eżerċizzju serju ta' kif l-alleanzi jistgħu jinkisru minn ġewwa.

Għalija, dan l-argument għandu tifsira personali. Snin ilu, jien u Frendo mexxejna flimkien konferenza dinjija tat-telekomunikazzjoni fil-Brażil, fejn irrappreżentajna lil Malta fil-qalba tad-diplomazija diġitali globali.

L-intelligenza, il-kalma, u l-fond strateġiku tiegħu kienu evidenti dak iż-żmien, u għadhom evidenti llum. Illum, f'semi-irtirar, għandu l-ħin u l-għaqal biex jaqra l-mappa ġeopolitika b'għajnejn li ftit għandhom. U fl-2026, dik il-mappa qed tinbidel b'ritmu li jbeżża'.

### L-Aġenziji tal-Kreditu: Stabbiltà fuq il-Karta, Tensjoni fir-Realtà

L-aġenziji ewlenin—Moody's, Fitch, Scope u DBRS—qegħdin jiddeskrivu l-2026 bħala sena ta' "stabbiltà fraġli". Tkabbir moderat. Rati tal-imgħax li qed jinżlu bil-mod. Outlook ġenerali stabbli. Iżda taħt dan il-wiċċ hemm tħassib profond.

Fitch diġà wissiet li l-aġenda ekonomika tal-President Trump, tariffi ġodda fuq iċ-Ċina, politika kummerċjali aktar aggressiva, u stil diplomatiku imprevedibbli, tista' tbiddel il-flussi kummerċjali globali.

Moody's tenfasizza r-riskju ta' eskalazzjoni ġeopolitika bħala fattur definittiv għas-sena 2026. Scope jitkellem dwar pressjonijiet fiskali li qed jiżdiedu u dinja fejn l-instabbiltà ġeopolitika saret strutturali. Huwa f'dan l-ambjent li rridu naqraw l-analiżi ta' Frendo.

### Greenland: Test għas-saħħa ta' NATO

Frendo jistaqsi mistoqsija li ftit mexxejja Ewropej għandhom il-kuraġġ li jpoġġu fuq il-mejda: X'jiġri jekk membru ta' NATO jattakka territorju ta' membru ieħor? Din mhix logħba legali. Hija terremot strateġiku.

Jekk l-Istati Uniti jassumu kontroll fuq Greenland, il-konsegwenzi jkunu profondi:

In-NATO tkun miksura minn ġewwa. L-Unjoni Ewropea titlef l-umbrella tas-sigurtà tagħha. L-Ewropa tkun sfurzata tibni awtonomija strateġika b'ritmu mgħaġġel.

Il-Prim Ministru Daniż diġà wissiet li dan jista' jfisser it-tmiem ta' NATO u possibbilment tal-Unjoni Ewropea kif nafuha.

### Valletta: Il-vantaġġ Malti f'dinja li qed tinbidel

Biex nifhmu x'ifisser dan għal Malta, irridu nħarsu minn Valletta, il-belt kapitali storika tagħna. Valletta dejjem kienet belt li tħares lejn id-dinja. Mill-Assedju l-Kbir sal-era Brittanika sal-kapitlu Ewropew tal-lum, kienet salib it-toroq tad-diplomazija u l-istrateġija.

Fl-2026, Valletta tinsab f'punt kruċjali. Il-Port il-Kbir, l-aktar port naturali li jilqa' fil-Mediterran, għadu kemm irreġistra rekord ta' żjarat ta' cruises u turisti. Malta hija aktar konnessa minn qatt qabel. Imma l-konnessjoni ġġib magħha espożizzjoni. Jekk ir-rotot tal-Artiku jespandu u s-Swejż u l-Mediterran jitilfu ċ-ċentralità tagħhom, Malta trid terġa' tiddeskrivi r-rwol strateġiku tagħha. Jekk NATO tinkiser, Malta trid tissaħħaħ fil-qalba tas-sigurtà Ewropea. Jekk il-kummerċ globali jsir aktar volatili, Malta trid tissaħħaħ fil-kredibbiltà fiskali u istituzzjonali tagħha.

Valletta tgħallimna lezzjoni waħda: is-sopravivenza tiġi mill-viżjoni, mhux mid-daqs.

### L-iżvilupp mgħaġġel ta' Malta: qawwi, imma mhux garantit

Malta tidħol fl-2026 b' mod sod: Ratings A stabbli. Tkabbir fost l-ogħla fl-UE. Ekonomija tas-servizzi diversifikata. Setturi turistiċi u marittimi rekord. Imma Malta hija pajjiż żgħir u miftuħ. Il-prosperità tagħna tiddependi fuq: alleanzi stabbli, rotot kummerċjali prevedibbli u istituzzjonijiet kredibbli.

Jekk l-ordni globali jibqa' tensjonat imma intatt, Malta tista' żżomm ir-ritmu tagħha. Jekk l-ordni jinkiser, kif iwissi Frendo, il-mistoqsija ssir: kemm aħna ankrati fis-sod?

### X'jeħtieġ nagħmlu issa?

Tliet triqat joħorġu mill-analiżi ta' Frendo: saħħa fl-istituzzjonijiet, ir-regolamentazzjoni, it-trasparenza u s-serjetà għandhom ikunu l-marka tagħna.

Hemm imbagħad l-Allinjament strateġiku mal-Unoni Ewropea. Malta trid tkun parti mill-qalba, mhux il-periferija. It-tielet imbagħad hemm ir-rikonnessjoni strateġika

Lil hinn mit-turiżmu, Malta trid tissaħħaħ fid-diġitali, fid-diplomazija u fil-loġistika Ewropea.

### Konklużjoni: depożitu fuq futur aktar iebes

L-analiżi ta' Frendo mhix previżjoni. Hija twissija. Is-suċċess attwali ta' Malta mhuwiex trofew. Huwa depożitu fuq futur aktar impenjattiv. Futur fejn il-kredibbiltà, il-koeżjoni u l-viżjoni strateġika se jkunu aktar importanti minn qatt qabel. F'dinja fejn l-alleanzi jċaqilqu bħall-borra, Malta trid tibqa' bħal Valletta, żgħira fid-daqs, kbira fil-għan, u ankrata fil-viżjoni.

# IMEXXU BĦAL TIRANNI



minn **EVARIST BARTOLO**

Il-Gran Mastru Nicolas Cottoner (1663-1680) darba kien għaddej minn ħdejn il-Knisja Karmelitana ta' Santa Tereża f'Bormla biex imur jara s-swar li ordna li jinbnew. Beda jgħajru xi ħadd li kien ħarab fil-knisja biex ma jkunx jista' jiġi arrestat mis-suldati tal-Ordni tal-Kavalieri. Imma l-Gran Mastru ma tax każ l-immunità ekkleżjastika tal-knisja u ordna li r-raġel jiġi mgħallaq dak il-ħin stess fuq il-post.



Il-Gran Mastru Nicolas Cottoner darba kien għaddej minn ħdejn il-Knisja ta' Santa Tereża f'Bormla biex imur jara s-swar. Beda jgħajru xi ħadd li kien ħarab fil-knisja biex ma jkunx jista' jiġi arrestat mis-suldati tal-Ordni tal-Kavalieri. Imma l-Gran Mastru ma tax każ l-immunità ekkleżjastika tal-knisja u ordna li r-raġel jiġi mgħallaq.

Waqt li l-Gran Mastru Ramon Despuig (1736-1741) kien imexxi lil Malta, numru ta' pirati tressqu quddiem il-qorti. Kollha ngħataw is-sentenza tal-mewt ħlief wieħed għax kien għadu tifel żgħir wisq biex jingħata dik is-sentenza. Suppost li tfal taħt is-seba' snin ma kinux jingħataw il-mewt. Imma l-Gran Mastru ordna li t-tifel għandu jingħata l-mewt ukoll.

Żagħżugħ Malti seraq salib tal-fidda minn knisja. Is-salib ma kienx jiswa wisq imma xorta ngħata sentenza ta' għaxar snin ħabs, kif titlob il-liġi. Imma l-Gran Mastru Manoel Pinto (1741-1773) li kien imexxi dik il-ħabta deherlu li s-sentenza ma kinitx iebsa biżżejjed u ordna li jingħata l-mewt. Hekk sar.

Il-Kavalier Franċiż Fra Jean de Boisredon de Ransijat (1743-1812) semma' dawn it-tliet eżempji biex juri li l-Gran Mastri kienu jmexxu bħal tiranni u dejjem tgħaddi tagħhom anki jekk suppost kien hemm kunsill tat-tmexxija u kien hemm il-liġijiet.

Il-Kunsill kien ikun mimli Kavallieri li jagħmlu kulma jrid il-Gran Mastru. Il-Gran Mastru stess kien jaħtar l-imħallfin għalhekk kienu jaqtgħu s-sentenzi li jrid hu u fejn ma kinux jagħmlu, kien jibdlilhom is-sentenzi kif irid hu.



Il-Kavalier Boisredon de Ransijat isemmi li wara kollox il-Kostituzzjoni tal-1784 kienet tgħid li jkunu xi jkunu s-sentenzi li tagħti l-Qorti Suprema tal-Ġustizzja, il-liġijiet jiġu mħaddma biss jekk u kif irid il-Gran Mastru.

Il-Kavalier Boisredon de Ransijat isemmi li wara kollox il-Kostituzzjoni tal-1784 kienet tgħid li jkunu xi jkunu s-sentenzi li tagħti l-Qorti Suprema tal-Ġustizzja, il-liġijiet jiġu mħaddma biss jekk u kif irid il-Gran Mastru.

Boisredon de Ransijat jinnota li l-Maltin isejħu lill-Gran Mastru 'Sultan', eżatt kif it-Torok isejħu lir-re li jmexxihom għax kemm il-Maltin u kif ukoll it-Torok qed jitmexxew b'moħqrija kbira. Fra Jean de Boisredon de Ransijat kien favur li l-Ordni tal-Kavallieri ċċedi Malta lil Franza. Inħatar President tal-Kummissjoni tal-Gvern meta Franza ħadet lil Malta. Biex ikollu flus imexxi lil Malta ordna li jinġabar u jittieħed il-ġid tal-monasteri u tal-kunventi u hekk kiser il-wegħda li ngħatat meta l-Ordni ċediet it-tmexxija ta' Malta.

Lil neputih, Sylvain de Bosredon. qatluh meta r-ribelli Maltin fl-4 ta' Settmbru 1798 marru għalih id-dar u qasmulu rasu fi tnejn bħal bettieħa b'daqqa ta' fies. Akkużawh li qed jgħaddi informazzjoni lil zijuh dwar il-Maltin li qamu kontra l-Franċiżi.

Tagħrif meħud mit-traduzzjoni ta' Joe Scicluna 'BLOCKADE MALTA 1798-1800: An Eyewitness Account of the French Occupation' (Malta University Press 2013).

## Il-Malti tal-1588

Alla, sema', dinja, ibni, ikreh, kbir, raġel ta', għajnejn, id, flus, dar, sodda, żiemel, kelb, qattus … dawn huma ftit mill-121 kelma li l-istudjuż Ġermaniż tal-ilsna kiteb wara li semagħhom f'Malta meta żar fl-1588. Hu ma kienx jaf bil-Malti u niżżel il-kliem kif semagħhom. Per eżempju għajnejn kitibha einnen, xiħ kitibha schiech u sema' kitibha semma.

Kien kiteb dwar il-Malti f'żewġ pubblikazzjonijiet: 'Thesaurus Polyglottus' (1603) u 'Propugnaculum Europae' (1606/1611) li fih il-lista ta' kliem bil-Malti u traduzzjoni tagħhom bil-Ġermaniż. Il-kliem li ġabar Megiser kien il-Malti l-aktar antik li konna nafu bih sakemm fl-1968 Godfey Wettinger u Patri Mikiel Fsadni sabu l-poeżija 'Kantilena' miktuba bil-Malti minn Pietro Caxaro madwar l-1450.

## Ħsejjes Għarbin

Il-kliem li niżżel Megiser għenu lill-istudjużi tal-ilsien tagħna jifhmu ftit aħjar kif tnissel ilsienna u kif żviluppa mis-Seklu 16 u kif inbidel u fejn ma nbidilx fl-aħħar ħames sekli meta ġie f'kuntatt ma' ilsna oħra u bil-bidliet li ġraw fid-dinja u f'pajjiżna mill-1588 'l hawn.

Fil-lista tiegħu Megiser niżżel in-numri mill-wieħed sal-20 u l-mijiet sal-elf. Dawn in-numri għadna nużawhom sal-lum kif semagħhom Megiser. Niżżel ukoll xi kliem ieħor li kien jintuża' dak iż-żmien fil-ħajja ta' kuljum. Sab diffikultà biex ħsejjes Għarbin fi lsienna jiktibhom bl-alfabett Latin.

## Għax żbalja

Il-Ġermaniż Megiser kien studjuż, vjaġġatur u kiteb dwar 400 ilsien, fosthom il-Malti. Kien sejjaħ il-Malti Saraċen, Mori, Kartaġiniż u tip ta' Għarbu b'għeruq fl-Ebrajk. Joseph M. Brincat f''Maltese and other languages' (Midsea Books – 2011) jgħidilna li Megiser għamel dan l-iżball dwar il-Malti għax l-istudji tal-ilsna semitiċi kien għadu lura dak iż-żmien. Kellhom jgħaddu 100 sena biex jibdew jinftehmu aħjar.

Thomas Freller u Albert Friggieri editjaw il-ktieb 'Malta, the Bulwark of Europe: Hieronymus Megiser's Propugnalucum Europae. The First Comprehensive German Description of 16th Century Malta' (Gutenberg Press, 1998). Ix-xogħol ta' Megiser dwar l-ilsien Malti huwa meqjus importanti għax hu fost l-ewwel dizzjunarji tal-Malti li nafu bihom.

# SPAZJI MIFTUĦA: GĦAŻLA POLITIKA FAVUR IN-NIES



MIRIAM DALLI
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika

Il-politika hija dwar l-għażliet li nagħmlu. F'dawn l-aħħar snin, il-Gvern għamel għażla ċara u kuraġġuża, li jpoġġi l-ispazji miftuħa u l-kwalità tal-ħajja tan-nies fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet tiegħu. L-impenn tagħna li nagħtu iktar spazji miftuħa lin-nies huwa ċar u konsistenti. Impenn li qed jitwettaq, f'kull lokalità, permezz ta' proġetti li n-nies jistgħu jużaw u jgawdu minnhom illum.



White Rocks

Għal żmien twil f'pajjiżna kien hawn impressjoni li l-valur jitkejjel biss f'termini ta' żvilupp u valur finanzjarju. Aħna għażilna li nibdlu din it-triq. Għażilna li ninvestu f'aktar proġetti fejn il-familji jistgħu jqattgħu ħin flimkien, fejn it-tfal ikollhom spazji siguri fejn jilagħbu, u fejn l-anzjani jsibu ambjent trankwill u aċċessibbli.

Meta ddeċidejna li l-White Rocks, Manoel Island u Fort Campbell isiru parks nazzjonali, konna qed nagħmlu dikjarazzjoni ċara dwar id-direzzjoni li qed nieħdu. Dikjarazzjoni, li bdiet mill-Prim Ministru Robert Abela, li tgħid li l-art pubblika tappartjeni lin-nies, mhux lil ftit, u li deċiżjonijiet iridu jsiru favur in-nies u b'ħarsa lejn il-futur u l-ġejjieni. Din il-viżjoni torbot direttament ma' wegħda oħra li għamilna man-nies: li kull persuna jkollha spazju miftuħ fi żmien għaxar minuti mixi minn fejn tgħix. Jien konvinta li dan huwa impenn li se nżommu miegħu, grazzi għall-proġetti numerużi li saru, dawk li għandna għaddejjin bħalissa u dawk li se jibdew fi żmien li ġej.

Din il-viżjoni qed titwettaq permezz ta' xogħol maqsum fuq tliet binarji ċari. L-ewwel, il-ħolqien ta' spazji miftuħa ġodda fuq artijiet li setgħu jinbnew u li minflok qed jinbidlu fi ġonna u parks. It-tieni, ir-riġenerazzjoni ta' spazji li ilhom mitluqa għal ħafna snin. It-tielet, iż-żamma u l-immaniġġjar ta' spazji miftuħa li diġà jeżistu.

Lura għat-tlett parks nazzjonali li se jsiru. Hawn min f'dawn is-siti jara potenzjal finanzjarju mitluf. Aħna naraw opportunità. Opportunità biex in-nies jerġgħu jieħdu lura spazji li għal snin jew ma kienux aċċessibbli kif suppost, jew tħallew mitulaq sakem isir l-iżvilupp li kien ippjanat għalihom.

Politika serja trid tkun ukoll politika li tisma'. Il-konsultazzjonijiet pubbliċi li qed isiru għal parks nazzjonali huma parti essenzjali minn dawn il-proġetti. Meta nisimgħu lill-anzjani jaqsmu memorji ta' kif dawn l-akwati kienu jintużaw fil-passat, jew liż-żgħażagħ jipproponu ideat ġodda u kreattivi, jew li t-tfal iwasslu suġġerimenti ta' x'jixtiequ jaraw, inkunu qed nibnu spazji li verament jirriflettu l-bżonnijiet tan-nies. Spazji aċċessibbli, inklussivi, u mfassla biex jintużaw minn kulħadd.

Imma l-politika ambjentali tagħna ma tieqafx mad-diskors. Hija politika ta' azzjoni. Matul din il-leġiżlatura, mill-entitajiet taħt il-Ministeru għall-Ambjent u l-Enerġija biss, infetħu 67 spazju madwar Malta u Għawdex. Spazji ta' kull tip u daqs li issa qed igawduhom in-nies kuljum. Dawn huma proġetti fil-qalba tal-lokalitajiet, fejn il-komunitajiet jistgħu jiltaqgħu, jimxu, jirrilassaw u jqattgħu ħin flimkien. Siti li setgħu jinbnew, postijiet li qabel kienu mitluqa jew minsija llum qed jerġgħu jingħataw ħajja ġdida. Dawn il-proġetti qed iseħħu mal-pajjiż kollu, minn lokalitajiet fin-nofsinhar sa dawk fit-tramuntana u f'Għawdex, u qed ikomplu jissaħħu b'ħidma kontinwa fuq widien, parks urbani, ġonna komunitarji u spazji rikreattivi.

Min jgħid li l-investiment f'dawn l-ispazji jew il-promozzjoni tagħhom huwa "ħela ta' flus", mhux jifhem li l-aċċess għal spazji ħodor huwa investiment fin-nies; fis-saħħa fiżika, mentali, fil-koeżjoni soċjali. Fid-dehra u l-kwalità ta' pajjiżna. Huwa investiment li qed inkomplu nsaħħu wkoll fl-iskejjel, permezz ta' inizjattivi li joħolqu spazji ħodor, ġonna edukattivi u żoni ta' rikreazzjoni sostenibbli, biex in-natura tkun parti mill-esperjenza ta' kuljum tat-tfal u ż-żgħażagħ. Irridu li dawn l-ispazji jkunu hemm u jitgawdew minn nies, li n-nies ikunu jafu bihom, li norganizzaw attivitajiet fihom fejn in-nies jiltaqgħu flimkien.

Din hija wkoll kwistjoni ta' ugwaljanza u ġustizzja soċjali. L-ambjent ma jistax ikun privileġġ ta' min jiflaħ, iżda dritt ta' kulħadd. Huwa għalhekk li l-politika ambjentali trid tkun fil-qalba tal-governanza, mhux fil-periferija tagħha.

Is-suċċess ta' Malta jitkejjel b'kemm nagħtu valur lill-ħajja tan-nies. L-ispazji miftuħa huma simbolu ta' din il-viżjoni politika: viżjoni li tpoġġi lill-bniedem, lill-komunità u lill-ġenerazzjonijiet futuri qabel kollox. Din hija l-għażla li għamilna, u din hija l-għażla li se nkomplu niddefendu. Għalhekk li b'wiċċna quddiem se nkomplu għaddejjin bix-xogħol li bdejna u se nkomplu nwettqu.



Manoel Island



Fort Campbell

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA
U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KONSTRUZZJONI

BUILDING & CONSTRUCTION AUTHORITY

IRRINOVA DAREK

# IRRINOVA DAREK

Għandek residenza u tixtieqha tkun
**aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija?**

Gawdi minn għotja finanzjarja sa

**€15,000**

biex tagħmel il-bidliet meħtieġa
biex tnaqqas l-użu tal-enerġija.

L-applikazzjonijiet huma miftuħa
mid-**19 ta' Jannar**
sat-**28 ta' Frar** 2026.

Irreġistra l-interess tiegħek billi tiskennja dan il-**QR code**.

*L-għotja għall-installazzjoni ta' Panelli Solari BISS hija sa' massimu ta' 50%.

bca.gov.mt
138



# “REŻILJENZA MINKEJJA XOKKIJIET SINIFIKANTI”

## – Alexander Demarco, Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta’ Malta

1. L-ekonomija globali hija mistennija li tkompli tikber matul din is-sena minkejja l-inċertezza li teżisti bħalissa. Skont l-aħħar tbassir tal-Bank Dinji r-rata ta’ tkabbir mistennija li tkun taħt it-3%, li hija inqas mill-medja tat-tkabbir fis-snin ta’ qabel il-pandemija kif ukoll mit-tkabbir ekonomiku li mistenni jkollna f’pajjiżna.

Minkejja dan, ta’ min iżid li l-ekonomija globali qiegħda turi resiljenża meta tqis kemm għaddiet minn xokkijiet sinjifikanti fl-aħħar snin. Bdejna bil-pandemija, komplejna bil-kriżi fil-loġisitika u l-effetti tal-inflazzjoni globali, l-impatt tal-gwerra fl-Ukranja u l-kunflitt fil-Lvant Nofsani, l-effetti tal-bidla fil-klima, kif ukoll tibdil fil-kummerċ internazzjonali minħabba l-Brexit u t-tariffi.

Minkejja dan, xorta qegħdin naraw żieda mhux negliġibbli fil-ġid nazzjonali globali. Nistgħu ngħidu li dan qiegħed iseħħ minħabba żewġ fatturi principali. Min-naħa għandek l-iżvilupp mgħaġġel fl-Ażja, speċjalment l-Indja u min-naħa l-oħra għandek l-impatt ferm pożitiv tal-iżviluppi teknoloġiċi, l-aktar fl-Amerika, minħabba l-intelligenza artifiċjali.

2. S’issa t-tbassir għadu li l-inflazzjoni fid-dinja se tkompli tonqos. Kif tafu, wara l-pandemija għaddejna minn żmien ta’ inflazzjoni għolja, l-aktar dovuta għal raġunijiet ta’ provista, inkluż dik tal-energija, kif ukoll is-sostenn fiskali qawwi li taw il-Gvernijiet waqt u wara l-pandemija. Mindu l-gvernijiet bdew jadottaw miżuri biex inaqqsu d-defiċit, biex jagħmlu tajjeb għaż-żieda qawwija li ġarrbu fid-dejn, l-impatt fuq il-prezzijiet beda jonqos għax id-domanda domestika ddgħajfet.

Veru li fejn jidħlu servizzi l-inflazzjoni għolliet ftit rasha, għax għolew il-pagi, anke wkoll għax il-provvista tal-ħaddiema naqset xi ftit wara l-pandemija. Kien hemm ukoll żieda fil-prezzijiet tal-biljetti tal-ajru u tal-lukandi u ristoranti, għax it-turiżmu globali ħa spinta wara s-snin tal-lockdown. Imma, fejn jidħlu oġġetti u ikel jidher li l-inflazzjoni qiegħda tmajna, li ma tfissirx li l-prezzijiet roħsu, iżda li qegħdin jiżdiedu b’rata aktar baxxa.

Min-naħa l-oħra kien hawn tħassib fuq l-impatt li t-tariffi jista’ jkollhom fuq il-prezzijiet. Irridu niftakru li filwaqt li l-Unjoni Ewropea ma rritaljatx għal dawn it-tariffi u allura għall-Ewropej m’hemmx dan l-impatt, l-impożizzjoni ta’ tariffi tista’ tgħolli l-prezzijiet f’dak il-pajjiż li jiddaħħlu f’dik is-sena li jiġu implimentati, iżda meta tħares fit-tul it-tariffi jnaqqsu l-inflazzjoni għax idgħajfu d-domanda għall-prodotti wara li l-prezz ikun għola u allura tnaqqas mir-ritmu ta’ tkabbir ekonomiku.

Jekk inħarsu lejn Malta, it-tbassir tagħna huwa li r-rata ta’ inflazzjoni se tonqos xi ftit ukoll imma se tibqa’ ftit aktar minn 2%, għalkemm hija mistennija tibqa’ inqas mill-medja storika ta’ 2.6%.

3. Kif diġà semmejt fir-risposta għall-ewwel domanda tagħkom, id-dinja għaddiet minn numru ta’ xokkijiet wara l-pandemija. Din kienet ħaġa li kien imbassar waqt il-pandemija proprju għax dan kien episodju ferm aktar qawwi minn xokkijiet oħra u allura kien naturali li se jkollu riperkussjonijiet li jkomplu għal diversi snin ta’ wara. Ħafna mix-xokkijiet li rajna fl-aħħar snin jafu l-bidu tagħhom għal affarijiet li ġraw waqt il-pandemija, li għalkemm issa għaddiet, irridu niftakru li kienet taqliba enormi fil-ħajja tagħna.

Waħda mill-affarijiet li seħħet dakinhar kien proprju l-aċċelerazzjoni tal-qabża diġitali. Minħabba l-pandemija daħlu numru ta’ teknoloġiji li affetwaw ħafna l-ħajja ta’ kuljum. Insemmi pereżempju r-remote working, kif ukoll ir-ride sharing u l-food couriers.

L-intelligenza artifiċjali kapaċi jkollha impatt fuq il-ħajja tagħna anke akbar minn dak tal-pandemija. Aħna nemmnu li l-impatt se jkun pożitiv, speċjalment fejn tidħol il-produttività u t-tnaqqis fil-bżonn ta’ ħaddiema għal ċertu tip ta’ xogħol, speċjalment fil-kuntest ta’ bosta pajjiżi fejn qiegħda tixjieħ il-popolazzjoni tagħhom. Imma, m’hemmx dubju li se jkun hemm ukoll impatti negattivi li rridu nippreparaw għalihom ukoll.

4. It-tariffi u l-bidla fir-rati tal-imgħax għandhom effett oppost għal xulxin. It-tariffi jnaqqsu l-attività ekonomika għax inaqqsu l-esportazzjoni għall-pajjiżi li fuq il-prodotti tagħhom jiġu imposti t-tariffi li jwassal għal telf fid-dħul u jista’ jwassal ukoll għal telf ta’ impjiegi.

Għall-pajjiżi li jimponu t-tariffi jew jirritaljaw, il-konsumaturi jkollom iħallsu aktar għal oġġetti u servizzi, li jwassal għal domanda domestika inqas, li wkoll jista’ jwassal għal telf fl-attività ekonomika. B’kuntrast, rati tal-imgħax inqas iwasslu għal konsum u investiment akbar għax jagħmel is-self orħos u allura jżid id-domanda u b’hekk tiżdied l-attività ekonomika. Għaldaqstant, mhuwiex ċar liema effett se jkun l-aktar qed jiddomina, għalkemm normalment żieda globali fit-tariffi twasal għal effetti negattivi fuq l-attività



ekonomika.

Fil-każ tal-episodju li rajna dwar t-tariffi, l-akbar problema kienet l-inċertezza li din ħolqot, għax din tnaffar l-investiment. Meta n-negozji jkunu jafu biċ-ċar il-livell ta’ tariffi, dan iwassal biex huma jaġġustaw għar-regoli l-ġodda wara perjodu ta’ tranżizzjoni u jipprovaw ipattu għall-effetti tat-tariffi billi jinvestu f’mezzi li jżidu aktar il-produttività. Kif għidt qabel, jidher li din is-sena se jkollna tnaqqis fir-ritmu ekonomiku imma li dan se jibqa’ relattivament tajjeb kemm b’mod globali, kif ukoll lokalment.

5. Il-Bank Ċentrali qed ibassar li se jkollna tkabbir ta’ 3.7% anke għax se jkollna impatt pożitiv fuq l-attività domestika minħabba t-tnaqqis fit-taxxa tad-dħul għall-familji li implimenta l-Gvern. Il-konsum privat mistenni jibqa’ għaddej tajjeb, speċjalment meta mqabbel mal-bqija tal-ekonomija Ewropea. Dan jirrifletti titjib fis-salarji, kif ukoll il-piż inqas tat-taxxi.

Bil-mod il-mod nemmnu li anke l-esportazzjoni se tkompli tikkontribwixxi għat-tkabbir. Min-naħa għandek it-turiżmu li qiegħed jespandi ħafna u min-naħa l-oħra s-servizzi diġitali u professjonali huma mistennija li jkomplu jikbru.

Fejn jidħol kummerċ internazzjonali ma nantiċipawx effetti diretti sostanzjali mit-tariffi aktar għolja madwar id-dinja. Imma, ovvjament, se jkun hemm effett indirett għax dawk se jdgħajfu l-ekonomija ta’ pajjiżi li nagħmlu negozju magħhom u b’hekk dan kapaċi jimpatta xi ftit id-domanda esterna.

Madanakollu, qegħdin inbassru li l-qgħad se jibqa’ qrib il-minimu storiku ta’ pajjiżna, filwaqt li l-pagi huma mistennija li jkomplu jiżdiedu u jtejjbu l-qagħda finanzjarja tal-familji. Għalkemm qegħdin naraw ukoll li l-pagi jiżdiedu b’rata inqas mgħaġġla minn dawn l-aħħar sentejn, biss xorta naraw li ż-żieda fil-pagi tkompli tiżboq iż-żieda fil-prezzijiet.

# IĊ-ĊENTRU REĠJONALI TAS-SAĦĦA ĊENSU MORAN

- 62 servizz differenti
- Aktar minn 70,000 pazjent
- Open Day fil-25 ta' Jannar



Fost il-proġetti li rnexxielna nwasslu bħala Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva fis-sena li għadha kif spiċċat, wieħed mill-aktar li ġab sodisfazzjon, mhux lanqas minħabba li tul l-implimentazzjoni tiegħu kultant iltqajna ma sorpriżi mhux mixtieqa, bla dubju li kien il-proġett taċ-Ċentru Reġjonali tas-Saħħa Ċensu Moran, f'Raħal Ġdid. Ħolma u viżjoni li ġiet realizzata biex illum għandna faċilita' reġjonali tas-saħħa kompletament funzjonabbli.





**JOSEPH CHETCUTI**
Segretarju Permanenti,
Ministeru ghas-Sahha
u Anzjanità Attiva

Dan il-proġett kellhu bosta stadji, bl-aħħar tappi importanti tiegħu jkunu: l-14 ta' Lulju 2025, meta l-proġett ġie varat billi ttellqu numru ta' servizzi li bdew jiżdiedu gradwalment ma kull ġimgħa li tgħaddi; u t-13 ta' Ottubru 2025, Jum l-Inawgurazzjoni Uffiċjali tal-proġett mill-Prim Ministru, l-Onorevoli Robert Abela u l-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onorevoli Jo Etienne Abela. Din it-tappa ġabret fiha kulminu ta' 50 servizz differenti ġdid tas-saħħa, kif ukoll ir-rilokazzjoni għal din il-binja ġdida taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid, li qabel kien fil-pjazza tal-istess lokalità.

Issa wasalna biex ngħaddu għal tappa oħra. Lejn tmiem dan ix-xahar, eżattament fil-25 ta' Jannar 2026, is-servizzi offruti se jitilgħu bi 12 oħra, minn 50 għal 62 servizz. Dawn it-62 servizz, ħafna minnhom qed jiġu offruti għall-ewwel darba mhux fi sptar akut imma fil-komunità, ikkrejaw il-kunċett ta' dik li qed insejjħulha Kura Sekondarja, fejn minn ġewwa binja waħda kbira reġjonali, li tista' tikklassifikaha bħala sptar żgħir, ġew imżewwġa flimkien servizzi li kienu jinagħtaw minn sptar akut ma servizzi oħrajn primarji.

B'hekk il-pazjent jinqeda' aħjar, b'inqas skariġġ, b'inqas ħinijiet ta' stennija u viċin fejn joqgħod. Diġà, s'issa, ak-

tar minn 70,000 pazjent inqdew minn dan iċ-Ċentru minn meta bdew jinagħtaw l-ewwel servizzi f'Lulju. 70,000 pazjent, li numru mdaqqas minnhom kieku kien ikollhom imorru jinqdew fl-Isptar Mater Dei. Issa inqdew u se jkomplu jinqdew qrib fejn joqgħodu.

Fost is-servizzi mogħtija, wieħed jinnota dawk li qed jinagħtaw mill-Klinika Vaskulari. Servizzi li ġew milqugħa b'tifħir kbir mill-pazjenti, kemm minħabba l-effiċjenza li bih qed jitwassal is-servizz, kif ukoll għall-kwalità għolja ta' kura li qed tinagħta. Insemmi wkoll il-programm ta' eżerċizzji speċjalizzati li ġie ntrodott mid-Dipartiment tal-Fiżjoterapija għall-pazjenti li jbatu b'uġigħ ta' dahar kroniku, li qed iħalli riżultati inkoraġġanti ħafna.

Bla dubju ta' xejn, l-investimenti li jagħmel il-Ministeru fil-bini u fl-apparat, ikunu kemm ikunu kbar l-investimenti, weħidhom ma jwasslux servizz għand il-pazjent li jkun jinħtieġu. Is-servizz jipprovduh il-professjonisti bravi li dan il-pajjiż, għalkemm nixtieqU aktar, mhux nieqes minnhom. Nassigura lil min qed jaqra li l-ebda kliem ta' ringrazzjament minnaħa tiegħi lejn dawn il-professjonisti ma jagħmel ġustizzja kompleta mad-dedikazzjoni li għandhom.

Madankollu, nistgħu nuru ftit mill-gratitudni tagħna billi nhar il-Ħadd, 25 ta' Jannar 2026, nagħmlulhom żjara, hekk kif l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva se jkun qed jorganizza Open Day fiċ-Ċentru Reġjonali tas-Saħħa Ċensu Moran, bejn l-10.00 a.m. u s-6.00 p.m.

Se tkun ġurnata mballata b'attivitajiet varji u li għaliha qiegħed nistieden liċ-ċittadini ta' Raħal Ġdid, tal-Kottonera, bliet u rħula tal-madwar, u mill-inħawi l-oħra kollha tal-pajjiż. Ejjew u għidu grazzi lil dawn il-professjonisti li tant jagħtu lis-soċjetà.





# PATRI ANASTASJU CUSCHIERI (1)

## – 150 sena minn twelidu



ROBERT ALOISIO
robertaloisio@gmail.com



Fil-25 ta' Lulju 1962, fiċ-ċella tiegħu fil-Kunvent Karmelitan tal-Belt, Patri Anastasju Cuschieri ħa l-aħħar nifs tiegħu. Kien talab li ebda monument ma jimmarka l-post tad-difna tiegħu. Iżda fi kliem André DeBattista "l-poeżiji ta' Cuschieri saru l-wirt tiegħu, u dan il-wirt sar monument fih innifsu". Anastasju Cuschieri kien patri Karmelitan, poeta, filosfu, lettut, predikatur famuż, u Senatur.

Bin Ġużeppi u Adreana, huwa twieled il-Belt fis-27 ta' Jannar 1876, u tlett ijiem wara għammduh fil-Knisja ta' San Duminku u tawh l-isem ta' Pawlu. Din is-sena jaħbat il-150 anniversarju minn twelidu. Ma damx ma sar abbati fil-Knisja tal-Karmnu, tefgħa ta' ġebla minn fejn kienu joqogħdu, u billi kellu vuċi tajba kien ikanta fil-kor tat-tfal. Hemm sar jaf lill-patrijiet Karmelitani u sa minn età żgħira ħass is-sejħa li jingħaqad magħhom.

### Patri Karmelitan

Meta temm l-iskola elementari u liċeali, Cuschieri daħal fl-Ordni Karmelitan fil-25 ta' April 1891. Kien għad għandu ħmistax-il sena. Fit-28 ta' Awwissu tas-sena ta' wara għamel il-Professjoni Sempliċi u mbagħad bagħtuh Ruma biex jistudja l-filosofija fl-Angelicum, l-Università Pontificia Tommaso d'Aquino u t-teoloġija fl-Università Gregorjana.

Kien student intelliġenti u attiv. Jistudja miegħu Ruma kien hemm Eugenio Pacelli li iktar tard sar Papa Piju XII. Darba f'diskussjoni universitarja, Pacelli kien dak li ppropona l-argument u Cuschieri kien dak li opponieh. Tant kien bravu li darba talbuh jgħin fil-kitba ta' enċiklika tal-Papa iżda hu ma aċċettax. Fl-1898, kien ordnat saċerdot f'Ruma u għamel l-ewwel quddiesa fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Traspontina.

Kontemporanju ieħor ta' Cuschieri kien l-Olandiz Titu Brandsma, li wasal Ruma meta Cuschieri kien qed itemm l-istudji tiegħu. Lil Cuschieri staqsewh l-opinjoni tiegħu dwar jekk Brandsma kellux jitħalla jkompli l-istudji filosofiċi tiegħu. Eventwalment, Brandsma kellu jiġi elett Rettur Manjifiku tal-ewwel Università Kattolika f'Nijmegen. Aktar tard ħallas b'ħajtu għall-oppożizzjoni tiegħu għall-okkupazzjoni Nażista tal-Olanda u ġie ddikjarat qaddis mill-Papa Franpsiku fl-2022.

Lura Malta Cuschieri kien elett darbtejn Provinċjal tal-Ordni tiegħu, mis-26 ta' Novembru 1906 sal-14 ta' April 1910, u tliet snin wara mill-1 ta' Settembru 1913 sas-26 ta' Ġunju 1916. Herbert Ganado jgħid li l-biża' kbir li Cuschieri kellu mill-baħar tellfu milli jilħaq iktar fl-Ordni. "Dnub għaliex kieku ried, il-Professur Cuschieri seta' laħaq l-ogħla karigi tal-Ordni Karmelitan. Diġà, sa minn meta kien żagħżugħ, ġew lilu offerti karigi tajba fl-Ordni. Imma hu ppreferixxa jiżola ruħu f'Malta maqtugħ mill-kurrent intellettwali ta' Ruma. Minħabba dan il-biża' mill-baħar, il-Prof. Cuschieri ma kienx isiefer."

Bejn l-1925 u l-1940, Cuschieri kien ukoll eżaminatur tal-kleru, jiġifieri kien jeżamina lis-seminaristi qabel ma jsiru saċerdoti. L-avukat u poeta Ġorġ Zammit jgħid li ħafna nies ta' kull klassi soċjali kienu jfittxuh għall-pariri għax fih kienu jaraw gwida għaref u ta' esperjenza.

### Għalliem Maħbub

Fl-1902 illawrja fil-Filosofija. F'dik l-istess sena, ta' 25 sena, inħatar Professur tal-Filosofija fl-Università Rjali ta' Malta u dam professur għal 38 sena, jiġifieri sal-1939. Huwa aċċetta li jgħallem ukoll bl-Ingliż. Inħatar membru tal-Kunsill tal-Università, fejn ippresieda fuq il-Fakultà tax-Xjenza.

Minn taħt idejh kellhom jgħaddu ħafna żgħażagħ u ħafna minn dawn baqgħu jsemmu l-lezzjonijiet sbieħ tiegħu fl-Università. Kif jgħid Degabriele, "id-dehen tiegħu imħallat mal-mod ħlejju li kien jgħallem bih, malajr mela l-qlub tal-istudenti tiegħu". Ħadd ma kien jitniffes waqt il-lezzjonijiet tiegħu għax kien kapaċi jżommhom attenti.

Il-Professur Ġużè Aquilina jgħid li, "Dawk li studjaw taħtu jafu kemm il-filosofija kien jagħmilha ħajja u kemm kien iqajjem interess fost l-istudenti . Il-Professur Cuschieri, barra li kien jaf sewwa s-suġġett tiegħu, kien jaf ifisser ruħu bit-Taljan għax dak iż-żmien il-Filosofija kienet tintgħallem b'din il-lingwa."

Wieħed mill-istudenti tiegħu kien Herbert Ganado li jgħid li l-Professur Cuschieri "kien dejjem jispjega ċar u konċiż... u meta kien jaqbad f'idejh sistema filosofika li ma jkunx jaqbel magħha kien jagħmilha frak... bil-metodu ta' tnalja loġika li tagħfas u tagħfas. Ma kontx tisma' ħoss ta' labra taqa' f'dik il-klassi ta' sebgħin ruħ. Cuschieri kien wieħed mill-aqwa oraturi li kellna f'pajjiżna, sew bit-Taljan u sew bil-Malti, li kien jaf jimmaniġġa tajjeb, kif juru l-poeżiji tiegħu, imma kellu wkoll moħħ ċar li jaf jaqta' kwistjoni qisu xabla."

Mhux tal-istess fehma kien Anton Buttigieg li fl-awtobijografija tiegħu sejjaħlu "bniedem intelliġenti imma stramb u aktarx kburi u jżommha ta' high class. Il-lectures tiegħu kienu aktarx superfiċjali".

### Filosfu Dinamiku

Oliver Friggieri jgħid li "Anastasju Cuschieri hu, qabel xejn, filosfu magħmul, studjuż li ħalla r-riflessjonijiet profondi tiegħu miktuba tajjeb ħafna... Il-preokkupazzjonijiet tiegħu mhumiex biss professjonali iżda wkoll eżistenzjali; mhumiex imnisslin biss mill-ħtiġijiet tal-ħajja akkademika, li Cuschieri hu rappreżentant xieraq tagħha fl-istorja universitarja ta' pajjiżna, iżda huma mnisslin ukoll minn ansjetajiet personali li sabu fih il-kompetenza intellettwali biex jitfissru fuq livell għoli."

Iżda rridu ngħidu fil-qasam filosofiku Cuschieri ftit li xejn ippubblika. Fl-1915 kiteb żewġ artikli fir-Rivista di Filosofia Neo-Scolastica ta' Milan f'polemika kontra l-idealiżmu tal-filosfu Taljan Benedetto Croce rigward il-kriterju tal-verità. F'manuskritti oħrajn jidher li din il-polemika applikaha wkoll kontra Kant.

Cuschieri qatt ma ppubblika xogħol sistematiku ta'



24. IL-GIDEB TA' TONINU

"Ma, ma mmurx skola!"
"Ma tmurx l-għaliex?
Qum, qiegħda ngħidlek,
Minn dak il-friex,

U għatti sidrek
Għax ġej ir-riħ:
Isa, Toninu,
Isa, sabiħ."

91

filosofija. Madankollu, aktar tard ġew ippubblikati xi taħditiet dwar diversi temi, inkluż ix-xogħol intellettwali u l-attività umana, il-verità u r-relazzjoni bejn ir-realtajiet fiżiċi u metafiżiċi. L-Arkivju tal-Provinċja Karmelitana f'Malta fih ħafna mill-kitbiet tiegħu, u l-oġġetti personali tiegħu jinsabu fil-Kunvent Karmelitan fil-Belt Valletta.

Mark Montebello jgħid li fil-filosofija, Cuschieri "wera spirtu ferm dinamiku. Minkejja li kien professjonali fix-xogħol filosofiku tiegħu, ma jidhirx li kien sistematiku, kif wieħed jistenna minn filosfu tal-iskola aristotelikotomista. Cuschieri, infatti, ma kiteb ebda xogħol filosofiku ta' sura sistematika."

Fil-ktieb tiegħu dwar "Malta's Philosophy and Philosophers", Mark Montebello jittraduċi u jirriproduċi orazzjoni, miktuba u mogħtija minn Cuschieri fl-1910, li turi xi wħud mill-ideat tiegħu dwar 'il-Missjoni Soċjali tat-Tagħlim': "L-akkwist tal-għarfien huwa, fih innifsu, dejjem ħerqan, orjentat lejn l-għanijiet u dejjem f'mixja... Ikun assolutament mhux xieraq li wieħed isostni li l-istudju u l-akkwist tal-għarfien huma xi tip ta' fantasija, żina, jew li qegħdin hemm għas-sodisfazzjon tagħna stess. Qatt m'għandkom tinsew li l-valur tal-għarfien huwa vvalutat mill-utilità tiegħu, jiġifieri, minn kemm huwa produttiv għas-soċjetà."

Huwa jkompli jagħti parir lill-istudenti tiegħu: "Jekk il-ħsieb kellu jibqa' biss ħsieb, u ma jkunx inkorporat f'għemejjel konkreti, allura qatt ma jsir azzjoni... l-għarfien huwa inutli jekk ma jdawwalx lil ta' madwaru. L-għarfien għandu dejjem jagħti l-ħajja u jkun produttiv. Għandu jiġġieled kwalunkwe tip ta' tbatija u miżerja. Għandu jfittex li jtejjeb, għal dejjem, il-ħajja umana fil-forom kollha tagħha."

## Oratur ta' Ħila

Kif diġà għedna, Patri Anastasju kien oratur kbir. Fost in-nies tal-Knisja kien magħruf bħala l-"paneġirist kariżmatiku". L-ewwel paniġierku tiegħu għamlu fil-Kunċizzjoni tal-1901 f'Bormla. Il-gazzetta "L'Ordine" sejħet l-argumenti tiegħu profondi u l-frankezza tiegħu straordinarja. Minn dakinhar 'il quddiem kienu jqabbduh jagħmel ħafna diskorsi u prietki f'okkażjonijiet speċjali.

Waħda mill-iktar magħrufa, "I Pericoli della Gioventù nella Scienza e Letteratura Moderna", kienet orazzjoni tal-Gradwazzjoni li għamel bit-Taljan fl-1902. Fiha tratta l-perikli li jista' jiltaqa' magħhom żagħżugħ meta jistudja x-xjenza u l-letteratura moderna. Cuschieri kien jirnexxielu jgħaqqad il-ħila tiegħu fl-oratorija mal-ħila li jifhem liż-żgħażagħ u l-problemi tagħhom.

Nistgħu ngħidu li l-quċċata tal-ħila oratorika tiegħu laħaqha fil-ftuħ tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta bejn it-23 u s-27 ta' Settembru 1913, meta ppreżenta s-saġġ dwar "La Messa Ripatrice" fil-Knisja tal-Mosta. Kien bħal innu lil Ġesù Feddej fuq is-Salib u l-Ewkaristija, li ntlaqa' b'ċapċip kbir speċjalment miż-żgħażagħ universitarji li tant kienu jħobbuh. Ganado jgħid, "Kien il-professur u kien il-ħabib tagħna".

## Poeta mill-Aqwa

"Din biss, ħabib ta' qalbi, / għandi; din Alla tani, / dil-kelma li bi ġmielha / nitgħaxxaq ser tarani.

Min qal li tqila u timxi / bħas-sriep tkaxkar fuq żaqqha? / Ħares kemm hi ħafifa, / kif titla' u togħla f'daqqa...

Bħalma l-ħaddied fil-forġa / l-ewwel jikwi l-ħadida, / imbagħad ftit ftit jaħdimha / sa tiġi kif iridha." ("Il-Kelma Maltija")

Patri Anastasju kien imħarreġ sew fl-ilsna, l-aktar fl-ilsien Taljan, u għal bosta snin kien wieħed mill-eżaminaturi f'Malta tal-letteratura Taljana u anke tat-teoloġija. Huwa nnifsu beda jikteb il-poeżiji bit-Taljan, fosthom Flos Carmeli, Ai Caduti di Ieri, Nell'Annua Ricorrenza delle Vergine del Carmine, Santa Teresa di Gesù, La Madonna di Lourdes, Stella Maris u San Elia. Oreste Tencajoli fil-ktieb Poeti Maltesi d'Oggi jgħid li l-poeżiji ta' Cuschieri huma "miktubin b'Tajlan impekkabbli, nadif u kristallin, u jiddistingwu fuħhom għall-fużjoni delikata u l-armonija ta' lwien."

Kien imbagħad ir-Rettur tal-Università Napuljun Tagliaferro li ħajru jibda jikteb il-poeżija bil-Malti u kitbietu bdew jidhru f'Il-Ħabib sa mill-1912. L-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti kitibha fl-1909 bl-isem "Fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu", tliet snin qabel ma Dun Karm Psaila beda jikteb hu ukoll bil-Malti. Sal-1928 poeżiji tiegħu baqgħu jidhru f'numru ta' rivisti imma qatt ma ġabarhom flimkien. Iktar tard bdew jidhru f'xi antoloġiji. Kien biss ħames snin wara mewtu li Patri Serafin Abela u Alfred Degabriele ġabru l-poeżiji li sabu tiegħu u ppubblikawhom.

Iżda kienu l-aktar il-poeżiji li hu kiteb għat-tfal, flimkien mal-poeżiji tiegħu dwar l-ilsien Malti, li għenu biex tinżamm ħajja t-tifkira ta' Cuschieri. Cuschieri kien ġie mqabbad speċifikament mill-Ispettur tal-Iskejjel E. B. Vella biex jikteb xi vrus ħalli jiġu mitbugħa fil-ktejjeb "Ġabra ta' Ward". Hekk Cuschieri baqa' magħruf għall-poeżiji "Il-Farfett", "Il-Bewsa tan-Nanna" u "Gideb ta' Toninu", li ħafna jiftakruha għax kienet mhux biss f'"Ġabra ta' Ward" imma anke f'"Id-Denfil":

"Ma, ma mmurx skola!" / "Ma tmurx l-għaliex? / Qum, qiegħda ngħidlek, / Minn dak il-friex, / U għatti sidrek / Għax ġej ir-riħ: / Isa, Toninu, / Isa, sabiħ."

"Le, ma mmurx skola, / Le ma mmurx żgur! / B'dan l-uġigħ kollu / Kif tridni mmur? / Ajma b'did-darsa / Kemm jien muġugħ! / Ħares ftit wiċċi / Kemm hu minfuħ."

"Ġej, ġej!" "Min, ma?" / "Ġej il-papà." / "Għadek fis-sodda? / Dan il-għaliex?" / "Kont sejjer nilbes, / Staqsi 'l mamà." / U ħareġ jiġri / Minn taħt il-friex!" ("Gideb ta' Toninu")

(jissokta)

# L-OLOKAWST... LEZZJONI LI LLUM HI AKTAR URĠENTI MINN QATT QABEL



VICTOR VELLA
vvella@unionprint.com.mt

## – Bernie Furshpan, iben ġenituri li salvaw mill-Olokawst

### ... jgħallimna x'jiġri meta l-mibegħda ma tiġix ikkontrollata
### ... jekk ninsew l-istorja tista' tirrepeti ruħha
### ... missieru ta' għaxar snin staħba ġo foresta u għex waħdu biex jaħrab minn Nażi



Bernie f'Ġerusalemm

Timmaġinak ta' għaxar snin tgħix waħdek ġo foresta fl-Ukrajna? F'temperaturi mill-aktar baxxi? Qalb il-borra fix-xitwa? Dejjem bir-riskju li tista' tkun attakkat mill-ilpup. L-ikel trid tara x'issib…forsi xi frott jew xi annimali mejtin. U ma dan trid tkun dejjem moħħok hemm, għax il-ħarba minn Nażisti kienet tfisser li dawn regolament kienu jfittxu bil-klieb lil dawk maħrubin jew li setgħu kienu qegħdin jistaħbew fl-istess foresta. Jagħmel tlett snin f'din is-sitwazzjoni. Tista' timmaġina x'reżiljenza rabba. Tista' timmaġina ukoll imma kif din affettwatu tul ħajtu kollha. Din hi parti mill-istorja ta' Morshe Furhspan. Storja li għal ħafna żmien ittormentatu u bilkemm ried jitkellem dwarha. Ibnu Bernie, li għex ir-rakkont ta' missieru, illum jitkellem b'mod miftuħ ħafna dwar dak li għadda minnu missieru u fuq kollox dwar it-theddida mill-Faxxiżmu u mill-estremiżmu tal-lemin.

IT-TORĊA tkellmet ma' Bernie Furshpan dwar l-istorja ta' missieru imma anke dwar dak li qiegħda tesperjenza d-dinja llum. Iż-żieda fir-razziżmu. Iż-żieda fil-movimenti populisti. Il-mibegħda li qiegħda terfa' rasha, anke f'pajjiżu stess, l-Istati Uniti, fejn bħalissa qegħdin naraw persekuzzjoni sħiħa kontra lbarranin u dan wassal anke għal imwiet ta' persuni. Il-mewġa ta' estremiżmu tal-lemin qegħdin narawha ukoll f'għadd ta'pajjiżi fosthom pajjiżi Ewropej. Anki f'pajjiżna l-estremiżmu b'mod partikolari kontra 'lbarranin qiegħed jerfa' rasu f'pajjiżu.

Nistaqsuh kif sfortunatament qegħdin ngħixu f'dinja fejn l-antisemitiżmu qiegħed jerfa' rasu. Nispjegalu li fil-passat intervistajt diversi persuni li kienu baqgħu ħajjin mill-Olokawst u li llum m'għadhomx magħna. Illum tmenin sena wara tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, qegħdin dejjem jonqsu dawk li għandhom testimonjanzi ta' dak li seħħ fl-Olokawst. Ngħidlu li għandi l-opinjoni li fost il-ġenerazzjonijiet li telgħin hemm nuqqas kbir ta' interess fl-Olokawst. Jidher biċ-ċar li l-ġenerazzjoni li tiela' mhix tikkonfronta l-intolleranza bil-verità.

### Illum jinħass aktar il-bżonn li nirrakkontaw dawk l-istejjer

Dwar dan, Bernie Furshpan, jiddikjara li "jidher li l-ġenerazzjonijiet li telgħin mhumiex interessati fl-Olokawst u dak li seħħ. Nemmen li l-kwistjoni vera hi d-distakk li hemm fil-mod kif l-istorja qiegħda tiġi mgħallma u kkomunikata lill-istudenti. F'dinja ddominata u karatterizzata minn għadd ta' distrazzjonijiet, illum jinħass dejjem iktar il-bżonn li nirrakkontaw dawn l-istejjer b'urġenza u umanità. Dan irid isir permezz ta' vuċijiet reali, testimonjanzi personali, u verità emozzjonali. Din hija r-raġuni għaliex nagħmel dak li nagħmel jien. Biex nikkonfrontaw l-intolleranza llum, irridu nedukaw b'kuraġġ, inħeġġu d-djalogu, u nħejju liż-żgħażagħ biex jieqfu u jitkellmu. L-Olokawst jgħallimna x'jiġri meta l-mibegħda ma tiġix ikkontrollata. Dik il-lezzjoni hija aktar urġenti issa minn qatt qabel."

Mistoqsi dwar il-fatt li gvernijiet populisti rebħu l-poter u l-mibegħda qiegħda tinfirex b'mod mgħaġġel ħafna. Il-Faxxiżmu u n-Neo Nażiżmu ukoll qegħdin jerfgħu rashom. Il-mistoqsija li toħroġ hi ċara ħafna: dan jinkwetak? Għaliex għandna partiti populisti li rebħu l-poter?

Bernie jgħid b'mod ċar u tond jisħaq li "iva, dan jinkwetani b'mod profond. Il-mod kif il-Faxxiżmu u n-Neo-Nażiżmu qiegħed jerfa' rasu tirrifletti l-biża' li dejjem qiegħda tikber, id-diviżjoni, u l-manipulazzjoni tal-verità. Xi mexxejja populisti jistgħu faċilment jisfruttaw l-inċertezza billi jwaħħlu f'ħaddieħor, u dan iqanqal il-mibegħda. Dawn il-movimenti jaqbdu art u jibdew jerfgħu rashom meta l-edukazzjoni u l-memorja storika jisparixxu. Huwa għalhekk li t-tagħlim tal-lezzjonijiet tal-Olokawst huwa daqshekk

vitali, mhux biss biex niftakru, iżda biex nagħrfu s-sinjali u nwaqqfu l-mibegħda qabel ma tinfirex."

## Il-mibegħda kontra lbarranin... għaliex il-politiċi qegħdin jinjoraw?

Nitkellmu miegħu dwar kif illum qegħdin naraw żieda fil-mibegħda lejn il-barranin. F'Malta ukoll qegħdin naraw persuni jikkummentaw u jiktbu kummenti iebsin kontra persuni barranin, xi ħaġa li qegħdin narawha ukoll fl-Istati Uniti. Għaliex hawn dan in-nuqqas ta' rispett lejn id-differenzi fil-kulturi? Għaliex il-politiċi qegħdin jinjoraw dawn il-kwistjonijiet? Għaliex għandna politiċi li aktar huma interessati li jikkonvinċu lill-elettorat u xi drabi qegħdin jispiċċaw ixerrdu l-mibegħda huma stess. Taħseb li t-tfal li telgħin se jirtu dinja imkissra mimlija mibegħda?

Ma joqgħodx jomgħodha u jgħidli li "nikkonferma li hemm mibegħda lejn dawk meqjusin bħala 'oħrajn' madwar id-dinja. Din ħafna drabi tkun ġejja mill-biża' u nuqqasijiet marbutin ma' li wieħed jifhem il-kulturi differenti, li llum għandna fis-soċjetajiet tagħna. Meta n-nies iħossuhom inċerti u imwarrbin jew mogħtijin il-ġenb, xi kultant dawn jispiċċaw jibdew jippontaw is-swaba lejn ħaddieħor flok jipprovaw jagħmlu konnessjoni. Il-mexxejja għandhom ir-responsabbiltà li jippromwovu l-għaqda. Dan għandhom jagħmluh ukoll l-edukaturi, persuni, u oħrajn. Jekk irridu li wliedna jirtu dinja aktar paċifika, irridu ngħallmuhom japprezzaw l-empatija, r-rispett, u d-diversità. Il-mibegħda tista' tiġi evitata.

## Kif affettwah il-fatt li trabba minn ġenituri li ħelsuha mill-Olokawst? ... irrid li d-dinja ma tinsa qatt fejn twassal il-mibegħda

Għad-domanda dwar kif ġie affettwat mill-fatt li hu trabba minn żewġ ġenituri li ħelsuha mill-Olokawst, Bernie jenfasizza li "jien trabbejt minn żewġ persuni li baqgħu ħajjin mill-Olokawst. Dawn jiffurmaw dak li jien illum. Minn meta kont tifel, dan jien mhux dejjem fhimtu, imma jien kont inħoss il-piż tat-trawma tagħhom kuljum. Kont inħossha fis-silenzju u fl-ansjetà. Il-ġenituri tiegħi ġarrew uġigħ li lanqas timmaġinah. Huma dejjem ippruvaw jipproteġuna minn dak l-uġigħ, sofferenza li kienet saret parti mid-dar tagħna. Bħala uliedhom aħna ma ġarrejniex biss l-istejjer. Aħna ġarrejna id-diżordi u l-istress post trawmatika. L-ansjetà u l-uġigħ emozzjonali ma spiċċawx magħhom. Dawn għaddew minn nisel ta' nisel u baqgħu mexjin. Imma writt ukoll ir-reżiljenza tagħhom, il-valuri tagħhom, u r-rieda soda tagħhom li jgħixu b'dinjità. Huwa għalhekk li nitkellem kontinwament dwar dan. Huwa għalhekk li neduka. Ma rridx li t-trawma tiddefinixxini, imma rridha tmexxini 'lquddiem, biex niżgura li d-dinja qatt ma tinsa x'tista' tagħmel il-mibegħda. Id-dinja rridu nuruha x'ifejqu l-imħabba, il-kuraġġ, u l-memorja."



Bernie f'Malta

## Għandhom raġun... l-istorja tista' terġa' tirrepeti ruħha

Insemmilu kif persuna li kien salva mill-Olokawst kien qalli li l-istorja tirrepeti ruħha. Kien qalli li jemmen li l-Olokawst għad jerġa' jseħħ.

Bernie jgħid li "dawk li salvaw mill-Olokawst kellhom raġun. L-istorja tista' tirrepeti ruħha jekk ninsew it-tagħlimiet tagħha. L-Olokawst ma bediex bil-kmamar tal-gass. Beda bil-kliem. Beda bid-diżumanizzazzjoni, it-tfittix tal-ħtija, u s-silenzju quddiem l-inġustizzja. Meta s-soċjetajiet isiru indifferenti, meta l-verità tiġi distorta, u meta l-mibegħda ssir normalizzata, il-kundizzjonijiet li wasslu għall-Olokawst jistgħu jerġgħu jitfaċċaw. Jekk nieħdu l-libertà, t-tolleranza, u d-dinjità umana bħala fatt ovvju, nirriskjaw li nitilfuhom. Huwa għalhekk li t-tifkira mhix biss dwar li nonoraw il-passat, imma hi dwar il-protezzjoni tal-futur. Irridu nibqgħu viġilanti, nedukaw lill-ġenerazzjoni li jmiss, u nitkellmu qabel ma l-mibegħda tinbidel f'orrur."

Jitkellem dwar id-dokumentarju li għamel u jgħidilna li "l-għan ta' The Weight of Memory: I Am Bernie Furshpan huwa li nmexxi 'lquddiem il-vuċijiet tal-ġenituri tiegħi, li baqgħu ħajjin mill-Olokawst, u li juri kif it-trawma, s-saħħa, u l-valuri tagħhom jgħixu permezz tal-ġenerazzjoni li jmiss. Huwa dwar il-wirt tas-sopravivenza, il-feriti inviżibbli li għaddew minn nisel għal ieħor, u l-ħtieġa urġenti li niftakru. Dan id-dokumentarju mhuwiex biss storja dwar il-passat, huwa sejħa għall-azzjoni, huwa moviment. Irridu li t-telespettaturi jħossu r-responsabbiltà li jikkonfrontaw il-mibegħda, jgħidu l-verità, u jipproteġu d-dinjità tal-bniedem."

Jgħidli li "u iva, nemmen li d-dinja għadha fil-ħin biex tqum, iżda dik it-tieqa qed tagħlaq. Il-ftit persuni li għadhom ħajjin illum u li baqgħu ħajjin mill-Olokawst, huma xjuħ. L-antisemitiżmu qed jiżdied, u l-injoranza qed tikber. Irridu naġixxu issa, nedukaw, niftakru, u nqumu".

## Minn x'hiex għaddew ommu u missieru...

Jirrakkonta kif kien fl-1 ta' Settembru tas-sena 1939, meta ommu Zahava Rosenbaum kellha sentejn u flimkien mat-tliet aħwa subien u bniet tagħha kienu fuq ferrovija ma' ommhom biex jaħarbu mill-okkupazzjoni Ġermaniża fil-Polonja. F'waqfa, hekk kif kienu qegħdin jivvjaġġaw lejn l-Unjoni Sovjetika, ommhom telqet mill-ferrovija ma' binha l-kbir biex tfittex xi ikel, u meta rritornat, sabet li l-ferrovija kienet telqet. It-tfal spiċċaw jivvjaġġaw waħidhom. Imxew lejn il-lvant madwar 1,400 mil fl-Unjoni Sovjetika. Zahava ngħatat il-kura f'orfanatrofju Kristjan. Kellhom jgħaddu ħames snin biex l-omm reġgħet ingħaqdet ma' wliedha, u eventwalment waslu l-Iżrael fl-1947.

Minn naħa tiegħu missieru kellu esperjenza ferm u ferm aktar iebsa. Mosher Furshpan kellu tmien snin meta bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija u kien jgħix fil-parti Sovjetika tat-territorju Pollakk, li kien maqsum għal żmien qasir bejn iż-żewġ potenzi militari, il-Ġermanja u r-Russja. Il-familja Furshpan kienet tgħix fiż-żona tal-Lvant tal-Polonja, li issa tinsab fl-Ukrajna. Qabel ma waslu l-Ġermaniżi, Moshed kellu tfulija kuntenta, fejn kien jgħix fir-raħal ċkejken ta' Ludwikow.

Għall-kuntrarju tal-familja Zahava li fehmet bis-sħiħ l-atroċitajiet li l-Ġermaniżi kienu qed iwettqu kontra l-Lhud, il-komunità ta' 1,500 ruħ kienet iżolata. Kienu jafu ftit li xejn dwar l-atroċitajiet li twettqu min-Nażisti. Huma rċevew xi twissijiet mit-truppi Sovjetiċi li qalu lir-resi-

>> ikompli f'paġna 26

# MALLI MOSHE ĦARAB, IL-GESTAPO IMMEDJATAMENT ĦARĠET MANDAT TA' ARREST

>> ikompli f'paġna 25

dent Lhud li l-Ġermaniżi ma kinux ta' min jafdahom. Meta l-awtoritajiet Nażisti daħlu f'din il-belt, kien hemm kumitat ta' merħba li tahom inbid, deheb u affarijiet tajbin biex jgħinu jistabbilixxu relazzjonijiet aħjar mal-Ġermaniżi. Malajr il-Gestapo qatlu lill-kumitat ta' merħba u kollaboratur għaddielhom listi tal-Lhud minn din il-komunità lill-Pulizija sigrieta Ġermaniża. Il-Lhud ta' dan il-post għaddew minn destin simili ta' ħafna oħrajn. Sparawhom fl-imsaġar jew iddeportawhom lejn kamp ta' sterminazzjoni.

## Il-Gestapo jibdew ifittxuh

Malli Moshe ħarab, il-Gestapo immedjatament ħarġet mandat ta' arrest kontra dan it-tifel ta' 10 snin. Hu l-ewwel mar għand bidwi tal-ħalib protestant, iżda malajr qalulu biex jaħrab fil-bosk biex jevita li jinqabad jew li jisparawlu l-Ġermaniżi. Waħdu għat-tliet snin ta' wara, Moshe għex f'żoni taħt l-art. Kien jiekol frott selvaġġ u karkassi tal-fniek mejta. Moħbi fil-bosk, dan it-tifel mhux biss kien ikkaċċjat mill-Ġermaniżi u l-klieb tagħhom iżda kellu jissaporti l-ilpup li kienu jgħixu f'dan il-bosk. Barra minn dawn il-perikli, Moshe kien imġiegħel jgħix fil-borra tax-xitwa u fit-temperaturi baxxi tal-bosk.

Għal sentejn u nofs, meta l-olokawst kien fl-aqwa tiegħu, Moshe irnexxielu jibqa' ħaj. L-Olokawst kien diġa ħataf seba' membri tal-familja tiegħu. Il-Ġermaniżi kienu determinati li joqtlu lil kull Lhudi fil-Polonja u l-Ukrajna. Billi operaw wara l-linji tal-ġlied u taħt il-kopertura tal-gwerra, l-Einsatzgruppen jew l-iskwadra mobbli tal-mewt tal-SS fittxew Lhud moħbija. Fejn sabu Lhud u jew qatluhom fuq il-post jew ħaduhom f'postijiet bħal Babi Dar



Bernie ma' ħuh, ommu u missieru

fl-Ukrajna, fejn f'temp ta' ftit jiem inqatlu 33,000 ruħ.

Moshed kien f'biża' kostanti li jinqabad mill-Ġermaniżi li kienu jikkaċċjaw il-Lhud bil-lejl. Dan kien isir billi jintużaw il-klieb li kellhom, li setgħu jxommuhom sal-postijiet fejn kienu jinħbew jew minn kollaboraturi li kienu jinfurmaw lill-SS bil-preżenza tagħhom

Qabel l-invażjoni Ġermaniża tal-Ukrajna, kien hemm 2.7 miljun Lhudi fejn kien stmat li 1.1 miljun baqgħu ħajjin mill-gwerra. Kien hemm 3.3 miljun Lhudi fil-Polonja, fejn ħafna minnhom intbagħtu f'kampijiet ta' sterminazzjoni li qatlu madwar 2.7 miljun minn din il-popolazzjoni kbira. Moshe, kellu jistenna l-avvanz militari tal-Unjoni Sovjetika li finalment laħaq il-bidu tal-Polonja tal-Lvant. Għal diversi xhur, il-Lhud ma afdawx lis-Sovjetiċi. Wara li ntemmet il-gwerra, Moshe vvjaġġa lejn kamp ta' persuni spostati f'Munich, fil-Ġermanja tal-Punent.

Fl-età ta' ħmistax-il sena, Moshe telaq bil-vapur lejn Haifa, Iżrael, qabel ma l-President Harry Truman irrikonoxxa l-Istat ta' Iżrael fl-1948.

Issa żagħżugħ, Moshe ġġieled fil-gwerer preċedenti kontra l-Għarab biex iżomm l-indipendenza Lhudija. Fl-infanterija huwa qasam xkubetta waħda ma' tliet suldati oħra.

Aktar tard ħadem fuq ajruplani għall-militar Iżraeljan bħala mekkanik. Fl-1953 u fl-età ta' 22 sena, Moshe iltaqa' ma' Zahava li kellha sittax-il sena u żżewġu ftit wara. Fl-1957, twieldu Furshpan u ħuh it-tewmi Mark u aktar tard ivvjaġġaw lejn Brooklyn fl-1963. Frushapn jiftakar il-kreattività ta' missieru li kien kuntrattur ta' talent biex imantni lill-familja tiegħu.

Meta kiber, Bernie Furshpan ra d-disturb tal-istress post-trawmatiku li kien jolqot lill-ġenituri tiegħu speċjalment meta kienu jaraw dokumentarji dwar l-Olokawst.

Dejjem ried jipproteġi s-sigurtà tal-familja tiegħu, u Moshe kontinwament kien issakkar daru u ried li wliedhom jiksbu edukazzjoni. Darba waħda, waqt li kien qed jaħdem ma' missieru, Furshpan osserva l-PTSD li missieru jġorr miegħu regolarment. Dan sar waqt li kien qed jiekol f'ristorant lokali.

Barrani ħares lejn il-platt tiegħu b'mod innoċenti, u missieru għajjat lil dan irraġel biex jibqa' 'l bogħod mill-ikel ta' ibnu.

Dan kien forsi tfakkira ta' dak iż-żmien fejn ma kellux biżżejjed ikel biex jgħix meta kien qed jinħeba fl-imsaġar bħala tifel, u qatt ma ried li ibnu stess jiffaċċja dan it-tip ta' theddid.

Illum dak li għaddew minnu Moshe u Zahava, qiegħed jinstema' u jixxerred, grazzi għal ħidma u l-inizjattiva ta' binhom, li b'dak li qiegħed jagħmel qed informa lill-ġenerazzjoni li tiela' fejn tista' twasslek il-mibegħda.


ĠENERAZZJONIJIET MAGĦQUDIN
GĦAL FUTUR B'SAĦĦTU
Lejn ħajja twila, b'saħħa ħolistika - ġurnata ta' informazzjoni
u attivitajiet miftuħa għall-pubbliku.
9:00-13:00
Triq-Sciortino Ħaż-Żebbuġ
24 TA'
Jannar 2026
GOVERNMENT OF MALTA
PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR ACTIVE AGEING
Anzjanità Attiva
u Kura fil-Komunità
OPSA
Older Persons
Standards Authority
San Vinċenz
De Paul
anzjanità attiva


Heritage
Malta
Ħaj
Heritage
Alive
Skopri
l-Kalendarju
tal-Attivitajiet
tagħna

# L-IMMIGRANT: GĦALIEX JAĦRAB? XI JKUN QIEGĦED IFITTEX? ... TIFHIMHOM META TISMA' L-ISTORJA



VICTOR VELLA
vvella@unionprint.com.mt



Ritratti: ROGER AZZOPARDI

"Ma nafx għaliex taqbeż għalihom? Imtlejna ta. Kullimkien bihom. Mela aħna nifilħu iżjed? U oħra inti taf humiex kriminali dawn? Għaliex ħarbu minn pajjiżhom? Għaliex ħarbu mit-Tuneżija jew il-Libja". Jieqaf ftit. Iħares lejja b'ħarsa ta' diżappunt aktar milli ta' rabja. "Jgħidu li qegħdin jaħarbu l-gwerer. Fl-Afrika m'hemm ebda gwerra. Semmili fejn hemm gwerra? Jien bi tnejn naf gwerer tal-Ukrajna u ta' Gaża. Għalfejn tibqa' issemmihom? Parassiti dawk. Ħadd m'għadu jsemmihom. Ħadd ma jrid jaf bihom". Miegħu ingħaqdu tnejn oħra. Resqet mara u b'ton jgħajjat qaltli li tibża' toħroġ barra bil-lejl. "Jien għalija jaqbdu u jitfgħuhom kollha lbarra." F'ħanut mimli nies jieħdu l-kafe u l-pastizzi, id-diskors malajr waqa' fuq l-immigranti. L-argument kien idur, li fl-Afrika hemm il-paċi. Gwerer m'hemmx.

Meta tisma' dan tifhem, kemm daħal l-argument populist li fil-pajjiżi minn fejn jiġu l-immigranti bla dokumenti m'hemmx gwerer. Hemm il-paċi. Rajna per eżempju kif meta waqa' l-President Assad fis-Sirja ħafna bdew imexxu l-argument li dawk li ħarbu fil-gwerra għandhom jintbagħtu lura, qisu kien hemm xi bakketta maġika u kollox tranġa u seħħet il-paċi.

Ejja ngħiduha kif inhi l-perċezzjonijiet, l-isterjotipi u r-razziżmu fostna qegħdin dejjem jiżdiedu. B'movimenti populisti irewwħu b'mod kontinwu u b'mod aggressiv, u b'min suppost jara li jiġġieled dan jibqa' litteralment sieket u jipprova ineħħi minn fuq l-aġenda l-kriżi tal-immigrazzjoni fil-Mediterran, mhix sorpriża li ssib min jaffrontak b'dan il-mod. Għax deffsuha f'moħħ il-poplu, li l-immigranti jaħarbu minn pajjiżhom għax m'hemmx paċi. U l-poplu jifhem li m'hemmx paċi tfisser gwerra. Suldati jisparaw kontra oħrajn. Tankijiet u missili. Bini mġarraf.

F'31 sena ġurnaliżmu, tkellimt u intervistajt ħafna immigranti. Kulħadd bi storja differenti. Tifhem ir-realtajiet. Tifhem li dik il-'paċi' li jkunu qegħdin ifittxu, li ħafna drabi nirreferu għaliha bħala 'it-tama għal ħajja aħjar', hi paċi oħra u li tmur lil hinn mid-definizzjoni simplistika li għandna f'moħħna ħafna minnha u li nassoċċjawha biss ma' kunflitti militari u bl-armi. Għalihom il-paċi tfisser ġustizzja. Sigurtà. Li jieħdu d-dinjità tagħhom lura. Li jgħixu ħajjithom. Il-libertà u l-ħelsien.

## Imma x'inhi l-paċi?

Fuq il-paċi u x'inhi eżatt kien tkellem b'mod ċar ħafna il-Papa Pawlu VI f'Diċembru tas-sena 1968. Definizzjoni li llum ninjorawha għax hekk hemm min jaqbillu. Jekk taqbad id-definizzjoni tiegħu u tpoġġiha f'ħajjet l-immigranti li jaħarbu, tifhem bla dewmien, għaliex il-ħarba. Għaliex dik il-perseveranza biex tagħmel il-vjaġġ. Biex tissogra ħajtek fuq il-baħar fuq biċċa qoxra. Li tafda lilek innifsek, kollok kemm int, f'idejn nies li ma tafhomx biex iqabbduk it-triq bir-riskji kollha u l-abbużi li dan iġib miegħu. Jagħmluha għax ma jkunux qed jaraw ebda alternattiva oħra fejn ikunu qegħdin jgħixu.

## Id-drittijiet umani u l-paċi imorru flimkien

Il-Papa Pawlu VI, f'messaġġ li kien għamel kien rabat flimkien il-promozzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem mal-paċi. Kien iddikjara b'mod ċar ħafna li biex il-bniedem ikun garantit id-dritt għall-ħajja, għal-libertà, għall-ugwaljanza, għall-kultura, għat-tgawdija tal-benefiċċji taċ-ċivilizzazzjoni, għad-dinjità personali u soċjali, il-paċi hija meħtieġa. Kien ċar ħafna u qal li meta l-paċi titlef l-ekwilibriju u l-effiċjenza tagħha, id-drittijiet tal-bniedem isiru prekarji u jiġu kompromessi. Kien qal li meta ma jkunx hemm paċi, id-dritt jitlef l-istatura umana tiegħu. Barra minn hekk, fejn id-Drittijiet tal-Bniedem ma jiġux rispettati, difiżi u promossi, fejn issir vjolenza jew frodi lill-libertajiet tal-bniedem, fejn il-personalità tiegħu tiġi injorata jew degradata, fejn jipprevalu d-diskriminazzjoni, il-jasar jew l-intolleranza, ma jistax ikun hemm paċi vera. Il-paċi u d-drittijiet huma reċiprokament kawża u effett, wieħed tal-ieħor: Il-paċi tiffavorixxi d-drittijiet, u d-drittijiet minnaħa tagħhom jiffavorixxu l-paċi.

## Jaħarbu minħabba tkasbir tad-drittijiet

U b'din it-tifsira ta' x'inhi l-paċi mill-Papa Pawlu VI nistgħu nifhmu eżatt u bla xkiel is-sitwazzjoni tal-immigranti u l-ħarba tagħhom. Ħafna politiċi biex joskuraw lill-immigranti jgħidulna f'dak il-pajjiż m'hemmx gwerer. Tistgħu tfittxu u taraw. Jgħidulna hekk għax ikunu qegħdin jaraw tifsira simplistika għall-aħħar ta' x'inhi l-paċi - dik marbuta ma' kunflitti militari. Illum saru ukoll idaħħlulna il-frażi, immigranti ekonomiċi. Jiġifieri qed jaħarbu biex isibu xogħol jew pagi aħjar. Din hi xi ħaġa li meta titkellem mal-immigranti ma ssibhiex bħala r-raġuni prinċipali. Ir-raġuni dejjem tkun marbuta ma' drittijiet, nuqqas ta' ġustizzja soċjali, diskriminazzjoni, skjavitù.

Il-ħarba u t-tluq għal għonq it-triq f'xi każi iva ikunu minħabba l-gwerer. F'każi oħra persekuzzjoni. Ma' dawn imma jkun hemm kwistjonijiet oħra marbutin mal-orjentazzjoni sesswali, mar-reliġjon, mal-etniċità, il-ħajja prekarja u l-iskjavitù li jkunu qegħdin jgħixu fih f'pajjiżi bħal-Libja u t-Tuneżija. Il-vjaġġ tal-immigranti hu tfittxija sħiħa u kontinwità għall-paċi fis-sens wiesa' tagħha. Li jgħixu bħal bnedmin oħra u jgawdu d-drittijiet tagħhom.

Allura għandek rġiel u nisa, tfal, żgħażagħ u anzjani li jitilqu għal għonq it-triq ifittxu post fejn jgħixu fil-paċi. Bil-għan li jsibuh, ħafna minnhom huma disposti jirriskjaw ħajjithom fi vjaġġ li fil-parti l-kbira tal-każi hu twil u perikoluż, jgħaddihom minn taħbit u tbatijiet, jaffrontaw kull tip ta' affarijiet quddiemhom. Ibda milli jafdaw ruħhom kompletament f'idejn nies li ma jafuhomx. Xi drabi nies bla skrupli ta' xejn li jieħdu l-okkażjoni u jabbużaw minnhom b'kull mod. Jiffaċċjaw il-famuż 'barbed wire' u ħitan imtellgħin biex iżommuhom imbiegħdin mid-destinazzjoni tagħhom.

Jitilqu b'ta' fuqhom senduqhom u jaslu fl-Ewropa l-istess. Idejhom vojta. Fl-esperjenza tiegħi magħhom, fl-intervisti li wettaqt, dawn in-nies mingħajr ma riedu urewni xi ħaġa li forsi lanqas huma stess ma japprezzaw.

Dejjem rajt fihom li mhux minnu li jaslu b'idejhom vo-

jta. Materjalment veru ma jkollhom xejn. Imma meta titkellem magħhom tinduna bil-kuraġġ li jkollhom. Il-perserveranza. Li minkejja kollox baqgħu jippruvaw. Niftakar f'dak l-immigrant li ttanta l-vjaġġ bil-baħar sitt darbiet mil-Libja sakemm ġabha żewġ. Ħames darbiet ġie interċettat u spiċċa fid-detenzjoni u bata t-tortura. Imma baqa' jipprova u jipprova. L-enerġija. Il-ħiliet. Fuq kollox l-aspirazzjonijiet - dik li jibdew ħajjithom mill-ġdid. Li jitħarrġu, biex jaħdmu. Tifhem fihom li lesti jagħmlu kull sagrifiċċju biex jilħqu dik il-ħolma. Fuq kollox tagħraf fosthom l-ispirtu ta' solidarjetà. Lesti jgħinu 'lxulxin waqt il-vjaġġ.

Il-vjaġġi wasslu biex il-Mediterran sar ċimiterju. Mis-sena 1990 'lhawn hu kkalkulat li aktar minn 50,000 persuna sabu qabarhom fil-Mediterran. Snin ilu kien hemm inizjattiva mit-Taljani u diversi pajjiżi imsejjħa Mare Nostrum li fiha kienu jieħdu sehem diversi bastimenti militari biex isalvaw l-immigranti li jkunu qegħdin jaqsmu. Maż-żmien iżda l-kurrent beda jimbotta aktar mhux lejn li jiġu salvati iżda li jinbnew il-ħitan.

Allura x'ġara? Dawn l-inizjattivi waqfu. Issaħħet ħafna aktar il-politika ta' deterrent. Dejjem kien hemm politika ta' deterrent għax kull min kien jasal wara dak il-vjaġġ u dak kollu li jiffaċċja, kien jispiċċa jiġi detenut għal xhur sħaħ. Maż-żmien minħabba imwiet fil-Mediterran, diversi għaqdiet non governattivi bdew jidħlu b'bastimenti li jkunu xtraw biex iwettqu operazzjonijiet ta' salvataġġ. Maż-żmien bdejna naraw id-deportazzjonijiet. Il-pushbacks. Saru ftehim bejn l-Italja u l-Libja u dan bit-tama li jkunu kontrollati l-vjaġġi. Bdejna naraw il-Gwardji tal-Kosta Libjani jagħmlu interċettazzjonijiet. Wara dawn anki it-Tuneżini, għax it-tnejn li huma kienu mgħejjuni minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Bdejna naraw it-Taljani jissikkaw fuq il-bastimenti ta' ngo's. Għall-ewwel bdew jitrattjenu, ġieli anki ġimagħtejn biex jagħtu port sig-



ur. Imbagħad bdew jagħtu port sigur il-bogħod ħafna minn fejn ikun twettaq is-salvataġġ u dan biex joħloq pressjoni fuq ir-riżorsi tal-istess organizazzjonijiet. Bdew isiru l-ispezzjonijiet abbord il-bastimenti. Ittieħdu proċeduri anki fil-qrati. Bil-mod il-mod żviluppat politika ta' deterrent fi ħdan il-pajjiżi Ewropej. Politika intiża li taqta' qalb lil dawk li jkunu se jagħmlu vjaġġ. Jafu li l-kelma tasal għax il-messaġġi jixxerrdu malajr u allura l-ħitan u l-politika ta' deterrent kellhom l-għan li jaqtgħu qalb l-immigranti.

## L-ebda ħajt ma jwaqqaf dik il-forza li tfittex il-paċi u l-ġustizzja... ir-reazzjoni Ewropea tkun dik ta' bini ta' aktar ħitan

L-esperjenza uriet li xejn ma jwaqqaf dik il-forza li jkollhom dawn in-nies fi tfittxija għall-ġustizzja, għal ħajja aħjar biex jgħixu ħajja bi drittijiethom u fil-paċi. Ma nafx kemm il-darba għamiltilhom il-mistoqsija, mhux aħjar fuq l-art milli tipprova l-vjaġġ bil- baħar jew aktar min ġimgħa fi vjaġġ fid-deżert tas-Sahara bil-perikli kollha li dan iġib? Ir-risposta li tingħata hi li l-vjaġġ bil-baħar isir għax tħossok aktar sigur fuq dik id-daqxejn ta' qoxra milli fuq l-art. L-istess il-vjaġġ bid-deżert. Kemm se ddum tistaħba f'pajjiż barrani? Kemm se ddum tħossok mhedded? Tiddeċiedi li tmur lejn post ieħor, 'lfuq u taqsam id-deżert. Tħossok aktar sigur tagħmel dak il-vjaġġ, milli fejn tkun qiegħed tgħix.

U għalhekk in-numri ta' immigranti naqsu minn ammont ta' snin ilu, xorta waħda in-numri ta' dawk li jaqsmu baqa' għoli minkejja kull ħitan li saru, minkejja l-imwiet u l-miżuri ta' deterrent. U llum il-kuntest fl-Ewropa hu wieħed. Dak ta' kif se jissaħħu aktar il-ħitan. Il-pajjiżi Ewropej qegħdin jikkunsidraw deportazzjonijiet u esternalizzazzjoni biex irażżnu l-immigrazzjoni fost żieda qawwija fil-lemin estrem madwar il-kontinent.

Għandna sitwazzjoni fejn il-mexxejja tal-Unjoni Ewropea qegħdin jagħmlu pressjoni għal regoli aktar stretti dwar il-migrazzjoni. Il-pajjiżi Ewropej qegħdin dejjem aktar jissikkaw il-politika tal-migrazzjoni. Il-politiku isibha komda li quddiem il-fallimenti tal-politika tiegħu, iwassal fl-immigranti. Saret faċli jipponta sebgħu lejn l-immigranti għal dak kollu li jkun sejjer ħażin. Politika ta' biża'. Politika li mhi tagħmel xejn għajr iżżid ir-razziżmu u l-perċezzjonijiet kontra dawn il-persuni. U waqt li jagħmlu hekk, igawdu dawk tal-lemin estrem. Rajna kif fl-elezzjonijiet fis-snin 2024 u l-2025 partiti tal-lemin estrem u kontra l-migrazzjoni jikbru fil-popolarità.

Quddiem dan u minħabba l-mod kif bdew jitilfu l-appoġġ, diversi gvernijiet bdew jieħdu miżuri drastiċi. Il-pajjiżi Ewropej żiedu l-kontrolli fuq il-fruntieri, ħadu passi kontra gruppi ta' kuntrabandu u esternalizzaw l-ipproċessar tal-ażil, filwaqt li l-leġiżlaturi tal-Unjoni Ewropea approvaw riforma kbira tal-politika tal-ażil biex jippruvaw inaqqsu l-wasliet irregolari. Il-miżuri l-ġodda se japplikaw mis-sena 2026. Miżuri li huma kritikati mill-partiti tal-lemin li qegħdin jgħidu li ma jmorrux 'il bogħod biżżejjed.

Mill-banda l-oħra gruppi għad-drittijiet umani jiddikjaraw li hemm riskju akbar ta' detenzjoni arbitrarja u ripatrijazzjonijiet lejn pajjiżi fejn dawk li qed ifittxu ażil huma f'riskju ta' vjolenza jew priġunerija inġusta.

U ma tridx tkun tgħaref wisq biex tinduna x'se jiġri minkejja dawn il-miżuri kollha. Rajniha ssir u m'hemm dubju li se terġa' issir. Jinbidlu ir-rotot. Jinstabu rotot ġodda. Aktarx ikunu aktar perikolużi u itwal. Dan hu l-effett li jħallu l-bini ta' ħitan fuq il-fruntieri biex nagħmlu fortizza Ewropea. Is-soluzzjoni dejjem hi waħda. Kuri-turi umani. Solidarjetà fuq il-fruntieri. L-umanità għandha tirbaħ fuq kull konsiderazzjoni oħra.

# Meta l-ħaddiema fl-Eġittu niżlu fit-toroq kontra tneħħija ta' sussidji fuq l-ikel... il-gvern ċeda 48 siegħa wara

Bħal-lum 18 ta' Jannar tas-sena 1977, ħaddiema u nies fqar fl-Eġittu ipprotestaw bil-qawwa kontra t-tmiem ta' sussidji mill-Istat fuq ikel bażiku. Dawn il-protesti u rewwixti issejħu bħala intifada għall-ħobż.

Ma' sbieħ il-jum tat-18 ta' Jannar, ħaddiema min fabbriki fil-Kajr u Helwan, ħarġu mill-fabbriki. F'Shoubra el Kheima, xi ħaddiema ħarġu bi strajk waqt li oħrajn okkupaw diversi postijiet tax-xogħol. Studenti u ħaddiema miċ-Ċivil mxew sal-Parlament. Għadd kbir ta' toroq ġew imbukkati, għases tal-Pulizija ngħataw in-nar, diversi lukandi kienu attakkati, l-istess kif ġralhom distretti li fihom jgħixu is-sinjuri.

Il-kwartieri tal-Egypt Arab Socialist Party ingħataw in-nar. Xi dimostranti ħadu armi minn għases tal-Pulizija. Il-forzi tal-ordni qatlu xejn inqas minn 800 persuna u ħafna oħrajn kienu feruti. Bdew sensiela ta' azzjonijiet industrijali. Finalment il-Gvern ċeda u irtira l-pjani tiegħu 48 siegħa wara li kien ħabbarhom.



## Meta tal-Ku Klux Klan organizzaw rally u spiċċaw telliefa



Bħal-lum 18 ta' Jannar tal-1958, saret dik li hi magħrufa bħala il-battalja ta' Hayes Pond. Din seħħet f'North Carolina, fejn dakinhar persuni indiġeni Amerikani sfrattaw rally li kienu qegħdin jagħmlu l-Ku Klux Klan.

Dan il-klan kien iqis lil tribu li kien hemm fil-lokal bħala 'razza ppastardjata'. Dan il-klan ma kienx qed jaċċetta li jkun hemm persuni bojod li jispiċċaw f'relazzjoni ma' nies minn dan it-tribù. Peress li dan it-tribu kien ta' ftit nies, il-klan ħaseb li dawn kienu se jkunu mira faċli għalihom. Bdew billi ħarqu salib. L-attivitajiet tagħhom bdew jeskalaw sakemm iddeċidew li jagħmlu rally, li l-għan tiegħu kien li jintemm darba għal dejjem dak li huma sejħulu 'taħlit tar-razez'.

Kienu qalu li se jattendu eluf għal dan ir-rally, imma fir-realtà l-attendenza ma kinitx ta' aktar minn 100 persuna. Madwar 500 persuna mit-tribù, mgħejjunin minn veterani tat-Tieni Gwerra Dinjija, armat lilhom infushom b'armi u anke ġebel u opponew ir-rally. L-indiġeni ma ħasbuhiex darbtejn biex sparaw fuqhom u ferew 4 membri minn tal-Ku Klux Klan u dawn sparaw lura imma ma laqtu lil ħadd. Tal-Ku Klux Klan spiċċaw telliefa u ħarbu. Il-persuni mit-tribù ndiġeni ma waqfux hemm. Marru u ħarqu l-apparat u l-banners li kien hemm fir-rally.

Dan l-inċident għen biex is-sentiment tan-nies tal-lokal idur kontra l-membrri tal-Ku Klux Klan, tant li l-mexxej tagħhom kien arrestat, ittella' l-Qorti u instab ħati b'inċitament ta' vjolenza. Dan l-episodju wassal biex l-attivitajiet tal-Ku Klux Klan fiż-żona waqfu u din id-data biex tiġi ċċelebrata kull sena minn dan it-tribù.



Ippremja lit-Tim Tiegħek.
Saħħaħ in-Negozju Tiegħek.
GWU APS bank
Your union your pension
APS Occupational Pension Scheme
Aħna diġà ppreparati biex nassistu l-kumpanija tiegħek!
Approved and issued by APS Bank plc as the distributor of the Scheme and the protector of the Trust. APS Bank plc is regulated by the Malta Financial Services Authority as a Credit Institution under the Banking Act 1994 and to carry out Investment Services activities under the Investment Services Act 1994. The APS Occupational Pension Scheme is licensed and regulated as an occupational retirement scheme by the Malta Financial Services Authority in terms of the Retirement Pensions Act (Chapter 514 of the Laws of Malta). Praxis PES Malta Limited is authorised by the Malta Financial Services Authority to act as a Retirement Scheme Administrator to Retirement Schemes registered under the Retirement Pensions Act, 2011. Terms and conditions apply and are available on apsbank.com.mt/occupational-pension/ There is no statutory provision for compensation in the case where a retirement scheme is unable to satisfy the liabilities attributable to it and the license of the Scheme is not an endorsement by the MFSA of the Scheme's financial performance. All prospective Contributors and/or Members should consult their own professional advisors as to the legal, tax, financial or other matters relevant to the suitability of a contribution to the Scheme.
+356 2567 9000 www.gwu.org.mt www.apsbank.com.mt pensions@gwu.org.mt

# BIDU TAL-11-IL ŻODJAKU: AQUARIUS (IŻ-ŻIR)



## Mill-20 ta' Jannar sat-18 ta' Frar 2026



**ARIES (Il-Kbix) MILL-21 TA' MARZU SAD-19 TA' APRIL**

F'dan il-bidu tal-11-il żodjaku ta' Aquarius għalik Aries se jkun il-waqt ta' għarfien għal dak li int esperjenzajt fil-passat. Għaldaqstant iffoka biss fuq dak li int għaddej fil-preżent.

Aries huma magħrufin għall-abbiltà organizzata tagħhom. Namaste



**TAURUS (it-Tawr) MILL-20 TA' APRIL SAL-20 TA' MEJJU**

F'dan il-bidu tal-11-il żodjaku ta' Aquarius għalik Taurus se jagħmlek iżjed tirrifletti sew dwar dak li int għaddej minnu sabiex b'hekk int tkun f'qagħda tajba li tagħraf tilqa' għal dak li ġej fil-ġimgħat li ġejjin.

Taurus huma magħrufin għall-ispontanjetà tagħhom. Namaste



**GEMINI (it-Tewmin) MILL-21 TA' MEJJU SAL-20 TA' ĠUNJU**

F'dan il-bidu tal-11-il żodjaku ta' Aquarius għalik Gemini se jkun perjodu ta' iżjed pjanar dwar dawk l-opportunitajiet ġodda li kapaċi jiftħulek diversi toroq. Agħraf emmen iżjed fik.

Gemini huma magħrufin bħala persuni ta' komunikazzjoni tajba. Namaste



**CANCER (il-Qabru) MILL-21 TA' ĠUNJU SAT-22 TA' LULJU**

F'dan il-bidu tal-11-il żodjaku ta' Aquarius għalik Cancer se jagħmlek aktar iffokat, attent u preparat. Għalhekk huwa importanti li kull sitwazzjoni, hi x'inhi, tagħtiha dik l-attenzjoni meħtieġa.

Cancer huma magħrufin għall-abbiltà u t-twemmin fihom infushom. Namaste



**LEO (id-Durbies) MIT-23 TA' LULJU SAT-22 TA' AWWISSU**

F'dan il-bidu tal-11-il żodjaku ta' Aquarius għalik Leo se jagħmlek iżjed tagħraf il-bżonnijiet personali tiegħek, l-aktar dawk li jolqtu lilek diretta-ment. B'hekk tkun aktar imħejji għalik.

Leo huma magħrufin li huma nies umli u ta' determinazzjoni. Namaste



**VIRGO (l-Għodra) MIT-23 TA' AWWISSU SAT-22 TA' SETTEMBRU**

F'dan il-bidu tal-11-il żodjaku ta' Aquarius għalik Virgo se jagħmlek tagħraf aktar kif għandek tħejji għal dawk id-deċiżjonijiet li resqin lejk. Agħraf sabiex ma twettaqx deċiżjonijiet mgħaġġla. Kun aktar kawt.

Virgo huma magħrufin għall-indipendenza tagħhom. Namaste

**LIBRA (il-Miżien) MIT-23 TA' SETTEMBRU SAT-22 TA' OTTUBRU**



F'dan il-bidu tal-11-il żodjaku ta' Aquarius għalik Libra se jkun il-waqt għal dawk l-opportunatijiet ħodda fil-karriera tiegħek però issa aktar min qatt qabel sabiex tkompli tkabbar ħiltek.

Libra huma magħrufin għall-flessibilità tagħhom. Namaste

**SCORPIO (l-Għaqreb) MIT-23 TA' OTTUBRU SAL-21 TA' NOVEMBRU**



F'dan il-bidu tal-11-il żodjaku ta' Aquarius għalik Scorpio se jfisser li int għandek taraf aktar fuq diversi ċaqliq li hemm resqin lejk għalhekk issa aktar min qatt qabel trid tagħraf tanalizza biex iżżomm il-bilanċ.

Scorpio huma magħrufin għall-burdata stabbili tagħhom. Namaste

**SAGITTARIUS (il-Qaws) MIT-22 TA' NOVEMBRU SAL-21 TA' DIĊEMBRU**



F'dan il-bidu tal-11-il żodjaku ta' Aquarius għalik Sagittarius se jkun mu-ment li tagħraf iżjed tkun kapaċi tasal għal dawk il-konklużjonijiet tant mixtieqa minnek.

Sagittarius huma magħrufin għall-għarfien tagħhom lejn oħrajn. Namaste

**CAPRICORN (il-Wott) MIT-22 TA' DIĊEMBRU SAD-19 TA' JANNAR**



F'dan il-bidu tal-11-il żodjaku ta' Aquarius għalik Capricorn se jkun il-waqt fejn int trid tagħraf sew dak li tixtieq għax int kapaċi tasal 'il quddiem. Ovjament kull pass fih is-sagrifiċċju tiegħu.

Capricorn huma magħrufin għad-determinazzjoni tagħhom. Namaste

**AQUARIUS (iż-Żir) MILL-20 TA' JANNAR SAT-18 TA' FRAR**



F'dan il-bidu tal-11-il żodjaku ta' Aquarius għalik l-istess Aquarius se jkun ifisser li trid trattab xi deċiżjonijiet li int qed tesperjenza. Fin-nuqqas ta' dan għalik jaf ikun ta' xkiel. Għalhekk kompli ħares 'il quddiem.

Aquarius huma magħrufin għall-attenzjoni li huma jagħtu. Namaste

**PISCES (il-Ħut) MID-19 TA' FRAR SAL-20 TA' MARZU**



F'dan il-bidu tal-11-il żodjaku ta' Aquarius għalik Pisces se jkun mument ta' riflessjoni dwar il-pożizzjoni fil-madwar tiegħek. Għalhekk int trid tagħraf taħseb b'aktar għaqal għall-futur tiegħek.

Pisces huma magħrufin għall-istabbiltà tagħhom. Namaste

## SEBA' VOUCHERS TA' €7 GĦALIK

- L-ewwel seba' qarrejja li jibagħtu SMS fuq 79495804 se jingħataw Voucher ta' €7 li jissarraf fil-pubblikazzjonijiet ta' PaulJon.

- L-ewwel seba' qarrejja li jibagħtu SMS fuq 99013600 se jingħataw voucher ta' €7 ma' Shred N Tone 13, il-Healthy Brand Tiegħek!

*Grazzi tal-appoġġ tiegħek għal din il-paġna. Namaste*



# DAWRA STORIKA U KULTURALI MAL-PORT IL-KBIR (2)



JOSEPH SERRACINO
serracinoj@gmail.com

**Il-ħtieġa li fil-bokka tal-Port il-Kbir isir xi tip ta' għeluq minn taħt il-Forti Sant'Iermu sa taħt il-Forti Rikasli kienet ilha tinħass mill-1860, iżda kellhom jgħaddu 43 sena sakemm din il-ħolma saret realtà.**

## Knejjes fil-Belt Valletta

Nimmaġina li min iżur San Ġwann jinżel ukoll fil-kripta tiegħu li fiha nsibu l-oqbra tal-Gran Mastri Philippe Villiers de l-Isle Adam (1530-1534), Jean de la Valette (1557-1568), Jean l'Aveque de La Cassiere (1572-15810, Hughues Loubens de Verdalle bil-mitra f'rasu (1581-1595), Pierino del Monte (1534-1535), Martin Garzes (1595-1601), Adrian de Wignacourt (1690-1697), u Luis Mendez de Vasconcellos (1622 -1623). F'din il-kripta nsibu wkoll il-qabar tal-Kavallier Ingliż Oliver Starkey (1523 -1583/1586) – l-uniku Kavallier Ingliż fi żmien l-Assedju l-Kbir. Interessanti wkoll li l-qiegħa tal-art tal-katidral hi miksija b'400 lapida tal-oqbra tal-Kavallieri li mietu f'Malta.

Kif aċċennajt, il-Belt Valletta hi mogħnija b'għadd ġmielu ta' knejjes (b'xi wħud minnhom bil-kunventi magħhom) – il-maġġoranza tagħhom inbnew fiż-żmien l-Ordni, fosthom insibu il-Knisja ta' San Pawl Nawfraġu (1577), il-Knisja ta' Santa Marija tal-Portu Salvu bil-kunvent magħha (1571) li nbniet fuq pjanta ta' Ġlormu Cassar (1520 -1568) – wara 200 sena din il-knisja twaqqgħet u fl-1804 inbniet mill-ġdid fuq il-pjanta ta' Anton Cachia, il-Knisja tal-Vitorja (1566), il-Knisja ta' Santa Katerina tal-Italja (1576), il-Knisja tal-Erwieħ (1658) – qabilha kien hemm knisja oħra ta' rit Grieg li nbniet fl-1580 taħt it-titlu ta' Santa Marija Damaxxena, il-Knisja ta' San Ġakbu (1612), il-Knisja ta' Santa Katarina (1576), il-Knisja ta' Ġiesu bil-kunvent magħha (1571), il-Knisja ta' Santu Wistin (1572) bil-kunvent magħha, il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu (1570) bil-kunvent magħha, il-Knisja ta' San Franġisk (1600) bil-kunvent magħha – din il-knisja li hi magħrufa bħala l-Knisja ta' Putirjal inbniet mill-ġdid fl-1681, Santa Barbara (1573) inbniet mill-ġdid fl-1739, il-Katidral Anglikan ta' San Pawl mibni bejn l-1839 u 1844 bi stil Neoklassiku, il-Knisja tal-Madonna ta' Liesse li nbniet fl-1740 fuq post ta' knisja oħra tas-Seklu 17 u oħrajn. Ma' dawn il-knejjes insibu wkoll diversi kappelli. F'dawn il-knejjes insibu teżori kbar ta' deheb u fided, kwadri tal-pittura u statwi – xogħlijiet maħdumin minn diversi artisti Maltin u barranin f'epoki differenti.



## Il-Bereġ tal-Ordni

Mit-tmien Bereġ li l-Ordni tal-Kavallieri bena fil-Belt Valletta fuq pjanta ta' Ġlormu Cassar baqa' ħamsa biss. Il-Berġa ta' Kastilja nbniet fl-1744 fiż-żmien il-Gran Mastru Manoel Pinto de Fonsca – illum tintuża bħala l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Il-Berġa ta' Provenza (1570) – illum il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, il-Berġa tal-Italja (1683) – għamlet snin bħala Uffiċċju Ġenerali tal-Posta, snin tintuża mill-Awtorità tat-Turiżmu – illum il-Mużew Nazzjonali tal-Arti (MUŻA), il-Berġa ta' Aragona (1570) – l-unika berġa li għadha kif bnieha Glormu Cassar (1520-1586) illum tintuża minn wieħed mill-ministeri u l-Berġa tal-Baviera (1696) li tintuża bħala uffiċini tal-Awtorità tal-Artijiet.

Waqt li l-Berġa tal-Ingilterra li kienet inbniet fl-1591 kienet twaqqgħet mill-Ingliżi biex flokha jinbena t-Teatru Rjal, il-Berġa tal-Ġermanja wkoll kienet twaqqgħet mill-Ingliżi biex fuq is-sit tagħha jinbena l-Katidral Anglikan (1839) iddedikat lil San Pawl. Il-Berġa tal-Alvernja ġarbet ħsarat kbar fit-Tieni Gwerra Dinjija u minflokha nbena l-Qorti waqt li l-Berġa ta' Franza ġġarrfet fil-gwerra u fuq is-sit tagħha nbnew il-Kwartieri tal-General Workers Union.

## Purċissjonijiet fil-Belt Valletta

Tradizzjonalment fil-Belt Velletta jsiru erba' purċissjonijiet parrokkjali: Mill-Knisja Arċipretali ta' San Pawl Nawfraġu, fl-10 ta' Frar ta' kull sena toħroġ purċissjoni bl-istatwa sabiħa ta' missierna San Pawl (meqjusa bħala waħda mill-kapolavuri Borokk – xogħol ta' Melchiorre Gafà) li jdur mal-Belt. Mill-Knisja tal-Portu Salvu ssir il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Duminku (din l-istatwa aktarx ġiet skolpita minn skultur Spanjol fuq stil borokk u tmur lura għas-sena 1687). Mill-Knisja Bażilka tal-Patrijiet Karmelitani ta' kull sena toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa sabiħa u devota tal-Madonna tal-Karmnu (xogħol tal-iskultur Malti Vincenzo Dimech (1744-1803). Mill-knisja Agostinjani f'nhar il-festa ta' Santu Wistin toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-qaddis (aktarx xogħol ta' Censu Cremona). Mill-Knisja tal-Patrijiet ta' Ġieżu joħorġu żewġ purċissjonijiet fis-sena – waħda bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira u l-oħra l-pellegrinaġġ tradizzjonali Marjan bl-istatwa ta' Marija Addolorata, li għaliha, ta' kull sena jattendu eluf kbar ta' devoti ta' Sidtna Marija minn Malta kollha. Ovvjament matul is-sena, minn dawn il-knejjes joħorġu diversi purċissjonijiet oħra.

## Mużewijiet

Il-Belt Valletta hi mogħnija b'diversi mużewijiet, fosthom il-mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija. Dan il-mużew jospita fih kollezzjoni impressjonanti ta' artefatti mill-preistorja sal-perjodu Ruman. Il-mużew tal-Arti (Fine Arts) – palazz mibni fuq stil borrok li jmur lura għas-snin 1570. Matul l-era Brittanika dan il-palazz serva bħala residenza uffiċjali tal-Kmandant tal-Flotta Mediterranja. Il-Mużew ta' Kon-Katidral ta' San Ġwann li nsibu fih it-teżori artistiċi kollha li jinsabu fil-katidral. L-Armerija (fil-Palazz tal-Gran Mastru) insibu kollezzjoni kbira ta' armi li ntużaw fl-Assedju l-Kbir). Il-Berġa tal-Italja tospita' l-mużew Nazzjonali tal-Arti (MUZA) u fil-Forti ta' Sant'Iermu nsibu l-National War Museum. Minbarra dawn il-mużewijiet insibu wkoll Casa Rocca Piccola u Lascaris War Rooms.

## Monumenti

Bla dubju, kif normalment insibu f'diversi bliet kapitali madwar id-dinja, fil-Belt Valletta nsibu għadd ġmielu ta' monumenti u statwi li huma marbutin ma' avvenimenti storiċi, politiċi u reliġjużi ta' Malta bħalma huma l-monumenti tal-Assedju l-Kbir li qiegħed quddiem il-Qorti (Triq Repubblika) u jikkonsisti fi tliet figuri li jissimbolizzaw il-Fidi, il-Qawwa u ċ-Ċiviltà – xogħol l-iskultur Antonio Sciortino u kien inawgurat fit-8 ta' Mejju 1927. L-istatwa tal-Gran Mastru Jean de La Valette li nsibu wara l-bini tat-Teatru Rjal – xogħol ta' Joseph Chetcuti, tal-Papa Piju V, tas-Sette Giugno (fi Pjazza San Ġorg) – xogħol ta' Anton Aguis. Fuq Kastilja nsibu oħrajn li huma marbutin mal-istorja politika ta' pajjiżna, fosthom dak tal-filosofu u ġur-

nalist Manwel Dimech (1860 -1921), tal-Prim Ministri Ġorġ Borg Olivier (1911-1980 ), Pawlu Boffa (1890-1962), Dom Mintoff (1916-2012) u Karmenu Mifsud Bonnici (1933 -2022). Maġenb il-qorti nsibu l-monument tal-President Gwido de Marco (1931-2010). Oħrajn bħall-monument tal-Qanpiena (1992) bħala tifkira għall-qlubija tal-Maltin li mietu fil-gwerra, l-istatwa tar-Reġina Vittorja (xogħol l-iskultur Taljan Valenti) fi pjazza Reġina), dik ta' Nettunu fil-Palazz tal-President (magħruf ukoll bħala l-Palazz tal-Gran Mastru).

Nota qasira dwar l-istatwa ta' Nettunu. Tajjeb li wieħed ifakkar li antikament, din l-istatwa tal-bronż magħrufa bħala 'Il-Ġgant' kienet wieqfa fil-pixkerija l-qadima f'xatt il-Belt fl-inħawi tal-Knisja tal-Madonna ta' Leisse, iżda fl-4 ta' Awwissu 1858, fi żmien il-Gvernatur Gaspard le Machant, kontra x-xewqa tal-poplu din l-istatwa tneħħiet minn hemm u tqiegħdet fil-bitħa tal-Palazz.

Tajjeb li wieħed iżid ukoll li fiż-żewġ barrakki tal-Belt Valletta nsibu bosta monumenti, statwi u plakki kommemorattivi konnessi mal-istorja politika ta' pajjiżna fosthom, Sir Wiston Churchill (Prim Ministru Ingliż fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija), Sir Thomas Maitland ( Gvernatur ta' Malta bejn 1813-1824), il-Prim Ministru Sir Gerald Strickland (bejn l-1927 u l-1932) u Les Gavroches (xogħol mill-isbaħ ta' Antonio Sciortino fil-Barrakka ta' Fuq, waqt li fil-Barrakka ta' Isfel insibu l-monument ta' Sir Alexander Ball. Inżid ukoll li f'bosta toroq fil-Belt Valletta nsibu għadd ġmielu ta' statwi reliġjużi.

## Ġonna pubbliċi

Fil-Belt Valletta nsibu wkoll tliet ġonna pubbliċi – ewlieni hu dak l-Barrakka ta' Fuq li ta' kuljum iżuruh eluf ta' Maltin u turisti, il-Barrakka ta' Isfel u l-Ġnien ta' Hastings. Fil-Ġnien ta' Hastings insibu l-monument ta' Lord Francis, Marqies ta' Hastings li kien Gvernatur ta' Malta bejn l-1824 u 1826.

## Każini tal-banda u klabbs sportivi

Fil-Belt Valletta nsibu żewġ każini tal-Banda – is-Soċjetà Filarmonika King's Own (1874) u s-Soċjeta' Filarmonika Nazzjonali La Valette (1874), il-klabb tal-futbol Valletta (1943) u l-klabb tar-Regatta (Marsamxett/Valletta).

## Teatri

Fil-Belt Valletta nsibu żewġ teatri, it-Teatru Manoel (1731), imsemmi għall-Gran Mastru tal-Ordni Antonio Manoel de Vilhena u t-Teatru f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, fejn is-Sala tar-Repubblika tintuża bħala teatru. Sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Belt Valletta kienet mogħnija bit-Teatru Rjal (illum teatru miftuħ) li kien inbena fl-1866 fuq pjanta tal-arkitett Ingliż Edwar Barry. Fl-1873, f'dan it-Teatru tal-Opra li f'epoki differenti ddebuttaw fih l-aqwa tenuri, baritoni, baxxi u soprani Taljani ġarrab ħsarat estentivi bin-nirien, u ġie restawrat fl-1877.

Sfortunatament fil-gwerra, dan it-teatru ntlaqat direttament mill-bombardamenti tal-għadu fl-1942. Minkejja li wara l-gwerra saru diversi pjanijiet biex jittella' mill-ġdid, ironikament l-ebda pjan minnhom ma twettaq. Fl-2013, fuq disinn ta' Renzo Piano, il-fdalijiet tiegħu ġew disinjati biex jibda jinfunzjona bħala teatru miftuħ biex fih jittellgħu serati mużikali u spettakli ta' diveriment. Illum fil-Belt Valletta nsibu wkoll it-Teatri taċ-Ċinema (Embassy Cinemas).

Sa 50 sena ilu, fil-Belt Valletta konna nsibu sitt teatri taċ-ċinemas – Savoy Upper and Lower Cinemas, Embassy u Ambassador cinemas, Coliseum Cinema u l-Capitol Cinema.

Ovvjament, il-Belt Valletta, li bħal kull belt oħra Ewropa baqgħet miexja fit-triq tal-progress, saret iċ-ċentru ta' attivitajiet kummerċjali u amministrazzjoni ċivili. Illum din il-belt storika hi miżgħuda b'restorants, b'kafetteriji karatteristiċi, ħwienet ta' ditti internazzjonali u diversi Boutiques Hotels, apparti l-Hotels li ilhom is-snin stabbiliti fiha. Sfortunatament, minkejja dan it-tibdil kollu li ġab miegħu l-progress, parti mill-partimonju antik tagħha li wrietna mingħand missirijietna ntilef fil-gwerra. Nittama li fadal nibqgħu ngħożżuh għax bih nafu l-passat tagħna.

Inkomplu bil-vjaġġ kulturali tagħna! Bil-lanċa bit-turisti dieħla fil-Port il-Kbir minn taħt il-Pont tal-Ħadid li jgħaqqad il-parti ta' taħt il-Forti Sant'Iermu mal-breakwater se nibdew id-dawra storika u kulturali tagħna f'dan il-port storiku, li mill-ibgħad żminijiet sa żmienna ra titfassal l-istorja politika, kulturali u reliġjuża ta' pajjiżna. Matul il-mawra tagħna fil-port, se nidħlu fil-bajja sabiħa tal-Irnella u nagħtu ħarsa madwarna, imbagħad induru għal taħt l-isptar ta' Bighi, nidħlu sal-ġewwieni tad-daħla tal-Kalkara, wara induru mal-blat ta' taħt il-Forti ta' Sant' Anġlu, nidħlu f'Dockyard Creek u nagħtu titwila storika lejn is-siti ta' epoki differenti li nsibu madwar ix-xtut tat-tlett ibliet tal-Kottonera, nitilgħu bil-mod max-xatt tal-Isla sal-Ponta, nagħtu titwila lejn il-baċiri tat-tarzna madwar Daħlet il-Franċiżi, nitilgħu Parlatorio Wharf u aħna u naqsmu l-kanal minn Ras Ħanżir għal taħt il-Furjana u nagħtu ħarsa lejn il-Marsa, nibqgħu telgħin mal-moll tal-Marsa u max-xtut ta' Lascaris u tal-Barrieri fi triqtna lejn il-Breakwater u wara lura lejn Tas-Sliema.

M'hemmx l-iċken dubju li dawk it-turisti li għandhom għall-qalbhom l-istorja u drawwiet tal-pajjiżi li jżuru, dawra kulturali madwar il-Port il-Kbir tagħna mhux biss tagħtihom stampa reali tal-istorja rikka u glorjuża ta' pajjiżna, iżda turihom ukoll l-iżvilupp kontinwu li sar f'dan il-port marittimu f'epoki differenti, li minkejja li kull perijodu kolonjali ħalla mpatt kbir fuqu, xorta waħda kompla jiżviluppa u jaqdi l-ħtiġijiet marittimi ta' pajjiżna u jiġġenera x-xogħol għall-poplu tagħna.

## Il-Port il-Kbir

Kif nafu, il-Port il-Kbir hu miżgħud b'siti storiċi u binjiet ta' interess partikulari. Waqt li nittama li t-tagħrif li se ngħaddilkom dwarhom jgħinkom tifhmu u tgħożżu aktar l-istorja u l-patrimonju li ħallewna missirijietna. Nibdew bl-ewwel sit storiku li niltaqgħu miegħu fid-daħla tal-Port il-Kbir.

## Il-Breakwater

M'hemmx l-iċken dubju li l-bini tal-Breakwater hu meqjus bħala l-akbar opra majestuża li saret matul il-ħakma Ingliża fostna. Fil-fatt, il-ħtieġa li fil-bokka tal-Port il-Kbir isir xi tip ta' għeluq minn taħt il-Forti Sant'Iermu sa taħt il-Forti Rikasli kienet ilha tinħass mill-1860, iżda kellhom jgħaddu 43 sena sakemm din il-ħolma saret realtà.

Jingħad li qabel ma sar il-Breakwater, il-fetħa tal-Port il-Kbir kienet protetta minn katina kbira tal-ħadid minn taħt il-Forti Sant'Iermu għall-Fortizza tar-Rikażli. Din il-katina kienet isservi biex tipproteġi l-Port il-Kbir mid-dħul ta' bastimenti tal-għadu.

Kif wieħed jista' jimmaġina, il-fetħa wiesa' tal-Port il-Kbir kienet riskjuża u ta' theddida kontinwa għax-Xwieni u aktar tard għall-bastimenti tal-istim li kienu jsorġu taħt l-Isptar ta' Bighi jew jorbtu mal-mollijiet tax-xtut tal-Barriera u ta' Lascaris fl-eqqel xhur tax-xitwa, meta l-Port il-Kbir kien jinħakem minn xi maltemp kbir (bħal grigalata) u minn irjieħ qawwija. Minħabba l-kurrenti qawwija li kienu jidħlu mill-bokka tal-Port, ħafna mill-bastimenti, bejn ix-xhur xitwin ta' Ottubru u Marzu kienu jidħlu għal kenn f'Daħlet il-Franċiżi (French Creek) u jsorġu wara l-Isla.

Ironikament id-dewmien tal-maltemp u l-istennija biex il-bastimenti jkunu jistgħu jbaħħru mill-ġdid, sa ċertu punt kien ta' benefiċċju kbir għall-ħaddiema tat-tarznari żgħar li sa nofs is-Seklu 19 kienu armati wara l-Isla. Ħafna mill-kaptani ta' dawn il-bastimenti, kienu jieħdu l-opportunità biex sakemm ibatti l-maltemp jagħmlu xi xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bastimenti tagħhom, fejn ħafna minn dan ix-xogħol kien isir mill-ħaddiema ta' dawn it-tarznari. Ovvjament id-dewmien u l-manutenzjoni ta' dawn ix-xwieni u bastimenti f'din id-daħla kennija kien joħloq ħafna xogħol għall-barklori li bid-dgħajjes tagħhom kienu jwasslu lill-baħrin u passiġġieri sad-Dwana tal-Belt u f'lokalitajiet oħra madwar il-port.

Il-pjanti tal-Breakwater saru mill-kumpanija Coode Sons & Matthews u l-ispiża globali ta' dan il-proġett kienet stmata li se tiswa lill-ammiraljat Ingliż madwar £677,000, iżda xi wħud isostnu, li s-somma kienet qarbot il-miljun sterlina. Dan il-proġett kien jikkonsisti f'għamla ta' żewġ dirgħajn, it-tnejn ħerġin 'il barra għan-nofs il-port, waħda minn taħt il-Forti ta' Sant'Iermu u l-oħra minn taħt il-Forti ta' Rikażli. Id-driegħ li kienet tispara minn taħt Sant'Iermu kellha tul ta' 371 metru u li kienet twasslek għal fuqu permezz ta' Bridge tal-ħadid imwaqqaf fuq żewġ kolonni kbar tal-ħadid finnofs, waqt li d-driegħ li kienet tispara 'l barra minn taħt il-Forti tar-Rikażli kellha tul ta' 120 metru. Il-kuntrattur ta' dan ix-xogħol kien Pearson & Sons u l-inġinieri kienu Davies u Greenburgh.

Għalkemm l-ewwel ġebla tal-Breakwater suppost li tqiegħed mir-Re Dwardu VII tal-Ingilterra fit-18 ta' April 1903 (l-ewwel renjant Ingliż li żar Malta), din iċ-ċerimonja saret tliet ijiem wara minħabba l-maltemp kbir li ħakem il-Port il-Kbir. Ix-xogħol fuq il-Break Water tlesta f'Ottubru 1910. Jingħad ukoll li fuq dan il-proġett kienu ħadmu aktar minn 500 ħaddiem, fosthom ħafna Sqallin u Spanjoli.

Fiż-żmien il-gwerra (26 ta' Lulju 1941) il-Pont tal-Ħadid li kien jgħaqqad Sant'Iermu mal-Breakwater ġie mġarraf mill-E Boats Taljani. Fir-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, inbena Pont ieħor – struttura kbira tal-ħadid ta' 70 metru tul u tqila madwar 190 tunnellata. Dan il-Bridge ġie inawgurat fit-23 ta' Lulju 2012.

*Ikompli f'ħarġa oħra*

» Ikompli f'ħarġa oħra

# Ħadd ma jitwieled u ħadd ma jista' jmut f'dan il-post... fejn hu?



| | | |
|---|---|---|
| A | E x N | 18 |
| B | X ÷ D | 10 |
| C | P - M | 14 |
| D | K ÷ L | |
| E | I + V | |
| F | L x L | |
| G | X - S | |
| H | M + M | |
| I | Y ÷ N | |
| J | N x S | 21 |
| K | D + E | 8 |
| L | X ÷ I | |
| M | Z - I | |

| | | |
|---|---|---|
| N | D + V | |
| O | D x U | 22 |
| P | G + G | |
| Q | R - D | |
| R | I x I | |
| S | L + N | |
| T | X - V | 19 |
| U | O ÷ D | 11 |
| V | W - K | |
| W | N x N | |
| X | G + S | |
| Y | T - L | 15 |
| Z | M + I | |

## Ittri u numri

■ L-ittri mill-A saż-Z għandhom numru, mill-1 sas-26. X'uħud min-numri assoċjati mal-ittri jidhru diġà fit-tielet kolonna fuq il-lemin. Ara jirnexxilekx issib liema huma n-numri assoċjati mal-ittri l-oħrajn bl-għajnuna tat-tagħrif li hemm fil-kolonna tan-nofs.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | | | | | 1 | | | | | |
| 5 | | | | | | | | | | |
| 6 | | | | | | | | | | |
| 5 | | | | | | | | | | |
| 5 | | | | | | | | | | |
| 5 | | | | | | | | | | |
| 5 | | | | | | | | | | |
| 7 | | | | | | | | | | |
| 3 | | | | | | | | | | |
| 9 | 58 | | | | | | | | | |
| | 10 | 1 | 10 | 1 | 9 | 2 | 9 | 2 | 8 | 6 |

## Fejn hu s-serp?

■ Fil-kaxxa ta' hawn fuq hemm serp moħbi li fih id-daqs ta' 58 kaxxa. Kull ma tista' tara mis-serp huma rasu (Nru.1) u denbu (Nru. 58). Ara jirnexxilekx issib fejn qiegħed eżatt billi tgħaqqad is-56 kaxxa l-oħra bejn il-1 u l-58. Kull numru li hemm fuq barra juri kemm il-kaxxa jokkupa s-serp f'dik il-filliera jew kolonna partikolari, u s-serp jista' jkun biss b'mod orizzontali jew vertikali, u qatt ma jsallab jew imiss parti ma' oħra.

THAMMIĠX
DO NOT LITTER
maltapps
Report illegal dumping via App
CLEAN and UPKEEP
Available on the App Store
GET IT ON Google Play

# Sib 67 kelma

■ Is-67 kelma li jidhru hawn qegħdin x'imkien fil-kaxxa bl-ittri. Ipprova sibhom. Dawn jistgħu jkunu mimdudin, weqfin, djagonali u anke miktubin ta' wara quddiem basta f'sinjal dritt. L-ittri tista' tużahom aktar minn darba u trid tużahom kollha.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ġ | R | A | S | P | A | S | A | R | I | M | A |
| R | U | Ż | A | R | J | U | Ħ | M | A | R | A |
| A | Ġ | R | A | T | O | R | T | A | R | U | K |
| J | Ġ | L | A | T | A | K | K | U | N | A | N |
| J | A | N | U | M | T | S | I | T | R | A | I |
| A | T | T | A | L | E | Ġ | A | R | I | S | S |
| S | A | Q | Q | U | T | N | O | K | X | S | J |
| A | N | I | Ċ | Ċ | A | T | T | R | A | A | A |
| R | N | S | T | I | T | U | T | A | J | N | R |
| T | O | K | K | A | S | J | A | R | R | U | D |
| A | P | L | R | O | A | R | K | E | A | K | A |
| Q | A | K | R | A | P | Ċ | Ċ | O | T | S | A |

ANKRA, ARJA, ARKA, ARMA, ARTI, ARTIST, ĊATTRA, ĊERNA, ĊPAR, DURRAJSA, EKRA, ĠLATA, ĠELAT, ĠRAJJA, ĠURAMENT, ĦMARA, IKLA, JARDA, JASAR, KARROTTA, KIRXA, KNISJA, KONT, KORS, KURAT, RIKORS, RIMA, MARA, MENTA, MIRA, NANU, NASSA, NIĊĊA, PARK, PASTA, PONN, QAMAR, QATRA, RAĠEL, RAJJA, RASPA, RIXA, ROTTA, ROTA, RUĠĠATA, RUŻARJU, SAQQU, SARĠ, SARIMA, SĦANA, SKOP, SKUNA, STAT, STITUT, STOĊĊ, TAĊĊ, TAJN, TAKKUNA, TARĠA, TARJA, TARKA, TMUN, TOKK, TOKKA, TORT, TORTA, TUTA





# Tisliba bin-numri

■ Dawn in-numri jistgħu jidħlu kollha f'din it-tisliba. Sibilhom posthom – hemm żewġ numri diġà f'posthom biex tkun tista' tibda.

**Bi 3:** 305, 452, 674, 688, 790, 867, 945, 997

**B'4:** 5226, 7277, 8633, 8967

**B'5:** 63867, 64710, 67368, 86563

**B'6:** 164553, 413675, 756342, 812467

**B'7:** 2935186, 3544256, 3645530, 4723472, 4756659, 5288883, 5695577, 6856745, 7125458, 7580907, 8090967, 8356237



# Dan min hu?

■ Min taħsbu li hu dan l-attur żagħżugħ li jidher liebes kostum ta' ġellied, bix-xabla b'kollox fl-età ta' 14-il sena, f'ritratt meħud fl-1935?



# Soluzzjonijiet ta' ġimgħa ilu

**Klieb il-baħar kontra l-bnedmin**
L-imwiet f'attakki minn klieb il-baħar jammonaw għal medja ta' 12 kull sena madwar id-dinja.



Sib 60 kelma



Mexxi 2 sulfarini biss biex issib l-akbar numru



**Veru jew gidba?**
Veru... dawn kienu l-Franċiżi Battista Hugo (1876-1916) li kien twil seba' piedi u seba' pulzieri u Paolo Antonio Hugo (1887-1914) li kien twil seba' piedi u ħames pulzieri. Hawnhekk jidhru mal-ġenituri tagħhom u waħda minn ħuthom li kollha kienu ta' tul normali.

**L-età tal-omm u binha**
Omm John illum għandha 30 sena.

**Dawn x'inħuma... rġiel jew nisa?**
Dawk fir-ritratt huma kollha rġiel, uffiċċjali tal-pulizija f'Los Angeles, li libsu ta' nisa u harġu jduru fit-toroq biex jaqbdu kriminal li qatel anzjana wara li attakkaha waqt li kienet sejra lejn il-knisja biex jisraqilha l-handbag li kellha f'idejha.

| 1. | 2. | 3. | 4. | 5. | 6. | 7. | 8. | 9. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | | | | | S | | M | S |
| I | M | I | S | T | I | S | I | E |
| B | A | S | T | I | M | E | N | T |
| N | N | E | A | N | E | M | A | T |
| A | T | M | T | A | N | A | | A |
| | | | | | T | | | |

Kliem f'Bastiment

| | |
|---|---|
| A - 4 | N - 19 |
| B - 10 | O - 3 |
| C - 18 | P - 22 |
| D - 16 | Q - 11 |
| E - 1 | R - 23 |
| F - 25 | S - 7 |
| G - 6 | T - 26 |
| H - 14 | U - 2 |
| I - 12 | V - 21 |
| J - 24 | W - 5 |
| K - 8 | X - 17 |
| L - 20 | Y - 9 |
| M - 16 | Z - 13 |

Ittri u numri

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 9 | 4 | 6 | 2 | 3 | 1 | 8 | 5 | 7 |
| 7 | 1 | 2 | 5 | 8 | 6 | 9 | 4 | 3 |
| 3 | 8 | 5 | 7 | 9 | 4 | 1 | 2 | 6 |
| 4 | 6 | 7 | 1 | 2 | 5 | 3 | 9 | 8 |
| 5 | 3 | 8 | 4 | 7 | 9 | 2 | 6 | 1 |
| 1 | 2 | 9 | 3 | 6 | 8 | 5 | 7 | 4 |
| 2 | 9 | 3 | 8 | 4 | 7 | 6 | 1 | 5 |
| 8 | 7 | 1 | 6 | 5 | 2 | 4 | 3 | 9 |
| 6 | 5 | 4 | 9 | 1 | 3 | 7 | 8 | 2 |

Sudoku



Sib in-numri

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 4 | | | 3 | | | 9 | |
| | | | | | 4 | 1 | | |
| 1 | 3 | | 8 | 5 | 7 | | | |
| | 1 | | | | 2 | | 5 | 7 |
| | 7 | | 4 | 6 | | | 1 | |
| | | | | | 5 | 3 | | 4 |
| 4 | | 1 | 7 | | | | 3 | |
| | 6 | | | 1 | 9 | | 4 | 2 |
| | 5 | | 3 | 4 | 8 | 7 | | |

# Sudoku... mill-1 sad-9

■ Poġġi n-numri mill-1 sad-9 fil-kaxxi l-vojta basta kull disa' numri mimdudin u weqfin bi dritt xulxin u anke kull disa' kaxxi kwadri 3 x 3 kif immarkati jkunu fihom in-numri kollha mill-1 sad-9.

# L-INDOKRAR TAS-SOĊJALIŻMU – KONSIDERAZZJONIJIET TA' FATTIBBILTÀ U REALTÀ



OLIVER NICHOLAS DE GAETANO
Avukat u Osservatur
ta' ġrajjiet kurrenti

Diversi liberali klassiċi, libertarji u ekonomisti li jadvokaw suq ħieles, iqisu s-soċjaliżmu bħala ideoloġija fallaċi jew addirittura bħala stil politiku li jippropaga l-parassitiżmu. Spiss, ma jattribwixxux din il-kritika ħarxa lil difett wieħed biss, iżda lil sensiela ta' kritiċi filosofiċi, ekonomiċi u storiċi. Ħafna minn dawn il-fehmiet huma bbażati fuq il-fatt li s-soċjaliżmu jdgħajjef ir-rabta bejn l-inċentivar tal-isforz, ir-riskju u l-ippremjar ta' min jiddistingwi ruħu. Il-kritiċi tas-soċjaliżmu jargumentaw li f'sistemi fejn min m'għandux, jiekol ma' min għandu, jew aħjar, ħobż il-bieżel jieklu l-għażżien.

B'hekk, dawk illi jipproduċu l-iktar fis-soċjetà jisfaw iddiżinċentivati milli jaħdmu iżjed jew milli jġeddu l-kreattività, filwaqt li dawk illi bla ebda ġustifikazzjoni oġġettiva jipproduċu l-inqas, jispiċċaw biex jiġu ppremjati irrispettivament mill-ammont ta' kontribuzzjoni tagħhom. Iż-żmien tana parir kif din il-mentalità tirriżulta fi tnaqqis tal-produttività u l-ħolqien tal-ġid. Imbagħad, hemm l-hekk imsejħa 'Problema tal-Kalkolu Ekonomiku', li ġiet ippropagata minn Ludwig von Mises u Friedrich Hayek.

Huma kienu jemmnu li mingħajr il-privatizzazzjoni u s-suq ħieles, il-gvernijiet isibuha ferm diffiċli biex jiddeterminaw b'mod preċiż il-valur ta' beni kapitali, għaliex l-allokazzjoni tar-riżorsi ssir b'mod ineffiċjenti jew jispiċċaw biex jinħlew flus bla bżonn. Barra minn hekk, ġieli l-livell ta' għarfien ma jkunx tal-istess kalibru ta' dawk fis-settur privat illi, fil-verità jiġġeneraw il-biljuni f'ġid. Fi ftit kliem, dawn il-ħassieba jqisu lis-soċjaliżmu bħala ideoloġija b'intenzjonijiet tajbin, iżda li mhijiex fattibbli.

## Għalfejn Reagan qaleb minn Soċjalist?

Ronald Reagan kien membru tal-Partit Repubblikan u serva bħala l-erbgħin President tal-Istati Uniti tal-Amerika mill-1981 sal-1989. Ta' min isemmi l-fatt li aktar kmieni f'ħajtu kien Demokratiku, iżda biddel il-partit fis-snin sittin. Mhux biss biddel il-fehma politika, iżda sar kritiku qawwi tas-soċjaliżmu, tant li għadu mfakkar għall-kwotazzjoni famuża tiegħu: "Is-soċjaliżmu jaħdem biss f'żewġ postijiet: Il-Ġenna fejn ma jeħtiġuhx, u l-Infern fejn diġà għandhom."

Reagan ippercepixxa s-soċjaliżmu bħala theddida għal-libertà, il-prosperità ekonomika u r-responsabbiltà individwali, u ġġustifika l-kritika tiegħu bi twemmin sħiħ fis-swieq ħielsa u l-intervent limitat tal-gvern. Il-linja ta' argumentazzjoni adottata minn Reagan kienet kontinwament iddur mal-fatt li l-ippjanar ekonomiku mill-istat inaqqas l-inċentivi, u jagħmel ħsara lill-produttività u l-innovazzjoni.

Barra minn hekk, huwa kien tal-opinjoni li s-soċjaliżmu jikkonċentra l-poter fil-gvern, illi skontu jwassal għat-telf tal-libertà individwali. Ir-rifjut tiegħu tas-soċjaliżmu kien marbut mill-qrib mal-Gwerra Bierda, fejn esperjenza t-taqbida ideoloġika bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Sovjetika, bejn il-libertà u l-antiteżi tagħha, ċoé, il-koerċizzjoni. Il-perspettiva tiegħu laħqet il-qofol tagħha waqt diskors illi Reagan kien għamel lura fis-sena 1983, fejn kien iddeskriva l-Unjoni Sovjetika bħala l-"imperu tal-ħażen".

## Il-veru soċjaliżmu

Nemmen li mhux biss bħala Nsara, iżda bħala umani, għandna dover li nkunu ta' forċina għal min qiegħed jitħabat u juri x-xewqa ġenwina illi jqum fuq saqajh. Però, ladarba dak l-individwu jkun kiseb l-awtonomija tiegħu, tajjeb li niffukaw ir-riżorsi fuq ħaddieħor illi jeħtieġ l-għajnuna. Dak hu l-veru soċjaliżmu!

Mhuwiex sew illi dak li jkun jibqa' għaddej jakkwista minn fuq dahar ħaddieħor meta fil-verità hemm min tassew jinsab fil-bżonn iżjed minnu! L-ewwel pass għandu jibda mill-edukazzjoni, biex in-nies ma jkollhomx il-prijoritajiet tagħhom maqlubin, u b'hekk ikun evitat il-faqar soċjali. L-aħħar darba ġeni l-uffiċċju żagħżugħ, flimkien mal-għarusa tiegħu, illi għadhom kemm qabżu t-tletin sena.

Sfortunatament, qegħdin isibuha bi tqila jagħmlu l-pass li jmiss f'ħajjithom, jiġifieri li jiżżewġu, peress li l-paga tagħhom it-tnejn f'daqqa bilkemm tmiss l-elfejn ewro fix-xahar. Meta staqsejthom kellhomx xi ċertifikati, eċċ., ħalli jkunu jistgħu japplikaw għal xogħol aħjar, mhux talli t-tweġiba tagħhom kienet fin-negattiv, talli lanqas mank ċertifikat tal-matrikola ma kellhom.

Malli ġentilment fakkarthom li l-gvern jibqa' jinċensa lil dak li jkun sabiex ikompli jitgħallem mingħajr ħlas matul ħajtu u ġenwinament eżortajthom biex jagħmlu xi kors ossija jirċievu xi taħriġ, tafu x'kienet it-tweġiba li tawni? "Issa meta jiġu għall-vot, jitolbuna ċ-ċertifikati!"

## Meta n-nies jidraw ħażin

B'xorti ħażina, il-problema prinċipali tinsab fil-fatt li ċerti nies jippretendu l-affarijiet bi dritt divin, inkella jirrikattaw bil-vot! L-istess attitudni ta' dawk illi wara li jkunu ħadu pjaċir jagħmlu t-tfal, jippretendu li jrabbihomlhom il-gvern mit-taxxi ta' dawk illi ta' kuljum jaqtgħu bi snienhom biex jaqilgħu il-ħobża bl-onestà. M'inix qed nirreferi għal dawk li żbaljaw darba u kkoreġew il-perkors tagħhom, iżda għal min jibqa' jġib it-tfal fid-dinja bla ebda ħjiel ta' għaqal, imbagħad erħilu jirrikatta bil-vot li jekk ma jingħatax post tal-housing, jibgħat il-voti tal-familja kollha l-Kwartieri.

U oħroġ il-għaġeb, dawn li jdendlu l-karrotta tal-voti, kollha jkunu ġejjin minn razza w radika numeruża! Din il-mentalità hija reminixxenti tar-raġunament li ħaddnu wkoll uħud minn dawk illi, wara li kienu ilhom jgħixu b'kirjiet irriżorji għal għexieren ta' snin fil-proprjetajiet ta' ħaddieħor, ħaduha qatta bla ħabel kontra l-gvern meta dan tal-aħħar emenda l-liġijiet illi kienu jirregolaw il-kirjiet l-antiki.

Fil-fatt, niftakar li madwar tliet snin ilu kont għaddej biż-żjarat fid-djar, u wieħed li jgħix f'dar irrekwiżizzjonata kien kommess illi mhux se jivvota iżjed lill-Partit Laburista. Ir-raġuni li tani kienet illi minħabba l-emendi fil-liġi tal-kirjiet protetti, meta hu u martu jagħlqu għajnejhom, binhom ġuvni jitneħħilu s-serħan il-moħħ illi jibqa' jgħix fil-fond mikri lilhom.

Araw daqsxejn ta! Minflok ma qal grazzi li ilu għal iżjed minn nofs seklu jgħix f'dar bil-ġnien ġewwa lokalità mill-isbaħ u, fuq kollox, b'kera illi għandha xorti taqbeż il-mitt ewro fis-sena, kellu l-wiċċ jeħodha kontra l-gvern u jiddeskrivi r-riformi li saru bħala "kapriċċ tas-sidien!" Min jaf li kieku s-sitwazzjoni kienet b'mod invers, x'kien jgħid dan ir-'raġel'?!

## Il-pragmatiżmu qabel l-ideoloġija

Qegħdin ngħixu f'dinja fejn l-iżjed nies li jkollhom problemi huma dawk illi jagħrfu jgħidu l-affarijiet kif inhuma. Ir-raġuni hija li meta tali persuni jitkellmu, awtomatikament jingħafsu ħafna buttuni fil-kuxjenza ta' min ikun qed jismagħhom. Biss, tistgħu tiżguraw ruħkom li mhux min għandu l-istonku jistqarr il-fatti li jinsab fil-ħażin, iżda min tant jaf illi qed iqarraq bis-sistema, li jinqaras ma' kwalunkwe ħjiel tal-verità.

Għaldaqstant, filwaqt li fil-prinċipju, is-soċjaliżmu tabilħaqq huwa tajjeb, is-suċċess tiegħu jorbot fuq l-għażliet tal-istil ta' tmexxija, l-istituzzjonijiet, l-inċentivi u l-kuntest politiku, aktar milli fuq l-ideoloġija biss. Hu proprju għalhekk li matul dawn l-aħħar tlettax-il sena, il-Partit Laburista kiseb maġġoranzi li jirriflettu illi rnexxilu jirbaħ eks-Nazzjonalisti li qatt ma kienu joħolmu illi jivvutawlu – dan għaliex għalkemm baqa' jwieżen liż-żgħir, m'għamilx hekk a skapitu ta' min għandu l-ġid; iżda fehem li jekk jaħseb fil-kbir, ikun qed jerfa' 'l fuq ukoll lill-għexerien ta' eluf ta' ħaddiema li jaqilgħu l-għajxien tagħhom man-negozjanti.

# MALTA BL-AQWA ŻIEDA FIT-TURIŻMU MADWAR L-UNJONI EWROPEA FL-2025

Stqarrija tal-agenzija Ewropea, il-Eurostat, innutat kif is-sena li għaddiet l-akbar żieda fl-ammont ta' ljieli f'lukandi fl-Unjoni Ewropea kienet propju f'Malta. Dan hekk kif kien hemm żieda ta' 10% f'pajjiżna, jew ħames darbiet iż-żieda osservata madwar l-Unjoni. Il-pajjiż bit-tieni l-akbar żieda kien il-Polonja, imma din kienet ta' 7% biss, madwar terz anqas minn dik f'pajjiżna. Pajjiżi fil-Mediterran bħal Spanja, Franza l-Greċja u l-Italja kellhom żidiet qrib il-medja Ewropea, jiġifieri mank kwint ta' dak li ġie osservat f'Malta.

Intant skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, sa' Novembru pajjiżna ra żieda fin-nefqa turistika ta' madwar nofs biljun ewro.

Dan hekk kif in-nefqa turistika laħqet rekord ta' €3.8 miljun, jew 15% aktar mis-sena ta' qabel. B'kuntrast għal propaganda tal-Oppożizzjoni fl-2025 kien hemm titjib sostanzjali fil-kwalita ta' turiżmu f'pajjiżna. Dan hekk kif in-nefqa ras għal ras ta' kull turist kważi laħqet l-elf ewro.

Fl-ewwel ħdax-il xahar tal-2025, l-ammont ta' turisti laħaq 3.8 miljun u dawn qattgħu 24 miljun lejl f'pajjiżna. L-akbar sors ta' turisti baqgħet l-Unjoni Ewropea, imma l-aktar turisti li jonfqu ras għal ras huma dawk minn pajjiżi barra l-Unjoni, speċjalment turisti Amerikani. Għaldaqstant hemm stennija kbira fost l-operaturi fis-settur għall-bidu tat-titjiriet diretti mill-Istati Uniti għal pajjiżna.

# Ammont kbir ta' silġ jiksi żoni fir-Rabat f'Malta

Matul il-lejl ta' bejn il-Ġimgħa u s-Sibt, diversi toroq fir-Rabat Malta spiċċaw miksija b'ammont kbir ta' silġ, xeni li ftit li xejn qatt rajna bħalhom f'pajjiżna.

L-aħħar darba li niżel ammont simili ta' silġ kien fit-25 ta' Jannar tal-1998 u fis-27 ta' Diċembru tal-2008.



Hekk kif sebaħ, it-tfal Rabtin ħarġu jilgħabu fuq is-silġ li hija xi ħaġa unika għalihom filwaqt li l-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili bdew operazzjoni biex jitneħħa l-istess silġ biex b'hekk ma jkunx ta' periklu għar-residenti.

Resident li tkellem ma' It-Torċa qalilna li għalhekk din hija xena sabiħa u ħaġa rari, saret ħafna ħsara fuq diversi karozzi.

Saret ħsara wkoll fuq qsari li kienu fuq barra "li tista' tgħid tqattgħu kollha kif ukoll nemusieri li nqerdu għal kollox kawża tas-silġ kbir li għamel."

Intant, matul il-ġurnata ta' għada mistenni jerġa' jkollna riħ qawwi ħafna fuq il-gżejjer Maltin fejn pressjoni baxxa qiegħda tiżviluppa u tresaq bil-mod lejn iċ-ċentru tal-Mediterran.

Pajjiżna mistenni li jintlaqat mit-truf ta' din il-pressjoni baxxa, iżda Sqallija taf tesperjenza temp estrem b'ammonti kbar ta' xita.

# F'għajnejn il-liġi internazzjonali kwalunkwe teħid ta' territorju bħal dan hu meqjus bħala null

>> minn paġna 12

It-teħid ta' Greenland tikser ukoll in-norma relatata li tipprojbixxi l-konkwista, jiġifieri, l-akkwist ta' territorju permezz tal-forza. F'għajnejn il-liġi internazzjonali kwalunkwe teħid ta' territorju bħal dan hu meqjus bħala null.

Imbagħad għandek punt ieħor. Dan dak li t-teħid ta' Greenland, iġib lid-Danimarka bħala vittma ta' attakk armat. Għal dan id-Danimarka jkollha d-dritt għall-awtodifiża skont l-Artikolu 51 taċ-Charter taj-Nazzjonijiet Uniti.

It-teħid ta' Greenland mill-Istati Uniti tkun tfisser il-qerda tan-NATO. Fil-passat kien hemm xi tensjonijiet bejn l-alleati tan-NATO. Insemmu dak li kien hemm bejn it-Turkija u l-Greċja, li setgħu rriżultaw fi gwerra. Iżda l-punt kollu tan-NATO huwa li jeżerċita d-dritt tal-Karta għall-awtodifiża kollettiva.

U issa b'dak li trid tagħmel l-Istati Uniti, tiġi f'kunflitt mal-Artikolu 5 tan-NATO. Artiklu 5 li jagħti id-dritt li kull stat membru tan-NATO jgħin lill-pajjiż vittma ta' attakk armat f'obbligu. U b'dak li jrid jagħmel il-President Donald Trump, qegħdin naraw l-aktar membru b'saħħtu tal-alleanza tan-NATO, jagħmel eżattament dak li l-alleanza kienet imfassla biex tipprevjeni.

M'hemmx dubju li jekk il-President Donald Trump se jibqa' stinat li jieħu Greenland, allura dan iwassal għat-tkissir tan-NATO minn ġewwa. Ifisser ukoll li l-Unjoni Ewropea titlef is-sigurtà tagħha. Ikun ifisser li l-Unjoni Ewropea tiġi sfurzata biex b'mod mgħaġġel tara x'tagħmel biex tibni awtonomija strateġika.

---

MALTA NATIONAL BLOOD TRANSFUSION SERVICE

Iċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Mosta, Raħal Ġdid, u l-Floriana jiftħu għall-emerġenzi 24 siegħa, sebat ijiem fil-ġimgħa. Fil-Ħdud u fil-festi pubbliċi, iċ-ċentru tas-saħħa tal-Gżira jiftaħ għall-emerġenzi bejn it-8.00 a.m. u l-5.00 p.m., ikun hemm ukoll servizz ta' infermier bejn it-8.00 a.m. u t-8.00 p.m. Il-pubbliku jrid jattendi ċ-ċentru tas-saħħa tad-distrett tiegħu. Persuni mingħajr karta ta' identità ma jkunux moqdija.

- **Illum il-Ħadd 18 ta' Jannar 2026, se jkun hemm il-Mobile Blood Donation Unit ħdejn il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq Il-ħin għall-għoti taddemm ikun mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m. Jekk jogħġobkom ħudu magħkom il-Karta tal-Identità.**

## SPIŻERIJI LI JIFTĦU LLUM

Bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar u bejn l-4.00 p.m. u 7.00 p.m.

**IL-BELT VALLETTA:** Empire Pharmacy (Branch), 46, Triq Melita, 21238577;
**IL-ĦAMRUN:** Fra Diego Dispensary, 94, Triq Villambrosa, 21224898;
**ĦAŻ-ŻEBBUĠ:** Brown's Pharmacy, 47, Vjal il-Ħelsien, 21465411;
**BIRKIRKARA:** Brown's Pharmacy, 32, Triq Fleur-de-Lys, 21488884;
**IL-GŻIRA:** O'Hea Pharmacy, 128, Triq Manoel, 21330268;
**PEMBROKE:** San Giorgio Pharmacy, Triq Manwel Buhagiar, 21378485;
**TAS-SLIEMA:** Stella Maris Pharmacy, 34, Triq Millner, 21335217;
**IN-NAXXAR:** Pillbox Pharmacy, 63, Triq il-Bjad, 21417406;
**IL-MOSTA:** Smiths (Pama) Pharmacy, Triq Valletta, 21417593;
**BUĠIBBA:** St. Simon Pharmacy, 8, Dawret il-Gżejjer, 21571649;
**ĦAL TARXIEN:** Sonren by Milia's Pharmacy, Triq iż-Żejtun, 21672757;
**IL-BIRGU:** Milia's Pharmacy, Triq il-Kottonera, 27600126;
**WIED IL-GĦAJN:** St. Anne Pharmacy, Triq il-Qaliet, 21637615;
**MARSAXLOKK:** Pompei Pharmacy, Xatt is-Sajjieda, 21651278;
**L-IMQABBA:** Kristianne Pharmacy, Triq iċ-Ċavi, 21683048;
**SANTA VENERA:** Fatima Pharmacy, 82, Triq il-Ferrovija, 21482856;
**L-IMTARFA:** Imtarfa Pharmacy, 207, Triq San David, 21451261;
**GĦAWDEX, L-GĦARB:** Ta' Pinu Pharmacy, Triq Franġisk Portelli, 27888128;
**IS-SANNAT:** Pisani Pharmacy, Bini Ġdid, Triq Sannat, 21564447.

Aktar tagħrif fuq http://www.medicinesauthority.gov.mt/pharmacyroster

# RIFLESSJONI PERSONALI FUQ IS-SITT SNIN TA' DR ROBERT ABELA



CLINT AZZOPARDI FLORES



Meta Dr. Robert Abela sar Prim Ministru ta' Malta f'Jannar tal-2020, il-pajjiż kien jinsab f'nofs taqlib sħiħ. Il-klima politika kienet imħawda, il-fiduċja pubblika kienet ġarrbet xokk, u l-attenzjoni internazzjonali kienet intensifikata.

Fl-istess ħin, id-dinja kienet se tidħol f'wieħed mill-aktar żminijiet ta' tfixkil li qatt rajna. Sitt snin wara, meta nħares lura lejn dan il-perjodu, ma nistax nara dan kollu biss bħala analiżi politika. Għalija, kienet ukoll vjaġġ personali ta' fehim, ta' valutazzjoni mill-ġdid, u fl-aħħar nett t'apprezzament. U kont spalla ma' spalla miegħu biex ngħinu n-nies fil-kampanja tal-Parlament Ewropew. Hemmek qribt aktar lejh bħala Prim Minsitru u ħabib. U apprezzajtu dejjem.

Ngħidha kif inhi. Ħadt żmien twil biex nidra l-metodi ta' Dr. Robert Abela. L-istil tiegħu kien differenti minn dak li konna mdorrijin bih fi żmien Dr. Joseph Muscat. Filbidu kien ftit konfrontattiv u mexa maż-żmien sabiex iħares aktar lejn tmexxija li tibbaża fuq proċess, u ħafna drabi jippreferi n-negozjar kwiet. Fil-bidu, dan l-approċċ deherli mhux tas-soltu, kultant saħansitra frustranti però trid tifhem li kien kollox ġdid għalih ukoll. Imma hekk kif għaddew is-snin, u hekk kif Malta affrontat kriżi wara oħra, bdejt nifhem il-loġika wara l-mod ta' kif imexxi. Illum nista' ngħid li tgħallimt napprezza lill-bniedem, il-ħsibijiet tiegħu, u l-mod ta' kif jaħdem. Mhuwiex perfett, bħalma ħadd minna mhu, iżda t-tmexxija qatt ma kienet dwar il-perfezzjoni.

Hija dwar id-deċiżjoni, ir-responsabbiltà, u l-kapaċità li żżomm linja soda meta d-dinja madwarek tkun qed tirtogħod u titfarrak.

L-ewwel prova vera ta' Dr. Robert Abela waslet kważi immedjatament. Il-pandemija tal-COVID19 ħarbtet l-ekonomiji dinjin. L-ebda Prim Ministru Malti ma kien qatt affronta kriżi ta' din l-iskala daqshekk kmieni fit-tmexxija tiegħu.

Id-deċiżjonijiet meħuda f'dawk ix-xhur ma kinux faċli. Kien hemm bżonn bilanċ bejn is-saħħa pubblika u s-sopravivenza ekonomika, bejn il-protezzjoni tal-aktar vulnerabbli u l-funzjonament tal-pajjiż, bejn il-koeżjoni soċjali u l-biża' globali. Xi deċiżjonijiet kienu kontroversjali, oħrajn infaħħruhom. Imma llum, meta nħarsu lura, Malta ħarġet mill-pandemija b'wieħed mill-aktar rkupri ekonomiċi b'saħħithom fl-Ewropa. Is-suppliment tal-pagi, l-għajnuna lin-negozji, u l-miżuri ffukati żammew eluf ta' familji fuq saqajhom. Kien żmien li talab deċiżjonijiet soda u Dr. Abela ħadhom.

Ftit wara li l-pandemija bdiet tikkalma, id-dinja laqtgħet xokk ieħor, il-kriżi globali tal-enerġija minħabba l-invażjoni tal-Ukrajna. Il-prezzijiet splodew madwar l-Ewropa, l-inflazzjoni telgħet, u l-gvernijiet bdew ifittxu kif jipproteġu lill-popolazzjoni. Malta, taħt Dr. Abela, ħadet pożizzjoni ċara, fuq li tistabbilizza l-prezzijiet tal-enerġija u tipproteġi lill-familji u lin-negozji.

Li għadhom fis-seħħ sa llum. Id-deċiżjoni ma kinitx popolari ma' kulħadd, iżda tat ċertezza f'mument t'inċertezza. Filwaqt li pajjiżi oħra raw kontijiet jisparaw, Malta żammet l-istabbiltà. Dan talab kuraġġ politiku u viżjoni fit-tul.

L-invażjoni Russa tal-Ukrajna fl-2022 bidlet il-ġeopolitika globali. Għal stat żgħir bħal Malta, dan kien jeħtieġ sensittività diplomatika u ċarezza strateġika. Il-gvern ta' Dr. Abela allinja ruħu mal-pożizzjoni kollettiva tal-Unjoni Ewropea filwaqt li żamm in-newtralità kostituzzjonali, bilanċ delikat li ma kienx faċli. Il-gwerra ġabet magħha pressjonijiet inflazzjonarji, tfixkil fil-katini tal-provvista, u vulnerabbiltajiet ġodda. Minkejja dan, Malta kompliet tikber ekonomikament u żammet qgħad baxx immens u storiku. Dan ma ġarax b'kumbinazzjoni. Kien frott politika li tat prijorità lill-istabbiltà u l-protezzjoni soċjali.

L-inflazzjoni kient saret l-akbar sfida ekonomika fis-snin 2022 sal-2024. Infatti ħassewha sew in-nies. Madwar l-Ewropa, il-familji bdew ibatu. F'Malta, il-gvern adotta taħlita ta' sussidji, għajnuna mmirata, u miżuri strutturali. Xorta ħassejniha. Filwaqt li l-inflazzjoni żdiedet, baqgħet taħt il-livelli ta' ħafna stati membri tal-UE. Dan il-perjodu wera l-approċċ pragmatiku ta' Dr. Abela, mhux ideoloġiku biss imma wkoll prattiku.

Li ma tħallix il-familji waħidhom. Is-suq mhux dejjem isuq. Però ir-rispett tiegħi lejh kiber u sirt inħobbu aktar meta ħa deċiżjoni mill-aktar sinifikanti li Malta rrikonoxxiet l-istat tal-Palestina. Dan ma kienx ġest simboliku, iżda pożizzjoni ta' prinċipju, imsejsa fuq tradizzjoni twila ta' Malta favur il-paċi u d-djalogu. Għal ħafna, inkluż jien, dan kien mument li wera l-kompass morali ta' Malta u tal-Prim Ministru Abela.

Forsi l-aktar aspett impressjonanti ta' dawn is-sitt snin huwa l-andament ekonomiku. Malta baqgħet fost l-aktar ekonomiji li qed jikbru fl-UE. L-impjiegi laħqu livelli rekord, l-investiment baqa' b'saħħtu, u setturi ġodda komplew jiżviluppaw. Dan kollu ġab sfidi oħra, bħal pressjoni fuq l-infrastruttura, il-kera, u s-servizzi pubbliċi, iżda t-trajettorja baqgħet ċara li Malta hi kompetittiva u reżiljenti. Il-Viżjoni Malta 2050 se tkompli tibni fuqhekk.

Meta nħares lura lejn dawn is-sitt snin, ninduna kemm inbidlet il-perspettiva tiegħi. Kif għidt fil-bidu, ma fhimtx l-istil ta' Dr. Abela. Imma maż-żmien fhimt li huwa jisma' aktar milli jitkellem. Jassorbi l-pressjoni aktar milli jkabbarha. Ifittex il-kompromess fejn oħrajn ifittxu l-kunflitt.

Dan ma jfissirx li hu perfett. Żbalji saru, u kien hemm mumenti fejn il-komunikazzjoni setgħet kienet aħjar, inkluż tiegħi bħala kandidat fl-2024. Aħna konna parti mit-tim tiegħu ukoll. Imma t-tmexxija hija esperjenza reali, mhux teorija. U quddiem pandemija, kriżi tal-enerġija, gwerra fl-Ewropa, inflazzjoni u instabbiltà globali, Dr. Robert Abela ta kontinwità, stabbiltà u direzzjoni u jibqa' l-istabbilità għal Malta.

Sitt snin wara, meta nħares lejn Malta, għalkemm mhix perfetta nista' ngħid l-aktar ħaġa mportanit iżda hija li hi stabbli, tikber ekonomikament, u kunfidenti li se nwettqu ħafna aktar.

U din mhux xi ħaġa żgħira fid-dinja tal-lum. Jien ħadt żmien biex napprezza l-metodi ta' Dr. Robert Abela. Imma llum nista' ngħid li nifhem lill-bniedem, lill-mexxej, u d-deċiżjonijiet li ħa. L-istorja se tivvaluta t-tmexxija tiegħu fil-ħin tagħha. Imma minn fejn ninsab jien, dawn is-sitt snin kienu definiti mir-reżiljenza, ir-responsabbiltà, u minn id soda li mexxiet lil Malta f'nofs maltempati globali. Intom ukoll għandkom taraw il-kuntest kollu meta tasal l-elezzjoni u bħali tagħmlu din l-evalwazzjoni.

Grazzi Dr. Abela tat-tmexxija u l-istabbiltà li offrejt fl-aħħar snin.

# KAŻ UNIKU JEW SE JKUN RIKORRENTI?



ROBERTO DEBRINCAT
Osservatur Politiku
u eks Editur ta' l-Orizzont
robertodebrincat@yahoo.com

## Għalfejn is-santwarji tal-qtates qed joħolqu wisq burokrazija biex individwu jadotta qattus jew qattusa?



Fl-artiklu li qed nippubblika llum ma nistax ma nagħmilx referenza għal kontroversja li nħolqot din il-ġimgħa kagħun tal-intervista li għamel Ricky Caruana ma' Justin Haber. Nimmaġina li ħafna minnkom tinsabu konxji min huma dawn iż-żewġ personalitajiet, għaldaqstant mhux se nidħol fil-mertu tal-istorja tagħhom. Pero' irrid nagħmel referenza għal kuntest li fih seħħet din l-intervista: Haber instab ħati mill-Qorti ta' abbuż sesswali u għaldaqstant talab li jiġi intervistat minn Caruana biex juri l-innoċenza tiegħu dwar dan il-każ.

Filwaqt li nħalli lill-Qorti tagħmel il-ġudizzju tagħha, nemmen li min-naħa ta' Haber, dan aktar għamel ħsara milli ġid permezz ta' din l-intervista. Sfortunatament għalih, ir-reputazzjoni tiegħu ħadet daqqa 'l isfel wara l-istejjer li saru magħrufa dwar l-atteġġjament tiegħu, u l-fatt li pprova jiġġustifika lilu nnifsu permezz ta' din l-intervista, nemmen li aktar sewa' ta' ħsara milli ta' ġid.

### Konxju tar-riperkussjonijiet

Min-naħa ta' Caruana, ninsab tal-fehma li huwa kien konxju li tali intervista kienet se toħloq kontroversja. Iżda ta' bniedem intelliġenti li huwa, kien konxju wkoll li tali kontroversja se toħloq interess fost il-poplu, u min forsi ma jsegwix il-podcast tiegħu fuq bażi regolari, żgur li ġietu t-tentazzjoni biex isegwi din l-intervista biex jaqta' l-kurżità dwar għalfejn inħolqot din il-kontroversja. Fl-aħħar mill-aħħar, l-għan aħħari ta' Caruana huwa dak li jkollu kemm jista' jkun viewers, u ċertament li dan l-eżerċizzju ta' marketing irnexxa perfettament.

Hawnhekk xtaqt nieħu l-opportunità' u nistaqsi lil Caruana jekk wara din l-intervista, hux beħsiebu jagħti spazju wkoll għal intervista ma' individwi li jinstabu ħatja fil-qrati iżda xorta waħda jibqgħu jisħqu fuq l-innoċenza tagħhom. Permezz ta' din l-intervista nemmen li Caruana ħoloq preċedent, u għaldaqstant, issa nistenna li meta xi ħadd jinstab ħati u jagħmel kuntatt ma' Caruana biex titwettaq intervista, il-podcaster ma jkollux diffikulta' biex jaċċetta. Jekk, fuq in-naħa l-oħra, l-għan ta' Caruana kien dak li jkollu episodju one-off, filwaqt li rnexxa mill-aspett ta' marketing, nemmen li se jtappan ir-reputazzjoni tiegħu għax ma tistax tagħtii spazju lil persuna waħda biss li nstabet ħatja fil-qrati tagħna. L-approċċ ta' two ways two measures xejn ma jiswa' ta' ġid fl-integrita' ta' persuna.

### Wisq burokrazija

'Il bogħod mill-argumenti politiċi li dejjem ikollna għaddejjin fl-aġenda tal-pajjiż, xtaqt inressaq għall-attenzjoni tagħkom tema li qegħda ħafna għal qalbi u nittama li l-messaġġ li qed nippubblika jasal għand min huwa konċernat u titttieħed l-azzjoni meħtieġa. Fuq bażi personali, l-annimali huma ferm għal qalbi u minbarra l-kelb u l-qattusa li għandi miegħi ġewwa dari, jiena wieħed minn dawk li nitma' lil qtates li jgħixu fl-akwata ta' fejn ngħix.

Filwaqt li nittama li l-Gvern jerġa' jniedi l-iskema li permezz tagħha, min bħali, jitma' qtates tat-triq, jingħata għajnuna biex jagħmel dan, xtaqt nitkellem dwar il-proċess eżistenti biex individwu jaddotta qattus/a minn xi santwarju. Fuq il-mezzi soċjali, partikolarment fuq Facebook, jittellgħu bosta posts dwar qtates li huma disponibbli biex jiġu addottati. Min jieħu ħsieb il-paġni ta' dawn is-santwarji jtella' kontenut fuq bażi regolari, u din hija xi ħaġa pożittiva. Iżda sfortunatament, kull meta għamel kuntatt magħhom biex nuri l-interess tiegħi li nadotta qattusa jew qattusa, qatt ma ġejt avviċinat biex nibda l-proċess meħtieġ. Saħansitra mlejt kwestjonarju skont il-prassi ta' waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet, iżda sussegwentement, ma smajt xejn iżjed.

Barra minn dan, ninsab infurmat li l-proċess biex tadotta qattus jew qattusa huwa wieħed wisq metikoluż. Apparti li trid timla' dan il-kwestjonarju, trid issirlek intervista kif ukoll spezzjoni tar-residenza privata tiegħek, fejn teżisti l-possibilita' li l-interess tiegħek jiġi rifjutat. Hawnhekk xtaqt nistaqsi lil dawk kollha nvoluti f'dawn is-santwarji: għalfejn qed toħolqu ħafna burokrazija biex individwu jagħmel ġest nobbli u jagħti ħajja ta' dinjita' lil qattus jew qattusa? Għalfejn tagħmlu ħafna talbiet għal għajnuna mbagħad min juri interess tħallux filġenb?

### Huma l-annimali t-telliefa

Nifhem li dawn l-individwi jridu jkunu ċerti li min se jadotta huwa adattat li jagħmel dan, iżda min bħali diġà jrabbi l-annimali, għalfejn toqgħodu toħolqu daqstant intoppi fil-proċess tal-adozzjoni? Min juri xxewqa li jadotta għandu jingħata l-prijorita' u mhux proċess jieħu ġimgħat jew xhur jew saħansitra jispiċċa jitwarrab. Kulħadd huwa konxju li biex trabbi qattus jew qattusa dan jinvolvi impenn kemm morali kif ukoll finanzjarju, u bil-mod kif qed jaġixxu dawn is-santwarji, kapaċi jwassal biex dak li jkun jispiċċa jitlef l-interess u l-entużjażmu li jkollu biex jadotta, u dan għad-detriment ta' ħadd ħlief tal-annimali konċernati. Nawgura l-Ħadd it-tajjeb lil kulħadd.



## Soluzzjoni tal-Ħadd li għadda

**MIMDUDIN:** 1. Mqarbin; 5. Qlejba; 8. Effetti; 14. u 15. Partnership; 17. Dragun; 19. Errol; 20. Eġew; 21. Otis; 23. u 25. Transister; 28. Qtar; 29. Ike; 30. Ten; 31. Taċċ; 33. Regjamaterna; 39. Toru; 41. u 42. Sparar; 43. u 45. Flissjoni; 46. Perit; 47. Iħit; 50. Nett; 53. u 54. Tallab; 56. Raspi; 58. Emenda; 60. Panina; 62. Bitħa; 64. Trott; 67. Niżlet; 69. Otello; 70. Marda; 72. u 73. Mitluq; 75. Żamm; 77. u 78. Ornament; 79. Orqod; 80. Onest; 82. Utli; 84. u 85. Merill; 87. Aqta'; 88. Skandalizzat; 93. Mira; 94. u 95. Intern; 96. Riga; 98. Bxara; 100. Falla; 101. Aħna; 105. Gażа; 108. Titlu; 109. Akaċja; 110. Rabbew; 111. Iżulu; 112. Ħallat; 113. Pariġġ; 114. Issarat.

**WEQFIN**: 2. Qorti; 3. Rand; 4. Isem; 6. Lapes; 7. Bidwi; 9. Fond; 10. u 11. Elettorat; 12. Apposta; 13. Glorjuż; 16. Serje; 18. Glenn; 22. Skoss; 24. Nej; 26. u 27. Skeletri; 32. Ċaflis; 33. Ras; 34. Good; 35. Aringa; 36. Taptap; 37. Rari; 38. Art; 40. Oktett; 44. Int; 48. Ħabb; 49. Eleganti; 51. Glandola; 52. Arditi; 57. Port; 59. Newl; 61. Nine; 63. Issa; 65. Oppost; 66. Tmun; 68. Tiġdid; 69. Ormoni; 70. Mqit; 71. Rubini; 74. Aqwa; 76. Mezz; 79. Ors; 81. u 82. Titulari; 83. Farrett; 86. Paragun; 89. Koxxa; 90. Nar; 91. Zsa; 92. Aqleb; 97. Ħotba; 99. Agata; 100. Faraġ; 102. Ħdura; 103. Tull; 104. Mant; 106. u 107. Swastika.

**MIMDUDIN**

1. Lil dan issibu jindaħal f'kollox u f'kull ħin (7)
5. It-tifla tal-ħobża? (6)
8. Isir kull darba li jkun hemm xi mewt (7)
14. Post hekk mhux tajjeb għall-artrite (5)
15. Michael, il-Messikan (6)
17. Ma ħalliex iebes (6)
19. Jitla' kull nhar ta' Sibt filgħaxija (5)
20. "All you need is ..." tal-Beatles (4)
21. u 23. Mimdudin: Dawn jeżekwixxu l-ordnijiet li jingħataw (9)
25. "... la tibkix iżjed, ... Ġesù Bambin (5)
28. Viċin (4)
29. Jgħajtuha fit-teatru biex jirrepetu (3)
30. Tilbsu mara minn taħt il-flok (3)
31. Il-libsa tal-gradwazzjoni (4)
33. Tingħata mis-saċerdot lil min iqerr (12)
39. Mhux dawk (4)
41. Minn ... id-dinja (3)
42. "L-isem" ta' kull qaddis (3)
43. u 45. Mimdudin: Din daqs l-onestà tajba (9)
46. Din tista' tkun tal-għasafar (5)
47. Isir biex tkun aktar qrib il-Mulej (4)
50. Lupu, Lupu u aktar (4)
53. Il-mara ta' Deo? (3)
54. u 55. Wieqfa: Li ma jmut qatt (9)
56. Storja maħluqa (5)
58. Mart il-balalu (6)
60. Dendel ħwejġu biex jarahom kulħadd (6)
62. ... ħaxix (5)
64. Jingħata lil min jimmeritah! (5)
67. Ma ħalliex lil ħaddieħor jisma' (6)
69. Bendu ..., id-ditektiv Malti ta' Ivo Muscat Azzopardi (6)
70. Għad baqa' (5)
72. u 73. Mimdudin: "Levi", wieħed mill-erba' Evaġelisti (6)
75. Golda, kienet PM ta' Iżrael (4)
77. L-għadu tal-qasir! (4)
79. Meraq qawwi tal-frott (5)
80. ... lil sħabu mill-iskjavitù (5)
82. Iwettaq azzjonijiet straordinarji li jwasslu għal xi għamla ta' ġid u li għalihom jibqa' msemmi (4)
84. Wallach, l-attur għand Felix! (3)
85. u 86. Wieqfa: Dan jagħmel ħafna akrobaziji (10)
87. Jisparawhom (4)
88. L-aħħar referendum kien hekk (12)
93. Ġenb, ġenb u ġenb (4)
94. u 95. Mimdudin: Qalbha tajba u tgħin (4)
96. Ħadd mhu għar-... (4)
98. Jilbisha l-konfessur (5)
100. Din suppost ħafna aqwa mill-flus (5)
101. Ġiet fis-sitwazzjoni (4)
105. Ħalla l-kulur fil-ħasil (4)
108. u 109. Mimdudin: Iqiegħed f'riskju kbir (11)
110. Ħamranija u tidlika mal-ħobż (6)
111. Jingħata fl-aħħar fil-pittura (5)
112. Fl-aħħar tagħha hemm iż-żbiba (7)
113. Il-ħoss li tagħmel meta tagħtas (6)
114. Għamel bħax-xitan (7)

**WEQFIN**

2. Lil dan issibu għand Freddie! (5)
3. Mhux għaddej minn ... tajba (4)
4. O ..., o art (4) (4)
6. Jitwaħħlu fuq l-envelops (5)
7. Issibu għand Nażżarenu? (4)
9. u 10. Weqfin: Tajjeb li tkun miegħek fix-xitwa (8)
11. Jikteb u jikteb dan (5)
12. Jagħmluhom fiż-żraben biex ma jibqgħux laxki (7)
13. Il-mara tiegħu tixrob daqsu (7)
16. Bill, il-ġenju tal-Microsoft (5)
18. Toninu bla tmiem (5)
22. Fihom iqegħdu l-vari (5)
24. Tliet ittri ta' riserva f'għalqa (3)
26. u 27. Weqfin: Xejn mhu bravu, anzi! (8)
32. Fuqha jqegħdu xi qasira (6)
33. u 34. Weqdin: Tacchinardi, Romagnoli, Cerci (7)
35. Reali - realtà; leali - ... (6)
36. Mexa hekk b'siequ tuġgħu! (6)
37. Il-mara tal-ors (4)
38. ... ħafffef naqra (3)
40. Fuq il-vapur jew l-ajruplan (6)
44. Tinżel bil-lejl u xxarrab (4)
48. Għajta ta' uġigħ (4)
49. Gaġġa żgħira (8)
51. Tajjeb nilbsu hekk f'xi okkażjoni (8)
52. Xaħma żgħira (6)
57. Il-karozza tat-Taljani (4)
59. Ikkmanda biex rama b'lura (4)
61. Jew noodles jew ... (4)
63. Ta' flus, żmien u ikel, kollha ħżiena (4)
65. Isir fuq il-palk jew f'film (6)
66. Għandu biex ma jiftaħarx (4)
68. Eżempju, mudell (6)
69. Tingħata biex tilqa' lil dak li jkun (6)
70. Joħroġ mill-ilma jagħli (4)
71. Ta' xi flus fuq kreditu (6)
74. Idoqquh is-sewwieqa (4)
76. Ġebel iebes (4)
78. Qafel b'lura u tgħidx kemm beka (5)
79. Dan ikollu l-ħarem mimli nisa (3)
81. u 82. Weqfin: It-tifla ż-żgħira ta' Saver (8)
83. Aħjar tiskot u ma tagħmlux (7)
86. Ara 85. Mimduda
89. Bint ommok (5)
90. u 91. Weqfin: Dik ta' Ġesù ma kinitx ta' din l-art (6)
92. Baħar, baħar u baħar (5)
97. Din turi l-pajjiż bl-ibliet tiegħu (5)
99. Wieħed mill-arazzi (5)
100. Drapp mill-aktar fin (5)
102. Jinqala' mis-siġra (5)
103. Wieħed minn tlieta (4)
104. Beka – bkiet; qara - (4)
106. u 107. Weqfin: Lana rebħet tern bid-dawl tagħha (8)

Ir-rebbieħ tat-tisliba ta' nhar il-Ħadd li għadda: PAULINE DEBATTISTA MINN ĦAŻ-ŻABBAR

**Ibagħtu t-tisliba mimlija flimkien mad-dettalji tagħkom u n-Numru tat-Telephone f'dan l-indirizz:** "TISLIBA TAL-ĦADD", IT-TORĊA, WORKERS' MEMORIAL BUILDING, TRIQ NOFSINHAR, IL-BELT VALLETTA.

Tistgħu tirbħu żewġ kotba tal-għażla tagħkom mingħand Outlook Coop.

Ir-rebbieħ jirċievi ittra mill-posta u jkun jista' jmur biha jagħżel il-kotba.

ISEM ........................................................................

INDIRIZZ ........................................................................

........................................................................

........................................................................

# INĦARSU 'L QUDDIEM GĦAL SENA OĦRA TA' ĦIDMA FAVUR IL-KONSUMATUR



ALEX AGIUS SALIBA
DEPUTAT MEXXEJ TAL-PL U MEP



Il-ħidma fil-Parlament Ewropew tista' tkun pjuttost kumplessa u enigmatika, speċjalment għal min josservaha minn barra. Kumitat fil-Parlament li spiss nisimgħu dwaru huwa dak dwar is-Suq Intern u d-Drittijiet tal-Konsumatur. L-influwenza ta' dan il-kumitat hija notevoli, għaliex huwa il-post fejn nibtu bosta inizjattivi li eventwalment ġew approvati bħala direttivi applikabbli madwar l-Unjoni Ewropea.

Fost dawn l-inizjattivi nsibu it-tneħħija tat-tariffi addizzjonali għal roaming permezz tal-mobile fl-Ewropa, riformi fir-regolamenti dwar l-emissjonijiet tal-karozzi wara l-iskandlu Dieselgate, u, fuq inizjattiva li kont mexxejt personalment, l-introduzzjoni ta' ċarġer komuni għal mobiles, tablets u aġġeġġi oħra simili. Direttiva oħra li se tiġi fis-seħħ fil-futur qrib se taċċerta li bosta prodotti li nixtru iridu jiġu manifatturati b'mod li jkunu jistgħu jiġu msewwija f'każ li jisfaw bil-ħsara, u b'hekk niffrankaw milli jkollna nixtru prodott ġdid.

Dawn huma biss ftit mill-inizjattivi immedija f'dan il-kumitat. Materji oħra li ħdimt fuqhom mill-qrib kienu l-introduzzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u riċentement riformi fid-direttiva dwar pakketti ta' l-ivjaġġar sabiex il-konsumaturi jkunu iktar protetti meta jsiefru. L-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Intelliġenza Artifiċjali kienu l-ewwel leġislazzjoni tax-xorta tagħhom madwar id-dinja u introduċew protezzjonijiet għall-konsumaturi u l-persuni vulnerabbli sabiex ma jispiċċawx vittmi tal-evoluzzjoni fit-teknoloġija. Permezz ta' din il-ħidma, il-kumitat dwar is-Suq Intern u d-Drittijiet tal-Konsumatur wera li lest li jkun fl-avangwardja sabiex jaċċerta li l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea jibqgħu relevanti mal-milja taż-żmien.

Il-ħidma tal-kumitat hija waħda kontinwa u tevolvi kontinwament skond l-iżviluppi politiċi u fit-teknoloġija. L-elezzjoni ta' Donald Trump fl-Amerka uriet il-ħtieġa urġenti li l-Ewropa issir indipendenti fit-teknoloġija u l-infrastruttura diġitali sabiex inkunu sovrani fid-deċiżjonijiet tagħna, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-privatezza tad-data u d-drittijiet tal-konsumatur. Ħidma oħra mportanti li qed tiġi diskussa fil-kumitat hija dwar ix-xiri ta' prodotti onlajn minn pajjiżi terzi, speċjalment sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu konformi ma' regoli Ewropej dwar il-kwalità u s-sigurtà. Biex nagħti eżempju, riċentement, wara ħidma f'dan l-istess kumitat ġew introdotti regolamenti iktar strinġenti dwar is-sigurtà tal-ġugarelli li nixtru lit-tfal tagħna. Biex dawn ir-regolamenti jiġu fis-seħħ b'mod effettiv jeħtieġ li dawn ikunu applikabbli għall-prodotti kollha, inkluż dawk impurtati direttament mill-konsumatur.

Il-protezzjoni tal-konsumatur fl-era diġitali hija materja dinamika fejn jeħtieġ li nibqgħu dejjem attenti għat-tentattivi tal-kumpaniji tal-Big Tech li jiddominaw u jiddettaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' kif għandna nesperjenzaw it-teknoloġija l-ġdida ntrodotta. L-introduzzjoni tal-AI jagħmilha iktar diffiċli sabiex nidentifikaw frodi u abbużi oħra li jista' jkollhom impatt fuq il-ħajja tagħna, bħal per eżempju billi jiġu ġġenerati reviews pożittivi foloz dwar prodott jew servizz ta' kwalità medjokri. Barra minn hekk, l-analiżi tal-informazzjoni personali tagħna saret minjiera tad-deheb għal kumpaniji li jisfruttaw din l-informazzjoni sabiex iwasslu riklami immirati, anki mingħajr il-kunsens tagħna. Aspett ieħor li jimmerita attenzjoni kbira huwa l-protezzjoni tal-minuri, speċjalment minn predaturi sesswali u forom oħra ta' abbuż li jistgħu jiġu mwettqa b'mod iktar malizzjuż permezz tal-AI.

Fix-xhur li ġejjin dawn l-isfidi jidher li se jkunu ferm ikbar minn qabel, għaliex sfortunatament il-Kummissjoni Ewropea indikat li lesta li tissagrifika uħud mill-protezzjonijiet li ksibna f'dawn l-aħħar snin permezz tal-ħidma ta' dan il-kumitat sabiex tikseb kunsens mal-President Trump. Kif ġa fissirt fil-Parlament Ewropew, ma naqbilx assolutament li għandna inċedu għall-pressjoni tal-Amerka, anzi għandna nuru biċ-ċar li l-protezzjoni tal-konsumatur mhux għodda ta' skambju. Inħares il-quddiem sabiex inkompli naħdem favur l-aħjar interess tal-konsumaturi u għalhekk nilqa' b'apprezzament kbir il-kariga li ġejt fdat biha f'dan il-kumitat għax-xhur li ġejjin bħala l-koordinatur tal-grupp tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi.

## AFFARIJIET

Għall-Bejgħ/ Affarijiet antiki/Gwardarobba, twaletta u bank tal-kċina. Jingħabru mill-iktar fis u bla ħlas. Għal aktar informazzjoni ċemplu 99358965.

## GĦALL-BEJGĦ

Appartament fl-ewwel sular bil-lift, bla ċens. Bi 3 kmamar tas-sodda doppji, 2 kmamar tal-banju bil-jacuzzi. Terrazzin fuq wara. Għal aktar informazzjoni ċemplu 79594726. Prezz negozjabbli.

## >> KAROZZI

**Nixtri/** karozzi, vannijiet u dgħajjes. Kull kundizzjoni bi prezzijiet raġonevoli. Ħlas fil-pront. Għal aktar informazzjoni ċemplu 79232523.

**Bejn Storja u Miti** - Anton Buttigieg
HORIZONS




Dan il-ktieb juri diversi lati ta' Anton Buttigieg, poeta u politiku, li telaq iċ-ċokon tal-Qala, f'Għawdex, biex fl-aħħar mill-aħħar jitla' fuq il-pjattaforma nazzjonali. Dawn il-kitbiet juru li lil Anton Buttigieg ma fhimniehx biżżejjed meta rajnieh biss bħala poeta sempliċi li taffaxxinah in-natura.

Jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba u online **www.horizons.com.mt**

## Familji, Edukazzjoni u Futur:

# SITT SNIN TA' POLITIKA SOĊJALI POŻITTIVA TAĦT ROBERT ABELA



JESMOND BONELLO



### Familji fil-Qalba tal-Politika Soċjali

Is-sitt snin ta' tmexxija ta' Dr Robert Abela ġew immarkati b'politika soċjali pożittiva li ma tnaqqasx milli tħeġġeġ prosperità u ġustizzja għal kulħadd. Minn meta ħa l-pożizzjoni tiegħu bħala Prim Ministru, il-fokus kien dejjem ċar: il-familji Maltin u Għawdxin għandhom ikunu fil-qalba ta' politika li tħeġġeġ opportunitajiet ugwali, sigurtà ekonomika u kwalità tal-ħajja b'saħħitha. Il-Gvern Laburista mexxa b'viżjoni strateġika biex il-benefiċċji tal-ekonomija b'saħħitha jaslu direttament lill-poplu, mhux biss permezz ta' tkabbir u xogħol iżda wkoll b'miżuri soċjali li jħossuhom kuljum, li jinvolvu pensjonijiet ġusti, tax cuts reali u appoġġ finanzjarju għall-familji f'ħinijiet kritiċi tal-ħajja tagħhom.

### Ġustizzja Soċjali u Appoġġ lill-Pensjonanti

Mit-tkabbir fl-impjiegi għaż-żgħażagħ u l-investimenti fl-edukazzjoni, għal żieda sostanzjali fil-pensjonijiet minimi, il-Gvern ta' Robert Abela indirizza l-bżonnijiet ta' kull familja u ta' kull persuna vulnerabbli. Illum, koppji bil-pensjoni minima jieħdu aktar minn €206 fil-ġimgħa u individwi waħedhom aktar minn €202. Din il-miżura wriet impenn ċar biex issir ġustizzja soċjali reali u korregiet id-differenzi li kienu jeżistu bejn il-pensjonanti skont il-ġenerazzjoni tagħhom. Fl-istess ħin, l-allokazzjoni fuq Children's Allowance rdoppjat, u dan ifisser li eluf ta' tfal u ġenituri għaddew minn appoġġ finanzjarju aktar b'saħħtu u konsistenti, li ppermetta li familji Maltin u Għawdxin ikunu f'pożizzjoni li jippjanaw il-futur tagħhom b'aktar kunfidenza u sigurtà.

### Investiment Dirett fil-Familji u l-Ġenerazzjonijiet Ġodda

Il-fokus fuq il-familji ma waqafx biss fuq benefiċċji finanzjarji. Il-Gvern investa wkoll f'ġenituri ġodda u familji li qed jixtru d-dar għall-ewwel darba permezz ta' għotjiet għal first-time buyers ta' €10,000 u għotjiet ta' €2,000 għal ġenituri ġodda, kif ukoll €1,500 għall-istudenti li jkomplu bl-istudju. Dawn il-miżuri wrew li politika responsabbli tista' tqassam opportunitajiet u tiftaħ bieb għal ġenerazzjonijiet ġodda biex ikunu jistgħu jagħmlu karrieri sostenibbli u jgħixu ħajja b'serħan ilmoħħ.

### Tax Cuts u Stabbiltà Ekonomika għall-Ħajja ta' Kuljum

Il-Gvern ta' Robert Abela indirizza l-bżonnijiet ekonomiċi tal-familji billi żied il-kapaċità tagħhom permezz ta' tax cuts konsekuttivi li ħallew aktar flus fil-but tal-poplu. Din l-attenzjoni kienet strateġika u prattika: familji Maltin u Għawdxin setgħu jippjanaw l-ispiża ta' kuljum b'aktar kunfidenza, filwaqt li x-xogħol tagħhom baqa' jiġi appoġġat minn stabbiltà ekonomika li tħalli spazju għall-ġid u l-prosperità personali. Is-sitt snin ta' tmexxija kienu wkoll ta' stabbiltà fil-prezz tal-enerġija, tal-gass u tal-fjuwil, fejn filwaqt li pajjiżi oħra fl-Ewropa esperjenzaw żidiet rekord, il-familji f'Malta raw sitwazzjoni aktar preċiża u prevedibbli li wriet kif politika responsabbli tista' tipproteġi l-benesseri tal-poplu u tippermetti ħajja b'serħan ilmoħħ. Din l-istabbiltà kienet ta' benefiċċju dirett lill-familji, li setgħu jippjanaw ix-xiri tad-dar, l-istudju tal-uliedhom u l-investimenti personali mingħajr biża' ta' xokkijiet finanzjarji.

### Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata

Il-ħajja b'serħan il-moħħ ma ġietx miżrugħa biss permezz ta' flus jew benefiċċji, iżda wkoll b'bilanċ effettiv bejn xogħol u ħajja privata. Ħaddiem li jista' jikkombina responsabbiltajiet professjonali u familjari b'mod flessibbli huwa ħaddiem iktar produttiv u familja iktar sodisfatta. Ġie miżjud leave addizzjonali għal kull ħaddiem, żieda fil-paternity leave kif ukoll leave speċjali għal self-employed u ġenituri bi trabi NPICU (Neonatal Paediatric Intensive Care Unit). L-estensjoni tal-carer's leave u l-urgent family leave għal sa 32 siegħa wriet ċar li l-politika soċjali kienet qed tindirizza mhux biss il-bżonnijiet finanzjarji iżda wkoll il-ħtiġijiet emozzjonali u prattiċi tal-familji.

### Politika Soċjali bħala Strateġija għall-Kwalità tal-Ħajja

Dawn il-miżuri kollha flimkien wrew li politika soċjali tajba mhix biss apparat finanzjarju imma strateġija li tagħti spinta lill-kwalità tal-ħajja. Il-familji jistgħu jgawdu iktar ħin flimkien, iż-żgħażagħ jiffokaw fuq l-edukazzjoni u l-karrieri tagħhom, u l-ġenituri u l-pensjonanti jistgħu jħossu sigurtà li kienet nieqsa fil-passat. Il-Gvern ħaseb ukoll dwar il-futur tal-ġenerazzjonijiet li ġejjin, billi dawn il-miżuri ma kinux għal sena jew tnejn biss, iżda bħala bażi biex jinbena pajjiż b'opportunitajiet sostenibbli għal kulħadd.

### Żgħażagħ u Edukazzjoni fil-Qalba tal-Futur

Il-Gvern ta' Robert Abela fehem li l-edukazzjoni u ż-żgħażagħ huma ċ-ċentru tal-futur tal-pajjiż. Fl-istess sitt snin, ġew introdotti miżuri konkreti biex kull student u żagħżugħ ikollu opportunità li jħares lejn il-karriera u l-ħajja b'kunfidenza. L-istudenti kollha bdew jibbenefikaw minn żieda ta' 15 fil-mija fl-istipendju tagħhom, li tfisser appoġġ finanzjarju konkret għal madwar 30,000 student. Għall-istudenti Għawdxin li qed jistudjaw f'Malta, il-benefiċċji kienu sa 70 fil-mija ogħla, b'allowance addizzjonali ta' €280 fix-xahar. Dawn il-miżuri jħeġġu ż-żgħażagħ biex jikkonċentraw fuq l-edukazzjoni tagħhom mingħajr tħassib finanzjarju u jagħtu spinta lill-ħolqien ta' karrieri sostenibbli f'oqsma manigerjali, professjonali u tekniċi.

### Politika li Tħeġġeġ Ħajja Attiva u Parteċipazzjoni Soċjali

Mhux biss l-istudenti, imma wkoll iż-żgħażagħ bejn is-16 u l-21 sena ġew inklużi f'miżuri li jtejjbu l-ħajja tagħhom b'mod pożittiv. Bħal eżempju, ġew offruti memberships ta' gym b'xejn għal sitt xhur, opportunità li tħeġġeġ ħajja attiva u b'saħħitha, kif ukoll parteċipazzjoni fil-komunità b'mod iktar produttiv. Dan juri ċar li politika pożittiva ma tiqafx fuq benefiċċji finanzjarji imma tħeġġeġ kwalità tal-ħajja u involviment komunitarju.

### Viżjoni fit-Tul għal Malta u Għawdex

Fl-istess ħin, il-Gvern investa fil-familji li qed iħaddnu l-għajnuna u l-appoġġ għal tfal b'diżabbiltà permezz tal-Carer's Grant, kif ukoll f'benefiċċji addizzjonali bħall-mekkaniżmu tal-COLA u għotjiet speċjali lill-ġenituri biex jippromwovu edukazzjoni kontinwa u l-prosperità tal-familja. Il-politika edukattiva u soċjali kienet integrata ma' strateġija ekonomika biex tinħoloq Malta li ma tħalli l-ebda familja jew student lura. L-investiment fil-futur tan-nies, kemm fil-ħajja professjonali kif ukoll f'ħajja soċjali u edukattiva, juri viżjoni twila li tmur lil hinn mill-benefiċċji immedjati u ssaħħaħ il-wegħda ta' pajjiż b'ħajja ta' serħan ilmoħħ għal kulħadd.

# SITT SNIN TA' ROBERT ABELA






YANA BORG DEBONO GRECH

Sitt snin ta' tmexxija taħt il-Prim Ministru Robert Abela għaddew tassew malajr! Għaddew malajr għax il-ħidma kienet kontinwa, meta ma waqafnix naħdmu għall-ġid tal-pajjiż. U meta kull jum li jgħaddi jkun mimli deċiżjonijiet li jħallu impatt reali fuq il-ħajja tan-nies. Għalija, dawn is-sitt snin kienu snin li fihom rajna tmexxija soda, kuraġġuża u, fuq kollox, umana.

Ma nistax ma nsemmi x-xokk li laqat lid-dinja kollha hekk kif Robert Abela kien għadu kif ħa t-tmexxija tal-pajjiż. Ħadd ma kien jistenna pandemija li ħarbtet ekonomiji sħaħ u ferm aktar b'saħħithom minn tagħna, u ġabet magħha biża', inċertezza u telf kbir ta' ħajjiet. Niftakar ċar ix-xeni li konna naraw kuljum fuq it-televiżjoni, b'mod speċjali dak li kien qed jiġri fl-Italja: sptarijiet mimlija, tobba u nurses għajjenin mejta, u twiebet li jġorruhom il-militar. Kien mument li ħalla marka fuq kulħadd. U f'dak il-mument, il-pajjiż kellu bżonn tmexxija li ma tiddejjaqx tieħu d-deċiżjonijiet diffiċli.

Robert Abela mhux biss żamm kelmtu, imma mar ferm iktar lil hinn minnha. Bħala Prim Ministru wera li t-tmexxija vera mhijiex waħda ta' suppervja, iżda waħda ta' servizz. B'ruħ soċjali qawwija u b'sens ċar ta' ġustizzja, kompla jassigura li l-ġid li jinħoloq mill-ekonomija Maltija jitqassam b'mod ġust u sostenibbli. Dan ma kienx diskors biss, iżda realtà li ħafna familji ħassew fil-ħajja ta' kuljum tagħhom.

Personalment, rajt kif eluf ta' ġenituri gawdew minn tnaqqis fit-taxxi, u dan ma jfissirx biss aktar flus fil-but, iżda aktar serħan il-moħħ. Flus li setgħu jintużaw biex jinvestu fihom infushom, fit-tagħlim u fil-futur ta' wliedhom. L-istudenti wkoll kienu prijorità ċara. Stipendji mtejba, aktar opportunitajiet, u skemi innovattivi li jħeġġu stil ta' ħajja b'saħħtu, bħall-iskema tal-gym b'xejn, huma sinjal ċar li dan il-Gvern jemmen fiż-żgħażagħ u fil-potenzjal tagħhom.

Lanqas il-pensjonanti ma tħallew barra. Żidiet sena wara sena fil-pensjonijiet fissru aktar dinjità u kwalità ta' ħajja aħjar għal dawk li taw ħajjithom jaħdmu għall-pajjiż. Dawn huma miżuri li forsi ma jagħmlux ħafna storbju, iżda jagħmlu differenza reali fil-ħajja tan-nies.

Madankollu, il-viżjoni ta' Robert Abela mhijiex limitata għall-aspetti ekonomiċi biss. Bħala ċittadin, tagħtini kuraġġ kbir nara l-impenn qawwi lejn investiment fl-ambjent u fl-ispazji ħodor. Il-proġetti fil-White Rocks, Manoel Island u Fort Campbell juru li dan il-Gvern qed jaħseb fil-kwalità tal-ħajja tal-lum, iżda wkoll f'dik tal-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Soċjetà ma timxix 'il quddiem meta jibbenefikaw biss l-aktar sinjuri, iżda meta kull persuna, irrispettivament mill-isfond tagħha, ikollha ċans timxi 'l quddiem. Dan huwa l-prinċipju li mexxa lill-Gvern Laburista tul dawn is-snin. Niftakar tajjeb il-biża' li kienu jippruvaw ixerrdu xi wħud fil-passat, li jekk Gvern Laburista jkun fil-poter, il-qgħad jiżdied u l-ekonomija tfalli. Illum, ir-realtà tkellem waħedha.

Gvern Laburista kabbar l-ekonomija, ħoloq il-ġid u qassmu b'mod ġust. Il-pandemija kienet prova kbira, iżda grazzi għal tmexxija li dejjem ħarset 'il quddiem u ħalliet il-finanzi tal-pajjiż f'pożizzjoni b'saħħitha, Malta setgħet tgħin lin-nies u lin-negozji meta l-aktar li kellhom bżonn. L-għajnuna finanzjarja, inklużi budgets addizzjonali matul is-sena, kienet investiment li llum qed jagħti l-frott tiegħu.

In-numri huma ċari: eluf ta' impjiegi ġodda, b'mod partikolari fis-settur diġitali, aktar opportunitajiet ta' xogħol milli qatt kien hemm, u sistemi ta' e-Government li huma fost l-aqwa fid-dinja. Dan kollu juri ekonomija b'saħħitha u viżjoni ċara għall-futur.

U ħaġa waħda qed nidraw ukoll. Dak li nwegħdu aħna nwettquh kif jixhdu l-figuri ta' implimentazzjoni ta' kull budget. Mhux bħal ħaddieħor!

Għalhekk, minn qalbi nawgura lill-Prim Ministru Robert Abela aktar snin ta' suċċess. Snin li fihom, flimkien, inkomplu nibnu pajjiż aktar ġust, aktar b'saħħtu u mimli opportunitajiet għal kulħadd.









# "IMPORTANTI LI PAJJIŻ JIBNI R-REŻILJENZA BIEX JIFLAĦ GĦAX-XOKKIJIET U JIRKUPRA MALAJR META JIEĦU DAQQA"

## - Malcolm Bray, Kap tad-Dipartiment tal-Ekonomija fi ħdan il-Bank of Valletta

1. L-ekonomija globali wriet reżiljenza fl-2025, minkejja tariffi ogħla. Fatturi li għenu kienu prezzijiet taż-żejt u interessi aktar baxxi. It-tkabbir mondjali fl-2026 mistenni jibqa' madwar 3%, filwaqt li t-tkabbir fl-Unjoni Ewropea mistenni jkun ftit iktar min 1%.

It-tensjonijiet ġeopolitiċi joħolqu inċertezza, li tagħmel ħażin. Madankollu, jaf ikun hemm opportunità għal pajjiżi li jixtiequ jibnu mill-ġdid l-industriji tagħhom biex jiddependu inqas fuq l-importazzjoni. Barra minnhekk, jekk ikun hemm infiq iktar fuq id-difiża u investiment ogħla fit-teknoloġija, bħal dak assoċjat mal-intelliġenza artifiċjali, dawn joħolqu stimolu ekonomiku ġdid.

2. Il-globalizzazzjoni kkontribwiet għall-modernazzjoni fl-inflazzjoni madwar id-dinja. Il-pajjiżi issa qiegħed jivvalutaw mill-ġdid id-dipendenzi tagħhom u jagħżlu li jbiddlu l-mudelli kummerċjali biex jagħtu prijorità akbar fuq l-affidabbiltà u jorbtu iktar ma' pajjiżi ġirien u ħbieb, flok ifittxu biss prodotti irħas. Dan ifisser li l-prezzijiet tal-prodotti jistgħu jogħlew.

Malta, bħala ekonomija miftuħa, li tiddependi ħafna fuq l-importazzjoni, hija esposta għal kwalunkwe ċaqliq fil-prezzijiet minn barra, li jistgħu jkunu iktar minħabba l-ispejjeż tat-trasport. Madankollu, fiż-żona tal-ewro, inkluża Malta, sakemm ma jkunx hemm xokkijiet ġodda, il-kunsens bejn l-esperti huwa li l-inflazzjoni fis-snin li ġejjin se tkompli riesqa lejn it-2%, li hija l-mira tal-Bank Ċentrali Ewropew,

3. Qegħdin ngħixu f'perjodu fejn ix-xokkijiet saru aktar regolari. Irridu naddattaw lilna nfusna għal perjodi ta' inċertezza. L-importanti huwa li pajjiż jibni r-reżiljenza biex jiflaħ għax-xokkijiet u jirkupra malajr meta jieħu daqqa. Pajjiżi differenti ma jiffaċċjawx l-istess realtajiet.

Malta kienet storja ta' suċċess fejn grazzi għad-diversifikazzjoni ekonomika tagħha, l-appoġġ li ngħata mill-Gvern, rati tal-imgħax stabbli u turiżmu qawwi, esperjenzat irkupru malajr u tkabbir ogħli wara l-pandemija. Jekk inħarsu 'l quddiem, it-teknoloġija se jkollha rwol importanti, hekk kif ħafna pajjiżi jiffaċċjaw il-prospetti ta' popolazzjoni tixjiħ u fertilità baxxa. L-intelliġenza artifiċjali tista' tgħin ittaffi dawn l-isfidi jekk twassal għal produttività ogħla. L-impatt se jiddependi fuq kemm il-pajjiżi jirnexxilhom jadottaw malajr din it-teknoloġija fl-isferi kollha tal-ħajja u tan-negozju.

4. L-impatt sħiħ tat-tariffi għad irid jiġi determinat. Meta n-negozji saru konxji tal-prospetti tat-tariffi kienu pro-attivi biżżejjed biex jesportaw il-prodotti tagħhom qabel l-introduzzjoni ta' tali tariffi.

Din hija raġuni waħda għaliex it-tkabbir ekonomiku ma kienx affettwat ħafna fl-2025.

'Il quddiem, inqas kummerċ jista' jkollu impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku. Madankollu, s'issa t-tbassir ekonomiċi ma jurux bidliet kbar mix-xejriet tal-2025, peress li r-reżiljenza osservata s-sena li għaddiet tawgura li anke din is-sena l-affarijiet jimxu normali u ma jkunux daqshekk ħżiena kif kienu mistennija fil-bidunett.

M'hemmx dubju, l-esperjenza mill-passat biex tgħinna nbassru eżattament x'se jiġri

"Malta kienet storja ta' suċċess fejn grazzi għad-diversifikazzjoni ekonomika tagħha, l-appoġġ li ngħata mill-Gvern, rati tal-imgħax stabbli u turiżmu qawwi, esperjenzat irkupru malajr u tkabbir ogħli wara l-pandemija... Hemm kunsens li t-tkabbir ekonomiku f'Malta mistenni jkun qrib l-4%."



għax il-mudelli ekonomiċi ma jaqbdux il-kumplessitajiet kollha tal-iżviluppi kurrenti.

5. Jekk tħares lejn it-tbassir ekonomiku mill-Kummissjoni Ewropea, il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-aġenziji tar-ratings internazzjonali, hemm kunsens li t-tkabbir ekonomiku f'Malta mistenni jkun qrib l-4%. Bħala pajjiż żgħir, Malta spiss uriet li tista' timxi 'il quddiem anke jekk ikun hemm problemi barra minn xtutna.

Tkabbir ekonomiku jfisser aktar impjiegi, dħul ogħla għall-familji, iktar konsum, negozju tajjeb u finanzi pubbliċi li jippermettu iktar infiq fuq programmi soċjali u investimenti.

## WATERPOLO - KAMPJONAT EWROPEW

# MALTA TIKSEB IT-TIENI REBĦA

MALTA ........................................ 20
SLOVAKKJA............................. 11
(4-4, 7-4, 3-1, 6-2)

It-team Malti kiseb it-tieni rebħa wara l-oħra u jinsab fit-triq li jtemm l-impenji tiegħu fit-13-il post minn 16 tal-Kampjonat Ewropew 2026 tal-waterpolo li qed isir f'Belgrad, is-Serbja.

Il-Maltin rebħu tlieta missessjonijiet wara li fl-ewwel waħda ġew maqsuma tmien goals. Jekk illum jegħlbu lis-Slovenja l-post li qed jilagħbu għalih m'għandux jaħarbilhom minn taħt idejhom.

Kienu s-Slovakkja li ħarġu l-aħjar meta marru 2-0 minn fuq permezz ta' Adam Firman u Maros Tkac u wara dan Stevie Camilleri skorja doppjetta qabel u wara goal ta' Samuel Balaz bl-iskor isir 4-2 għas-Slovakkja. Iżda goals minn Alec Fenech u Nikolai Zammit (man-up) għamlu l-iskor 4-4.

Fit-tieni sessjoni saru xejn inqas minn 11-il goal bil-Maltin itemmuha bi tliet goals fil-vantaġġ. Camilleri (man-up) u Ivan Nagaev (pen) għamlu l-iskor 6-4 għal Malta.

Firman naqqas il-marġni għal 6-5 iżda għalih irrispondew Elijah Schembri (man-up) u Liam Galea.

Il-goals komplew ġejjin fejn Matej Caray, Firman u Lukas Semen skorjaw tlieta għas-Slovakkja, iżda Fenech darbtejn u Camilleri skorjaw tlieta oħra għall-Maltin biex l-iskor sar 11-8 favur pajjiżna.

It-tielet sessjoni l-Maltin rebħuha 3-1 b'goals minn Galea 2 u Fenech (pen) biex għamlu l-iskor 14-9 u r-rebħa kienet kważi ġewwa.

Fil-fatt hekk kien għax fir-raba' sessjoni l-Maltin skorjaw sitt darbiet mingħajr risposta minn Camilleri (pen) Schembri, Ben Plumpton, Camilleri u Galea 2 li kollha ġew bi player iżjed fil-pitch.

Iżda l-logħba kien fadlilha żewġ goals oħra minn Caray u Tomas Bielik biex il-Maltin temmewha rebbieħa 20-11 differenza ta' disa' goals u llum jmorru għat-tielet rebħa nfila ħalli itemmu fit-13-il post.

Għas-Slovakkja skorjaw Adam Firman 3, Mataj Caraj 3, Marco Mihaj 1, Maros Tkac 1, Lukas Semen 1, Tomas Bielik 1 u Samuel Balaz 1

*Malta*: Jake Tanti, Ivan Nagaev 1, Liam Galea 4, Ben Plumpton 1, Benji Cachia, Matthew Zammit, Stevie Camilleri 6, Jayden Cutajar, Nikolai Zammit 1, Darren Zammit, Alec Fenech 5, Nicky Grixti, Elijah Schembri 2 u Jake Bonavia.

*Referees*: Adrej Franulovic (Kroazja), Tamas Kovacs-Csatlos (Ungerija).

Fil-logħba l-oħra Iżrael għelbu lis-Slovenja 15-14 (2-3, 3-1, 3-4, 3-3 – Pens 4-3).

*Illum*: 10.15 am Malta v Slovenja; 12.45 pm Slovakkja v Iżrael.

*Riżultati oħra*: Grupp E: Spanja v Montenegro 14-6 (4-1, 5-2, 5-2, 0-1); Ungerija v Olanda 16-11 (4-4, 4-2, 3-4, 5-1); Serbja v Franza 14-10 (4-2, 5-2, 3-2, 2-4).

## SNOOKER – MASTERS

# John Higgins fil-finali tal-lum

John Higgins sar l-ewwel player li għadda għall-finali tal-lum tal-Masters li qed isir f'Alexandra Palace, Londra, wara li fl-ewwel semi-finali għeleb lil Judd Trump 6-4. Huwa se jiltaqa' mar-rebbieħ bejn Wu Yize u Kyren Wilson li temmew il-logħba tagħhom tard ilbieraħ filgħaxija.

Trump ma setax kellu bidu aqwa milli kellu meta rebaħ l-ewwel tliet frames bi break ta' 60 fit-tielet wieħed b'Higgins jippottja 46 punt biss fit-tliet frames. Iżda sal-mistrieħ Higgins naqqas il-marġni meta rebaħ ir-raba' frame.

Il-veteran Skoċċiż kompla bil-momentum meta rebaħ il-ħames frame b'century ta' 104 bi Trump jieħu s-sitt frame bi break ta' 70.

Higgins għamel break ieħor ta' 57 biex resaq viċin 4-3 bit-tmien frame jkun wieħed drammatiku meta wara 62 minn Higgins, Trump għamel 63 u rebħu biex illidja 5-3.

Madankollu, Higgins ma kellux jiġi mċaħħad minn finali oħra meta rebaħ l-aħħar tliet frames, l-aħħar tnejn bi breaks ta' 70 u 57.

Wara li nkisbu disa' riżultati ta' 6-2 u tnejn ta' 6-5, Wu kiseb l-uniku whitewash s'issa meta għeleb lill-kompatrijott tiegħu, Xiao Guodong, 6-0, f'logħba li dan qattagħha jħares meta ppottja 85 punt biss fis-sitt frames.

Wu beda b'century ta' 112 u wara ieħor ta' 90 b'Xiao jagħmel 10 punti biss fit-tnejn u sal-mistrieħ Wu għamilhom 4-0 bi break ta' 60.

Meta kompla l-logħob Wu ma ħarisx lura meta breaks ta' 84 u 99 rawh jasal sal-linja tat-tmiem u jagħlaq il-logħba.

L-aħħar kwarti-finali kellha andament ferm differentili meta marret favur Wilson li rebaħ 6-5 fi tmiem drammatiku.

Intant Wilson beda billi rebaħ tliet frames wara xulxin bi tliet breaks, tnejn minnhom centuries li kienu ta' 110, 59 u 105. Sal-mistrieħ Robertson naqqas il-marġni għal 3-1 u meta reġgħu bdew Wilson żied ieħor biex mar 4-1 minn fuq bi break ta' 66.

L-iskor sar 4-4 bi tliet breaks mill-Awstraljan li kienu ta' 110, 107 u 65 biex mar għall-ewwel darba fil-vantaġġ.

It-tielet century ta' 111 minn Wilson rah jagħmel l-iskor 5-5 bil-frame deċiżiv imur għand Wilson li qata' il-passaġġ għall-aħħar erbgħa.

## >> FIL-QOSOR

**FEDERICO CHIESA** – Juventus qed inaqqsu l-interess tagħhom li jerġgħu jiffirmaw lill-attakkant internazzjonali Taljan, Federico Chiesa, 28 sena, mingħand Liverpool.

**KOBBIE MAINOO** – Il-midfielder tal-Ingilterra, Kobbie Mainoo, jista' jfittex li jikseb self jekk il-ħin tal-logħob tiegħu ma' Manchester United ma jitjiebx dan ix-xahar, b'Napoli jillidjaw it-taqtiegħa għall-player ta' 20 sena.

**DANI CEBALLOS** – Aston Villa jistgħu jiċċaqilqu għall-midfielder ta' Real Madrid u Spanja, Dani Ceballos, 29 sena, wara li tilfu l-opportunità li jiffirmaw lil Conor Gallagher.

**BERNARDO SILVA** – Galatasaray, Napoli, Juventus u clubs fl-Arabja Sawdija qed josservaw lill-midfielder Portugiż, Bernardo Silva, 32 sena, li jinsab fl-aħħar sena tal-kuntratt tiegħu ma' Manchester City u għadu ma qabilx dwar wieħed ġdid.

**OLIVER GLASNER** – Il-manager ta' Crystal Palace li se jintemmlu l-kuntratt fis-sajf li ġej, Oliver Glasner, huwa wieħed mill-ismijiet li qed jiġu kkunsidrati biex fi tmiem l-istaġun imexxi lil Manchester United.

**JAMES WARD-PROWSE** – Il-midfielder tal-Ingilterra, James Ward-Prowse, 31 sena, jista' jiġi offrut rotta minn West Ham, hekk kif Burnley huma interessati fl-eks captain ta' Southampton.

**ZINEDINE ZIDANE** – L-eks coach ta' Real Madrid, Zinedine Zidane, qed jiġi kkunsidrat biex jieħu post Didier Deschamps bħala coach nazzjonali ta' Franza.

**JORGEN STRAND LARSEN** – Leeds United staqsew dwar id-disponibbiltà tal-attakkant Norveġiż, Jorgen Strand Larsen, 25 sena, iżda għadhom ma għamlux offerta lil Wolves.

**FRANCESCO PIO ESPOSITO** – Inter se joffru kuntratt ġdid lil Francesco Pio Esposito, 20 sena, biex jevitaw l-interess mill-clubs tal-Premier League fl-attakkant Taljan.

**JEAN-PHILIPPE MATETA** – Crystal Palace qed jiffaċċjaw it-telf ta' player ewlieni ieħor, bl-attakkant Franċiż, Jean-Philippe Mateta, 28 sena, miftuħ għal sfida ġdida u Juventus jinsabu interessati.

**VINICIUS JR.** – Real Madrid se jiftħu taħditiet kuntrattwali mal-attakkant Brażiljan, Vicinius Jr, 25 sena, wara t-tluq ta' Xabi Alonso mill-Bernabeu.

**HARRY MAGUIRE** – Manchester United irrifjutaw diversi talbiet minn clubs tal-Premier League u Milan għad-difensur internazzjonali Ingliż, Harry Maguire, 32 sena, dan ix-xahar.

**JESURUN RAK-SAKYI** – Stoke City iridu jiffirmaw lill-winger Ingliż, Jesurun Rak-Sakyi, 23 sena, b'self mingħand Crystal Palace għall-bqija tal-istaġun.

**RICARDO PEPI** – Fulham jibqgħu interessati f'Ricardo Pepi, 23 sena, ta' PSV, minkejja li l-attakkant tal-Istati Uniti sofra ksur f'dirgħajh aktar kmieni dan ix-xahar.

**VASILIJE KOSTOV** – Il-midfielder ta' Red Star Belgrad u s-Serbja, Vasilije Kostov, 17-il sena, qed jiġi segwit minn Arsenal.

**SDIKI CHERIF** – L-offerta ta' Crystal Palace għal self b'obbligu ta' xiri għal Sidiki Cherif, 19-il sena, ġiet miċħuda minn Angers li huma interessati biss fi ftehim permanenti għall-attakkant żagħżugħ Franċiż.

**TARIK MUHAREMOVIC** – Newcastle ħarġu bħala kandidati għal Tarik Muharemovic, 22 sena, ta' Sassuolo, iżda qed jiffaċċjaw kompetizzjoni minn Milan għad-difensur ta' Bosnia-Herzegovina

**DRO FERNANDEZ** – Chelsea u Manchester City qed jillidjaw it-taqtiegħa biex jiffirmaw lill-midfielder Spanjol ta' Barcelona, Dro Fernandez, 18-il sena, li għandu klawsola ta' rilaxx ta' £5.1 miljuni fil-kuntratt tiegħu.

## PREMIER LEAGUE INGLIŻ

# MAN C. UMILJATI MINN MAN U.

Fil-Premier League Ingliż, Manchester City marru għand Manchester United u ħarġu telliefa bl-iskor ta' 2-0 biex minbarra li ħadu skoss qawwi fit-tenattiv li jkomplu jisfidaw għar-rebħ tat-titlu, qatt ma laħqu l-livell tar-Red Devils li wrew kwalitá fil-logħob tagħhom u saħansitra sfaw umiljati tattikament.

**Man Utd v Man City** - Manchester United għelbu lil Manchester City bl-iskor ta' 2-0 liema riżultat seta' kien ferm akbar meta wieħed iqisu li kellhom żewġ goals annullati ta' Bruno Fernandes u Mason Mount għal pożizzjonijiet millimetriċi ta' off-side.

Wara taqsima ta' mingħajr goals, il-United skorjaw darbtejn minn Bryan Mbeumo (65) u Patrick Dorgu (76).

**Chelsea v Brentford** - Chelsea żammew il-pass fl-isfida għall-kwalifikazzjoni tal-UEFA Champions League meta f'darhom għelbu lil Brentford bl-iskor ta' 2-0 bil-goals jaslu wieħed f'kull taqsima minn Joao Pedro (26) u Cole Palmer (76 pen).

**Leeds U. v Fulham** - Leeds United irreġistraw rebħa drammatika fuq Fulham bl-iskor ta' 1-0 bil-goal jasal minn Luka Nmecha (91).

**Liverpool v Burnley** - Liverpool ġew miżmuma fi draw ta' 1-1 minn Burnley biex issa l-pressjoni fuq il-manager, Arne Slot, li jitkeċċa qed tikber

Kien Florian Wirtz (42) li fetaħ l-iskor wara li Dominik Szoboszlai (32) falla penalty.

Burnley kisbu d-draw minn Marcus Edwards (65).

**Sunderland v C. Palace** - Sunderland dawru telfa f'rebħa bl-iskor ta' 2-1 permezz ta' Enzo Le Fee (33) u Brian Brobbery (71) wara li Yeremy Pino (30) fetaħ l-iskor għall-Palace.

**Tottenham v West Ham** - F'darhom Tottenham ġew megħluba minn West Ham bl-iskor ta' 2-1, bil-goals tal-Hammers jaslu minn Crysencio Summerville (15) u Callum Wilson (93) filwaqt li Cristian Romero (64) kiseb id-draw momentarju għal Spurs.

**Nottm F. v Arsenal** - Minkejja li Arsenal żiedu punt ieħor fil-quċċata tal-klassifika, huma ma approfittawx bis-sħiħ mit-telfa ta' Manchester City hekk kif huma temmew fi draw ta' 0-0 għand Nottingham Forest.

Għalkemm iddominaw, huma ma setgħux isibu t-triq lejn ix-xibka avversarja.



Mbeumo jifraħ ma' Amad wara li skorja għal Man Utd kontra Man City



**RIŻULTATI FOOTBALL INGLIŻ**

**Premier League**

Man U.v Man C. ........................2-0
Chelsea v Brentford ..................2-0
Leeds U. v Fulham ....................1-0
Liverpool v Burnley ...................1-1
Sunderland v C. Palace ............2-1
Tottenham v West Ham ............1-2
Nottm F. v Arsenal ....................0-0
Illum
Wolves v Newcastle ............... *3.00
Aston Villa v Everton ........... *5.30
Għada
Brighton v Bournemouth ..... *9.00
*(Diretti fuq Go u Melita)*

Klassifika

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Arsenal | 22 | 15 | 5 | 2 | 40 | 14 | 50 |
| Man City | 22 | 13 | 4 | 5 | 45 | 21 | 43 |
| Aston Villa | 21 | 13 | 4 | 4 | 33 | 24 | 43 |
| Liverpool | 22 | 10 | 6 | 6 | 33 | 29 | 36 |
| Man Utd | 22 | 9 | 8 | 5 | 38 | 32 | 35 |
| Chelsea | 22 | 9 | 7 | 6 | 36 | 24 | 34 |
| Brentford | 22 | 10 | 3 | 9 | 35 | 30 | 33 |
| Sunderland | 22 | 8 | 9 | 5 | 23 | 23 | 33 |
| Newcastle | 21 | 9 | 5 | 7 | 32 | 27 | 32 |
| Fulham | 22 | 9 | 4 | 9 | 30 | 31 | 31 |
| Brighton | 21 | 7 | 8 | 6 | 31 | 28 | 29 |
| Everton | 21 | 8 | 5 | 8 | 23 | 25 | 29 |
| C. Palace | 22 | 7 | 7 | 8 | 23 | 25 | 28 |
| Tottenham | 22 | 7 | 6 | 9 | 31 | 29 | 27 |
| Bournemouth | 21 | 6 | 8 | 7 | 34 | 40 | 26 |
| Leeds | 22 | 6 | 7 | 9 | 30 | 37 | 25 |
| Nottm F. | 22 | 6 | 4 | 12 | 21 | 34 | 22 |
| West Ham | 22 | 4 | 5 | 13 | 24 | 44 | 17 |
| Burnley | 22 | 3 | 5 | 14 | 23 | 42 | 14 |
| Wolves | 21 | 1 | 4 | 16 | 15 | 41 | 7 |

**Championship**

WBA v Middlesbrough ............2-3
Charlton v Sheffield U..............1-0
Coventry v Leicester C. ............2-1
Ipswich v Blackburn .................3-0
Oxford U. v Bristol C. ..............0-0
Preston v Derby C. ...................0-1
Sheffield W. v Portsmouth ......0-1
Southampton v Hull C. ............1-2
Stoke C. v QPR .........................0-0
Watford v Millwall ....................1-2
Wrexham v Norwich .................1-2
Swansea v Birmingham ...........1-1

**League One**

Barnsley v Blackpool ................2-1
Bradford C. v Cardiff C. ...........1-2
Burton v Huddersfield .............3-1
Exeter C. v Stevenage ...............3-0
Leyton O. v Reading .................3-1
Luton T. v Lincoln C. ................2-2
Mansfield v Port Vale ...............3-0
Northampton v Wycombe ........1-2
Peterborough v Plymouth .......0-1
Stockport v Rotherham ...........3-2
Wigan v Bolton .........................0-1
Wimbledon v Doncaster ..........0-1

**League Two**

Accrington v MK Dons ............0-2
Bristol R. v Colchester ..............0-1
Chesterfield v Bromley .............0-0
Crawley v Notts C. ....................1-2
Crewe v Barrow .........................3-1
Fleetwood v Cambridge U. ......1-2
Gillingham v Newport ..............3-2
Grimsby v Barnet ......................1-0
Oldham v Cheltenham .............2-1
Shrewsbury v Harrogate ..........1-0
Swindon v Salford C. ...............2-3
Tranmere v Walsall ...................1-3

## AFCON

### In-Niġerja jtemmu fit-tielet post

In-Niġerja temmew l-avventura tagħhom fit-Tazza tan-Nazzjonijiet Afrikani fuq nota pożittiva meta fil-partita għat-tielet post huma għelbu lill-Eġittu bl-iskor ta' 4-2 bl-għoti tal-penalties wara li temmew 0-0.

L-erba' players li skorjaw mill-11-il metru għan-Niġerja kienu Alex Iwobi, Ademola Lookman, Moses Simon u Akor Adams filwaqt li ż-żewġ penalties skorjati għan-Niġerjani waslu minn Ramy Rabia u Mahmoud Saber.

*Illum, fil-5.00 pm, tintlagħab il-finali bejn il-pajjiż ospitu, il-Marokk, u s-Senegal.

Filwaqt li fis-semi-finali l-Marokk għelbu lin-Niġerija 4-2 bl-għoti tal-penalties wara li temmew 0-0, is-Senegal eliminaw lill-Eġittu bl-iskor ta' 1-0.

## SERIE A

### Inter jerġgħu jifthu vantaġġ ta' sitt punti

Fis-Serie A, Inter għamlu pass ieħor lejn ir-rebħ tal-Iscudetto meta marru għand Udinese u f'partita diffiċli ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 1-0.

Il-goal importanti wasal mis-solitu Lautaro Martinez (20) li kkonkluda wara li rċieva mingħand Pio Esposito.

F'kull partita ġiet rispettata minuta silenzju hekk kif tħabbret il-mewt tal-president ta' Fiorentina, Rocco Commisso, wara marda twila terminali.

**Napoli v Sassuolo** - Napoli żammew il-pass meta ospitaw lil Sassuolo u għelbuhom bl-iskor ta' 1-0, bil-goal importanti jasal minn Stanislav Lobotka (7).

**Pisa v Atalanta** - Fil-partita ta' nhar il-Ġimgħa, Pisa u Atalanta spiċċaw fi draw ta' 1-1. Kien Nikola Krstovic (83) li fetaħ l-iskor għal Atalanta iżda Rafiu Durosinmi (87) kiseb id-draw għat-team ospitu.

**SERIE A**

Udinese v Inter .........................0-1
Napoli v Sassuolo .....................1-0
Pisa v Atalanta ..........................1-1
Cagliari v Juventus ............. (tard)
Illum
Parma v Genoa...................... 12.30
Bologna v Fiorentina ............. 3.00
Torino v Roma ........................ 6.00
Milan v Lecce .......................... 8.45
Għada
Cremonese v Verona .............. 6.30
Lazio v Como .......................... 8.45

**SERIE B**

Monza v Frosinone ..................2-2
Empoli v Sudtirol......................0-1
Padova v Mantova.....................1-2
Avellino v Carrarese .................1-2
Venezia v Catanzaro .................3-1
Reggiana v Cesena ....................1-2
Sampdoria v Virtus Entella.....1-1
Bari v Juve Stabia ................ (tard)
Pescara v Modena..............(illum)
Palermo v Spezia...............(illum)

**FOOTBALL SKOĊĊIŻ**

**Tazza Skoċċiż - IV Round**

Rangers v Annan A......................5-0
Airdrie v Arbroath .....................3-3
*(Airdrie 4-2 bil-pens)*
Carmelon Jnr v Elgin C. ...........1-3
Dundee U. v Ayr U....................2-0
Dunfermline v Hibernian .......1-0
Kelty H. v Cove R. ....................1-1
Kilmarnock v Dundee ..............1-2
Livingston v St Mirren .............1-1
Motherwell v Ross C. ...............1-0
Partick v Montrose ....................3-1
Spartans v Inverness CT ..........0-0
Stenhousemuir v Morton .........4-0
Hearts v Falkirk ............................
Aberdeen v Raith ............. (illum)
Auchinleck v Celtic ........... (illum)

**League One**

Peterhead v Hamilton...............3-3

**League Two**

Strling A. v E. Kilbride..............1-2

**BUNDESLIGA**

Werder B. v Eintracht F............3-3
Wolfsburg v Heidenheim.......1-1
Borussia D. v St Pauli..............3-2
Hamburg v Borussia M...........0-0
Hoffenheim v Leverkusen......1-0
Cologne v Mainz ......................2-1
Leipzig v Bayern M..................1-5
Stuttgart v Union Berlin ..(illum)
Augsburg v Freiburg ........(illum)

# FLORIANA JDAWRU TELFA F'REBĦA, HAMRUN S. KELLHOM JITĦABTU


Dunstan Vella (Floriana) segwit minn Moura Cardoso Joao Vitor (Naxxar L.) - (ritratt: Mark Mangion)

**FLORIANA.........3**
**NAXXAR LIONS.........1**

Floriana dawru telfa f'rebħa biex għelbu lil Naxxar Lions bl-iskor ta' 3-1 li kien ġejjin minn tliet rebħie konsekuttivi.

Il-Lions kellhom bidu tajjeb meta fil-ħames minuta fetħu l-iskor minn JOAO SOUZA DOS SANTOS li qabad lill-goalkeeper ta' Floriana barra minn postu.

Iżda Floriana kisbu d-draw b'xutt angolat ta' JAKE GRECH (48) biex dan kien il-50 goal skorjat mill-players Maltin.

Fil-57 minuta, KENAN DERVISAGIC (57) xeħithom fil-vantaġġ b'xutt mill-viċin.

Fis-76 minuta, il-Greens aċċertaw mir-rebħa b'xutt qawwi ta' LINHARES AREIAS.

*Floriana:* Guilherme Cioletti Ferreira Da Silva, Myles Beerman, Kenan Dervisagic (Francisco Jose Coelho Teixeira 79), Federico Valera Escudero (Emerson Piscopo 89), Dunstan Vella, Alen Kurtalic, Owen Spiteri, Mustapha Jah (Rui Manuel Linhares Areias 29), Gonzalo Julian Gamarra (Jake Grech 46), Iago Perreira Mendonca - *Coach:* Daniel Portela

*Naxxar L.:* Matthias Debono, Joao Pedro De Souza Iseppe, Theo Seara Kruger, Mark Fenech (Christian Gauci 75), Edson Cerqueira Farias, Joao Victor Souza Dos Santos, Yeangel Emilio Montero Manzano (Christian Cedric Kontchou Nganmin 75), Rosiel Pereira Da Silva, Mattias Micallef (Neil Pace Cocks 75), Vinicius Ferreira De Jesus, Joao Vitor Moura Cardoso - *Coach:* Winston Muscat

*Referee:* Daniel Casha

*Assistenti:* Luke Portelli, David Castillo

*Raba' Uff.:* Philip Farrugia

*Skorers:* J. Souza dos Santos 5 (NL); J. Grech 48, K. Dervisagic (57), R. Linhares Areias 76 (F)

*Ammoniti:* J. Cardoso, T. Seara Kruger (NL); R. Areias (F)

*Player tal-Logħba:* Jake Grech

**LOGĦOB GĦAL-LUM**

Centenary Stadium
11.00 pm: Gzira U. v Marsasxlokk

Tony Bezzina Stadium
5.00 pm: Birkirkara v Hibernians

**HAMRUN SPARTANS.........2**
**TARXIEN RAINBOWS.........1**

Hamrun Spartans, li rebħu l-Opening Round, kellhom jitħabtu biex għelbu lil Tarxien Rainbows li spiċċaw fl-aħħar post fl-ewwel fażi tal-kampjonat, bl-iskor ta' 2-1.

L-Ispartans fetħu l-iskor fl-44 minuta minn Matthew Guillaumier biex inkuruna r-ritorn tiegħu b'goal wara li kien ħalla lill-istess Spartans fl-2023 ... bl-aħħar goal tiegħu kien skorjat kontra Floriana, nhar l-4 ta' Frar, 2023.

Imbagħad, kien Jonny Torres li rdoppja għall-Ispartans u meta kulħadd ħaseb li l-Ispartans se jirreġistraw rebħa komda, kien id-debuttant Niġerjan, Anthony Abidemi Lokosa (67) li rega' fetaħ dan il-konfront beraħ iżda t-Tarxiniżi ma rnexxielhom jiksbu l-parità.

Peró, fuq nota pożittiva r-Rainbows huma verament team trasformat mill-Opening Round.

*Hamrun S.:* Francisco Celio Da Paz Silva Filho, Rafael Petrilio Compri, Matthew Guillaumier, Shaisen Attard (Sven Xerri 80), Matias Nicolas Garcia, Joseph Mbong, Vincenzo Polito, Damir Ceter Valencia (N'Dri Koffi 61), Ognjen Bjelicic (Ederson Bruno Domingos 80), Danilo Bulevardi (Jonny Torres 61), Emerson Marcelina - *Coach:* Giacomo Modica

*Tarxien R.:* Andrea Cassar, Abdelrahman Gaafar Ali Alhagi, Anthony Abidemi Lokosa, Claudio Henrique Da Silva Barbosa, Angel Jesus Valverde Ledezma, Nhayson Huanne Da Silva Rosa, Yilson Alejandro Mosquera Bedoya, Marko Musulin (Kwasi Donsu 58), Petar Panic, Andreas Vella (Isidoro Hinestroza Hernandez 78), Marcus Grima (Luke Anthony Borg 69) - *Coach:* Jacques Scerri

*Referee:* Emanuel Grech

*Assistenti:* James Muscat, Mark Ciantar

*Raba' Uff.:* Ezekiel Barbara

*Skorers:* M. Guillaumier 44, J. Torres 62 (HS); A. Lokosa 67 (TR)

*Ammoniti:* M. Grima (TR)

*Player tal-Logħba:* Joseph Mbong (Hamrun S.)

**MOSTA.........0**
**VALLETTA.........5**

Fil-partita li ntlagħbet tard nhar il-Ġimgħa filgħaxija, Valletta warrbu għal kollox l-isfida ta' Mosta meta meritatament għelbuhom bl-iskor ta' 5-0 liema rebħa mmaturat fit-tieni taqsima.

Filwaqt li l-Beltin kienu qed jirritornaw għar-rebħ wara d-draw ta' mingħajr goals kontra Floriana, din kienet ir-raba' darba nfila li ma sofrew l-ebda goal.

Huma kellhom bidu mill-aqwa meta fit-tielet minuta fetħu l-iskor minn THAYLOR ALDAMA meta mill-cross ta' Yuri De Jesus Messias kompla l-ballun għal ġewwa.

Kien fit-78 minuta li l-Beltin irdoppjaw meta EMMANUEL MOISES MBENDE kkonkluda bir-ras mill-cross ta' Aldama.

Fl-84 minuta, komplew ikabbru l-vantaġġ mis-sostitut ANDREA ZAMMIT biex bit-92 minuta, l-istess player skorja r-raba' goal b'xutt li għadda minn taħt il-goalkeeper David Udoh Akpan.

Żewġ minuti wara, ANDREA ZAMMIT għaqqad il-hat-trick personali fi spazju ta' 10 minuta meta xeħet fix-xibka b'mod faċli wara li Akpan żelaq fit-tenattiv li jinterċetta l-ballun.

*Mosta:* David Udoh Akpan, Aiden Agius, Matthew Bolanos Garcia, Senghor Diamanka, Gianluca Sciberras (Giancarlo Goncalves 60), Nathan Agius, Pedro Augusto Da Silva, Simon Zibo (Bradley Farrugia 89), Jake Vassallo (Kayden Farrugia 89), Zachary Brincat (Prince Emmanuel Chibuzor 60), Joaquim Da Silva (Sunday Okereke 70) - *Coach:* Joseph Grech

*Valletta:* Adilson Aguero dos Santos, Steve Borg (Neil Micallef 30), Brandon Paiber, Jake Azzopardi, Yannick Yankam (Thomas Melillo 89), Keith Brewer Jr, Emmanuel Moise Mbende, Yuri De Jesus Messias, Sava Radic, Thaylor Aldama (Mattias Ellul 89), Stijn Meijer (Andrea Zammit 80) - *Coach:* Thane Micallef

*Referee:* Daniel Portelli

*Assistenti:* Duncan Spencer, Robert Curtis

*Raba' Uff.:* Alex Johnson

*Skorers:* T. Aldama 3, E. M. Mbende 78, A. Zammit 84, 92, 94 (V)

*Ammoniti:* T. Aldama, S. Meijer (V), A. Agius (M)

*Player tal-Logħba:* Thaylor Aldama (V)

**RIŻULTATI**

**MFA**

**Premier League**

| | |
|---|---|
| Sliema W. v Zabbar SP | 1-0 |
| Mosta v Valletta | 0-5 |
| Floriana v Naxxar L. | 3-1 |
| Hamrun S. v Tarxien R. | 2-1 |
| Gzira U. v Marsaxlokk | (illum) |
| Birkirkara v Hibernians | (illum) |

**Challenge League**

| | |
|---|---|
| Gudja U. v Sirens | 1-0 |
| St Andrew's v Balzan | 0-2 |
| Zebbug R. v Melita | 1-4 |
| Vittoriosa S. v Birżebbuġa SP | 1-1 |
| Pietá H. v Fgura U. | (illum) |
| Swieqi U. v Zurrieq | (illum) |
| Mtarfa v Mgarr U. | (illum) |
| Marsa v Sta Lucia | (illum) |

**Amateur League 1**

| | |
|---|---|
| Victoria H. v Mellieħa | 1-0 |
| Xgħajra T. v San Gwann | 1-1 |
| Qormi v Kirkop U. | 2-0 |
| Mqabba v Zejtun C. | 3-1 |
| Luqa SA v Senglea A. | (illum) |
| Lija A. v Pembroke A. | (illum) |
| Attard v Qrendi | (illum) |

**Amateur League 2**

| | |
|---|---|
| Għaxaq v Kalkara | 0-3 |
| Dingli S. v Mdina K. | 1-0 |
| Msida SJ v Rabat A. | (illum) |
| Għargħur v Ta' Xbiex | (illum) |
| Marsaskala v St Venera L. | (illum) |
| St George's v Siggiewi | (illum) |

**GOZO FA**

**I Diviżjoni**

| | |
|---|---|
| Xagħra U. v Qala S. | (illum) |
| Xewkija T. v Kercem A. | (illum) |

**II Diviżjoni**

| | |
|---|---|
| Zebbug R. v St Lawrence S. | 1-2 |
| Munxar F. v Oratory Y. | 2-3 |


ĊENSU MORAN
ĊENTRU REĠJONALI TAS-SAĦĦA
OPEN
DAY
IL-ĦADD
25 TA' JANNAR 2026
10AM - 6PM
GOOGLE MAPS
PROGRAMME OF ACTIVITIES